# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 304

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 57

23 ta' Ottubru 2014

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

2014/733/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Ottubru 2014 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Senegal u tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu** ..... 1

**Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Senegal** ..... 3

REGOLAMENTI

★ **Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1118/2014 tat-8 ta' Ottubru 2014 dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd skont il-Protokoll ta' Implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Senegal** ..... 41

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1119/2014 tas-16 ta' Ottubru 2014 li jemenda l-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-livelli massimi ta' residwi għall-klorur tal-benżalkonju u l-klorur tad-dideċildimetilammonju f'ċerti prodotti jew fuqhom** [1] ..... 43

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1120/2014 tal-20 ta' Ottubru 2014 li jistabbilixxi projbizzjoni tas-sajd għall-merlangu fiż-żoni VIIb, VIIc, VIId, VIIe, VIIf, VIIg, VIIh, VIIj u VIIk minn bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Spanja** ..... 75

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1121/2014 tal-20 ta' Ottubru 2014 li jistabbilixxi projbizzjoni tas-sajd għal-lingwata komuni fiż-żoni VIIIa u VIIIb minn bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Spanja** ..... 77

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1122/2014 tal-20 ta' Ottubru 2014 li jistabbilixxi projbizzjoni tas-sajd għall-marlin abjad fl-Oċean Atlantiku minn bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Spanja** ..... 79

[1] Test b'rilevanza għaż-ŻEE

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.
It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1123/2014 tat-22 ta' Ottubru 2014 li jemenda d-Direttiva 2008/38/KE li tistabbilixxi lista ta' użu intiż tal-materjali tal-għalf għall-annimali għal skopijiet partikolari nutrizzjonali** (1) ..... 81

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1124/2014 tat-22 ta' Ottubru 2014 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex ..... 87

DIRETTIVI

★ **Direttiva tal-Kummissjoni 2014/99/UE tal-21 ta' Ottubru 2014 li għall-finijiet biex tiġi adattata mal-progress tekniku, temenda d-Direttiva 2009/126/KE dwar il-Fażi II tal-irkupru tal-fwar tal-petrol waqt ir-riforniment bil-karburant tal-vetturi bil-mutur fl-istazzjonijiet ta' servizz** 89

DEĊIŻJONIJIET

2014/734/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2014 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni stabbilit mill-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, fuq naħa waħda, u dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, fuq in-naħa l-oħra, rigward is-sostituzzjoni tal-Protokoll 4 ta' dak il-Ftehim, fir-rigward tad-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva, bi protokoll ġdid li, rigward ir-regoli ta' oriġini, jirreferi għall-Konvenzjoni reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-oriġini pan-Ewro-Mediterranji** ..... 91

2014/735/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2014 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni stabbilit permezz tal-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni tal-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom fuq naħa, u r-Repubblika tal-Montenegro, fuq in-naħa l-oħra, dwar is-sostituzzjoni tal-Protokoll 3 ta' dak il-Ftehim, dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u metodi ta' koperazzjoni amministrattiva, bi Protokoll ġdid li, rigward ir-regoli ta' oriġini, jirreferi għall-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-oriġini pan-Ewro-Mediterranji** 97

2014/736/UE:

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tat-22 ta' Ottubru 2014 li tikkoreġi l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/461/UE dwar deroga temporanja mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/755/UE, rigward ir-regoli ta' oriġini tal-gambli u gambli kbar, li huma ppreparati u ppreżervati, ġejjin mill-Groenlandja** ..... 102

(1) Test b'rilevanza għaż-ŻEE

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**tat-8 ta' Ottubru 2014**

**dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Senegal u tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu**

(2014/733/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 43 tiegħu, flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) L-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Senegal innegozjaw Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim") u Protokoll ta' Implimentazzjoni(minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Protokoll") tal-Ftehim ta' Sħubija li jagħtu opportunitajiet tas-sajd lill-bastimenti tal-Unjoni fl-ilmijiet li jaqgħu fis-sovranità jew il-ġurisdizzjoni tar-Repubblika tas-Senegal f'dak li għandu x'jaqsam mas-sajd.

(2) Il-Ftehim u l-Protokoll ġew inizjalati fil-25 ta' April 2014 wara li ntemmu dawn in-negozjati.

(3) Il-Ftehim jħassar il-Ftehim preċedenti li ġie konkluż bejn il-Gvern tar-Repubblika tas-Senegal u l-Komunità Ekonomika Ewropea dwar is-sajd lil hinn mill-kosta tas-Senegal ([1]) u li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 1981.

(4) L-Artikolu 17 tal-Ftehim u l-Artikolu 12 tal-Protokoll jipprevedu, rispettivament, l-applikazzjoni provviżorja tagħhom mid-data tal-iffirmar tagħhom.

(5) Il-Ftehim u l-Protokoll tiegħu għandhom jiġu ffirmati.

(6) Sabiex ikun żgurat li l-bastimenti tal-Unjoni jkomplu jwettqu l-attivitajiet tas-sajd tagħhom, il-Ftehim u l-Protokoll tiegħu għandhom jiġu applikati b'mod provviżorju sa ma jitlestew il-proċeduri meħtieġa għall-konklużjoni tagħhom,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-iffirmar tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Senegal u tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu f'isem l-Unjoni b'dan huwa awtorizzat, dejjem jekk dan il-Ftehim u dan il-Protokoll ikunu ġew konklużi.

It-test tal-Ftehim u dak tal-Protokoll huma mehmużin ma' din id-Deċiżjoni.

---

([1]) Ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika tas-Senegal u l-Komunità Ekonomika Ewropea dwar is-sajd lil hinn mill-kosta tas-Senegal (ĠU L 226, 29.8.1980, p. 17).

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill hu awtorizzat jaħtar persuni biex jiffirmaw il-Ftehim u l-Protokoll f'isem l-Unjoni.

*Artikolu 3*

Skont l-Artikolu 17 tiegħu, il-Ftehim għandu japplika b'mod provviżorju mid-data tal-iffirmar tiegħu ([1]) sa ma jitlestew il-proċeduri meħtieġa għall-konklużjoni tiegħu.

*Artikolu 4*

Skont l-Artikolu 12 tiegħu, il-Protokoll għandu japplika b'mod provviżorju mid-data tal-iffirmar tiegħu ([2]) sa ma jitlestew il-proċeduri meħtieġa għall-konklużjoni tiegħu.

*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, it-8 ta' Ottubru 2014.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. LUPI

([1]) Id-data tal-iffirmar tal-Ftehim se tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

([2]) Id-data tal-iffirmar tal-Protokoll se tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

# FTEHIM TA' SĦUBIJA DWAR IS-SAJD SOSTENIBBLI BEJN L-UNJONI EWROPEA U R-REPUBBLIKA TAS-SENEGAL

L-UNJONI EWROPEA, minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Unjoni", u

R-REPUBBLIKA TAS-SENEGAL, minn hawn 'il quddiem imsejħa "is-Senegal",

minn hawn 'il quddiem imsejħin "il-Partijiet",

FILWAQT LI JQISU r-relazzjoni ta' ħidma mill-qrib bejn l-Unjoni u s-Senegal, speċjalment fil-kuntest tal-Ftehim ta' Cotonou, u x-xewqa tagħhom it-tnejn li jsaħħu dik ir-relazzjoni,

WARA LI KKUNSIDRAW il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tal-1982 dwar il-Liġi tal-Baħar u l-Ftehim tal-1995 dwar l-Istokkijiet ta' Ħut Transżonali,

DETERMINATI li japplikaw id-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet meħudin mill-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd rilevanti li l-Partijiet huma membri tagħhom,

KONXJI mill-importanza tal-prinċipji stabbiliti fil-Kodiċi ta' Mġiba dwar is-Sajd Responsabbli li ġie adottat mill-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti (l-FAO) fl-1995,

DETERMINATI li jikkooperaw, fl-interess reċiproku tagħhom, għall-istabbiliment ta' sajd responsabbli biex jiġi żgurat l-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar u l-konservazzjoni fit-tul tagħhom,

KONVINTI li din il-kooperazzjoni għandha tissejjes fuq il-kumplimentarjetà tal-inizjattivi u l-azzjonijiet imwettqin kemm b'mod konġunt kif ukoll minn kull waħda mill-Partijiet billi jiġu żgurati l-koerenza tal-politiki u s-sinerġija tal-isforzi,

DEĊIŻI, għall-finijiet ta' kooperazzjoni bħal din, li l-Partijiet għandhom jistabbilixxu d-djalogu meħtieġ għall-implimentazzjoni tal-politiki tas-sajd tas-Senegal billi jinvolvu lill-operaturi tas-soċjetà ċivili, u b'mod partikulari lill-industrija tas-sajd,

ĦERQANA biex jistabbilixxu t-termini u l-kundizzjonijiet li jirregolaw l-attivitajiet tas-sajd tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni fl-ilmijiet tas-Senegal, minn naħa waħda, u li jirregolaw l-appoġġ mogħti mill-Unjoni għall-iżvilupp tas-sajd sostenibbli f'dawk l-ilmijiet, min-naħa l-oħra;

DEĊIŻI li jikkooperaw mill-qrib mil-lat ekonomiku fl-industrija tas-sajd u fl-attivitajiet relatati magħha billi jheġġu l-kooperazzjoni bejn il-kumpaniji miż-żewġ Partijiet,

FTEHMU KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

## Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim:

(a) "l-awtoritajiet tas-Senegal" tfisser il-Ministeru tar-Repubblika tas-Senegal li huwa responsabbli għall-qasam tas-sajd;

(b) "l-awtoritajiet tal-Unjoni" tfisser il-Kummissjoni Ewropea;

(c) "attività tas-sajd" tfisser it-tiftix għall-ħut, it-tfigħ il-baħar, il-kalar, it-tkarkir u l-irfigħ tal-irkaptu tas-sajd, it-teħid tal-qabdiet abbord, it-trasbord, iż-żamma abbord, l-ipproċessar abbord, it-trasferiment, it-tqegħid fil-gaġeġ, is-simna u l-ħatt l-art tal-ħut u tal-prodotti tas-sajd;

(d) "bastiment tas-sajd" tfisser kull bastiment jew dgħajsa oħra użata għas-sajd jew mgħammra biex tintuża għal hekk, jew li tkun ta' tip li s-soltu jintuża għal hekk skont il-liġijiet tas-Senegal;

(e) "bastiment tas-sajd tal-Unjoni" tfisser kull bastiment tas-sajd li jtajjar il-bandiera ta' Stat Membru tal-UE u li huwa rreġistrat fl-Unjoni;

(f) "ilmijiet tas-Senegal" tfisser l-ilmijiet li jaqgħu taħt is-sovranità jew il-ġuriżdizzjoni tas-Senegal;

(g) "Ftehim" tfisser il-Ftehim, il-Protokoll u l-Anness u l-Appendiċi tiegħu;

(h) "forza maġġuri" tfisser avvenimenti li jseħħu f'daqqa waħda, li ma jistgħux jiġu previsti u li ma jistgħux jiġu evitati, li jistgħu jipperikolaw jew jipprevjenu l-attivitajiet normali tas-sajd fl-ilmijiet tas-Senegal.

*Artikolu 2*

**Suġġett**

Dan il-Ftehim jistabbilixxi l-prinċipji, ir-regoli u l-proċeduri li jirregolaw:

(a) il-kundizzjonijiet li bihom il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni jistgħu jwettqu l-attivitajiet tas-sajd fl-ilmijiet tas-Senegal fil-limiti tal-ammonti żejda disponibbli;

(b) il-kooperazzjoni ekonomika, finanzjarja, teknika u xjentifika fis-settur tas-sajd, bil-għan li jiġi promoss is-sajd sostenibbli fl-ilmijiet tas-Senegal u li jiġi żviluppat is-settur tas-sajd tas-Senegal;

(c) il-kooperazzjoni dwar il-metodi ta' kontroll tas-sajd fl-ilmijiet tas-Senegal sabiex jiġu żgurati l-konformità mar-regoli u l-kundizzjonijiet imsemmijin hawn fuq, l-effikaċja tal-miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni tar-riżorsi tas-sajd u l-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux rappurtat u mhux regolat.

*Artikolu 3*

**Prinċipji**

1. Il-Partijiet jintrabtu li jippromwovu s-sajd responsabbli fl-ilmijiet tas-Senegal skont il-Kodiċi ta' Mġiba dwar is-Sajd Responsabbli tal-FAO.

2. Is-Senegal jintrabat li ma joffrix kundizzjonijiet iktar favorevoli minn dawk previsti f'dan il-Ftehim lil partijiet ta' flotot barranin oħrajn li jkun hemm fl-ilmijiet tiegħu li l-bastimenti tagħhom ikollhom l-istess karatteristiċi bħal dawk imsemmija f'dan il-Ftehim u li jkunu qed jistadu għall-istess speċijiet.

3. Il-Partijiet jintrabtu li jiżguraw li dan il-Ftehim jiġi implimentat skont l-Artikolu 9 tal-Ftehim ta' Cotonou dwar l-elementi essenzjali marbutin mad-drittijiet tal-bniedem, mal-prinċipji demokratiċi u mal-Istat tad-dritt u dwar l-element fundamentali marbut mal-amministrazzjoni t-tajba, skont il-proċedura stabbilita fl-Artikoli 8 u 96 tiegħu.

4. Il-Partijiet jintrabtu li jiżguraw li dan il-Ftehim jiġi implimentat skont il-prinċipji tal-amministrazzjoni ekonomika u soċjali tajba, u b'mod li tithares il-qagħda tar-riżorsi tas-sajd.

5. Id-Dikjarazzjoni tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (l-ILO) dwar id-drittijiet u l-prinċipji fundamentali fuq il-post tax-xogħol tapplika kollha kemm hi għall-baħrin li jittellgħu abbord il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni. Dan għandu x'jaqsam l-iktar mal-libertà tal-assoċjazzjoni, mar-rikonoxximent effettiv tad-dritt tal-ħaddiema għan-negozjar kollettiv u mat-tneħħija tad-diskriminazzjoni marbuta mal-impjiegi u mal-professjoni.

6. Il-Partijiet għandhom jikkonsultaw bejniethom qabel ma jadottaw kwalunkwe deċiżjoni li tista' taffettwa l-attivitajiet tal-bastimenti tal-Unjoni fil-kuntest ta' dan il-Ftehim.

*Artikolu 4*

**Aċċess għall-ilmijiet tas-Senegal**

1. Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni jistgħu jwettqu l-attivitajiet tagħhom fl-ilmijiet tas-Senegal biss jekk ikollhom awtorizzazzjoni tas-sajd maħruġa skont dan il-Ftehim u ma jistgħu jwettqu l-ebda attività oħra tas-sajd li mhix fil-kuntest ta' dan il-Ftehim.

2. L-awtoritajiet tas-Senegal jistgħu joħorġu awtorizzazzjonijiet tas-sajd għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni fil-kuntest ta' dan il-Ftehim biss u dawn il-bastimenti ma tista' tinħarġilhom l-ebda awtorizzazzjoni oħra lil hinn minn dan il-kuntest, b'mod partikulari fil-forma ta' liċenzji privati.

*Artikolu 5*

**Liġi applikabbli u implimentazzjoni**

1. Mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet previsti f'dan il-Ftehim, l-attivitajiet tas-sajd regolati minn dan il-Ftehim għandhom jaqgħu taħt il-liġijiet tas-Senegal.

2. L-awtoritajiet tas-Senegal għandhom jgħarrfu lill-awtoritajiet tal-Unjoni bi kwalunkwe emenda fil-liġijiet li tista' taffettwa l-attivitajiet tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni. Dawn il-liġijiet għandhom japplikaw għal dawn il-bastimenti mis-sittin jum minn meta l-awtoritajiet tal-Unjoni jirċievu n-notifika.

3. Is-Senegal jintrabat li jieħu l-passi xierqa kollha biex jiżgura li l-miżuri ta' kontroll tas-sajd previsti f'dan il-Ftehim jiġu applikati b'mod effettiv. Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għandhom jikkooperaw mal-awtoritajiet tas-Senegal li għandhom ir-responsabbiltà jwettqu dawn il-kontrolli.

4. L-Unjoni tintrabat li tieħu l-passi xierqa kollha biex tiżgura li l-bastimenti tagħha jħarsu d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim u tal-leġislazzjoni tas-Senegal rilevanti.

5. L-awtoritajiet tal-Unjoni għandhom jgħarrfu lill-awtoritajiet tas-Senegal bi kwalunkwe emenda fil-liġijiet li tista' taffettwa l-attivitajiet tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni fil-kuntest ta' dan il-Ftehim.

*Artikolu 6*

**Kontribuzzjoni finanzjarja**

1. Fil-kuntest ta' dan il-Ftehim, l-Unjoni għandha tagħti kontribuzzjoni finanzjarja lis-Senegal sabiex:

(a) tiffinanzja parti mill-ispejjeż tal-aċċess tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għar-riżorsi tas-sajd tas-Senegal, irrispettivament mill-parti mill-ispejjeż tal-aċċess li jridu jħallsu s-sidien tal-bastimenti;

(b) issaħħaħ il-kapaċità tas-Senegal li jfassal u jimplimenta politika sostenibbli tas-sajd permezz tal-appoġġ settorjali.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja għall-appoġġ settorjali għandha tkun separata mill-ħlasijiet marbutin mal-ispejjeż talaċċess. Din tiddependi fuq il-kisba tal-għanijiet tal-politika settorjali tas-sajd tas-Senegal skont il-proċeduri previsti fil-Protokoll ta' dan il-Ftehim u skont il-programmazzjoni annwali u pluriennali ta' implimentazzjoni u tiġi stabbilita abbażi ta' dan.

3. Il-kontribuzzjoni finanzjarja mogħtija mill-Unjoni għandha titħallas kull sena, skont il-proċeduri stabbiliti fil-Protokoll. L-ammont ta' din il-kontribuzzjoni jista' jinbidel fil-każijiet li ġejjin:

(a) f'każ ta' forza maġġuri;

(b) f'każ ta' tnaqqis fl-opportunitajiet tas-sajd mogħtija lill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, b'mod partikulari huma u jiġu applikati miżuri ta' ġestjoni tal-istokkijiet ikkonċernati, li jitqiesu bħala meħtieġa għall-konservazzjoni u għall-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi abbażi tal-aqwa parir xjentifiku disponibbli;

(c) f'każ ta' żieda fl-opportunitajiet tas-sajd mogħtija lill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni jekk il-qagħda tar-riżorsi tas-sajd tkun tippermetti dan skont l-aqwa parir xjentifiku disponibbli;

(d) f'każ ta' evalwazzjoni mill-ġdid tal-kundizzjonijiet tal-kontribuzzjoni finanzjarja għall-appoġġ settorjali, meta r-riżultati tal-programmazzjoni annwali u pluriennali osservati mill-Partijiet jiġġustifikaw dan;

(e) f'każ li dan il-Ftehim jiġi sospiż skont l-Artikolu 13 tiegħu;

(f) f'każ li dan il-Ftehim jintemm skont l-Artikolu 14 tiegħu.

*Artikolu 7*

**Kumitat Konġunt**

1. Għandu jitwaqqaf Kumitat Konġunt magħmul minn rappreżentanti tal-awtoritajiet tal-Unjoni u tas-Senegal, li jkollu r-responsabbiltà jimmonitorja l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim. Barra minn hekk, il-Kumitat jista' jadotta emendi għall-Protokoll, għall-Anness u għall-Appendiċi.

2. Sabiex jimmonitorja l-implimentazzjoni tal-Ftehim, il-Kumitat Konġunt għandu jwettaq b'mod partikulari dan li ġej:

(a) għandu jimmonitorja t-twettiq ta' dan il-Ftehim u l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tiegħu u, b'mod partikulari, iddefinizzjoni tal-programmazzjoni annwali u pluriennali msemmija fl-Artikolu 6(2) u l-evalwazzjoni tal-implimentazzjoni tagħha;

(b) għandu jiżgura l-komunikazzjoni u l-kooperazzjoni meħtieġa dwar kwistjonijiet ta' interess komuni fil-qasam tassajd;

(c) iservi ta' forum sabiex jissolvew b'mod amikevoli l-kwistjonijiet li jistgħu jinqalgħu mill-interpretazzjoni jew l-implimentazzjoni tal-Ftehim.

3. Ir-rwol ta' teħid tad-deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt jikkonsisti fl-approvazzjoni tal-emendi għall-Protokoll ta' dan il-Ftehim u għall-Anness u l-Appendiċi tiegħu li għandhom x'jaqsmu ma' dan li ġej:

(a) ir-reviżjoni tal-opportunitajiet tas-sajd u b'hekk tal-kontribuzzjoni finanzjarja rilevanti;

(b) il-proċeduri tal-appoġġ settorjali;

(c) il-kundizzjonijiet li bihom il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni jistgħu jwettqu l-attivitajiet tas-sajd tagħhom.

Id-deċiżjonijiet għandhom jittieħdu b'kunsens u għandhom jitniżżlu f'anness mal-minuti tal-laqgħa.

4. Il-Kumitat Konġunt għandu jwettaq ħidmietu skont l-għanijiet ta' dan il-Ftehim u skont ir-regoli rilevanti adottati mill-organizzazzjonijiet reġjonali tas-sajd.

5. Dan il-Kumitat għandu jiltaqa' tal-inqas darba f'sena, fis-Senegal jew fl-Unjoni, fuq bażi alternattiva, jew f'post ieħor magħżul bi ftehim reċiproku, u għandu jkun presedut mill-Parti ta' fejn tkun qed issir il-laqgħa. Dan għandu jiltaqa' b'mod straordinarju fuq talba ta' waħda mill-Partijiet.

*Artikolu 8*

**Kooperazzjoni fil-qasam tas-sorveljanza u tal-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux rappurtat u mhux regolat**

Il-Partijiet jintrabtu li jikkollaboraw mill-qrib fil-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux rappurtat u mhux regolat sabiex ikun hemm sajd responsabbli u sostenibbli.

*Artikolu 9*

**Kooperazzjoni fil-qasam tax-xjenza**

1. Il-Partijiet se jippromwovu l-kooperazzjoni fil-qasam tax-xjenza sabiex ikun żgurat monitoraġġ aħjar tal-qagħda tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar fl-ilmijiet tas-Senegal.

2. Il-Partijiet għandhom jikkonsultaw bejniethom, l-iktar fi ħdan grupp ta' ħidma konġunta xjentifika, kif ukoll fi ħdan l-organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti, bil-għan li jsaħħu l-ġestjoni u l-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi fl-Oċean Atlantiku, u li jikkooperaw b'rabta mar-riċerka xjentifika rilevanti.

*Artikolu 10*

**Kooperazzjoni bejn l-organizzazzjonijiet professjonali tas-sajd, is-settur privat u s-soċjetà ċivili**

1. Il-Partijiet għandhom jippromwovu l-kooperazzjoni ekonomika u teknika fis-settur tas-sajd u fis-setturi marbutin miegħu. Huma jistgħu jikkonsultaw bejniethom sabiex jiffaċilitaw u jikkoordinaw l-azzjonijiet differenti li jistgħu jiġu previsti għal dan il-għan.

2. Il-Partijiet jintrabtu li jippromwovu l-iskambju tal-informazzjoni dwar it-tekniki u l-irkaptu tas-sajd, il-metodi ta' konservazzjoni u l-ipproċessar industrijali tal-prodotti tas-sajd.

3. Il-Partijiet għandhom jagħmlu ħilithom sabiex joħolqu l-kundizzjonijiet adattati għall-promozzjoni tar-relazzjonijiet bejn l-intrapriżi tagħhom fl-oqsma tekniċi, ekonomiċi u kummerċjali, billi jinkoraġġixxu l-ħolqien ta' ambjent favorevoli għall-iżvilupp tan-negozju u tal-investiment. Meta jkun xieraq, huma għandhom jippromwovu t-twaqqif ta' kumpaniji konġunti.

*Artikolu 11*

**Kamp ta' applikazzjoni**

Dan il-Ftehim għandu japplika għat-territorji li fihom japplika t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea skont il-kundizzjonijiet previsti f'dak it-Trattat, minn naħa waħda, u għas-Senegal, min-naħa l-oħra.

*Artikolu 12*

**Tul ta' żmien**

Dan il-Ftehim għandu japplika għal perjodu ta' ħames snin minn meta jidħol fis-seħħ u għandu jiġġedded b'mod taċitu sakemm ma jintemmx skont l-Artikolu 14.

*Artikolu 13*

**Sospensjoni**

1. L-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim tista' tiġi sospiża b'mod unilaterali minn waħda mill-Partijiet fil-każijiet li ġejjin:

(a) f'każ ta' forza maġġuri;

(b) f'każ ta' nuqqas ta' qbil bejn il-Partijiet dwar l-interpretazzjoni ta' dan il-Ftehim jew l-implimentazzjoni tiegħu;

(c) f'każ ta' ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim minn waħda mill-Partijiet, b'mod partikulari tal-Artikolu 3(3) dwar il-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem.

2. Għandha tintbagħat notifika bil-miktub dwar is-sospensjoni tal-Ftehim lill-Parti l-oħra u s-sospensjoni għandha tidħol fis-seħħ tliet xhur wara li tasal din in-notifika. Il-Partijiet għandhom jikkonsultaw bejniethom hekk kif tasal in-notifika tas-sospensjoni sabiex isibu soluzzjoni amikevoli għal din is-sitwazzjoni fi żmien tliet xhur. Dawn il-konsultazzjonijiet jistgħu jibqgħu għaddejjin anki wara li tidħol fis-seħħ is-sospensjoni. Jekk tinstab soluzzjoni amikevoli għal din is-sitwazzjoni, il-Ftehim jerġa' jibda jiġi implimentat mingħajr dewmien u l-ħlas tal-kontribuzzjoni finanzjarja msemmija fl-Artikolu 6 jitnaqqas b'mod proporzjonat u *pro rata temporis*.

*Artikolu 14*

**Terminazzjoni**

1. Dan il-Ftehim jista' jintemm b'mod unilaterali minn waħda mill-Partijiet fil-każijiet li ġejjin:

(a) f'każ ta' forza maġġuri;

(b) f'każ ta' degradazzjoni tal-istokkijiet ikkonċernati skont l-aqwa parir xjentifiku indipendenti u affidabbli disponibbli;

(c) f'każ ta' nuqqas ta' użu tal-opportunitajiet tas-sajd mogħtija lill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni;

(d) f'każ ta' ksur tal-impenji li daħlu għalihom il-Partijiet fil-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux rappurtat u mhux regolat.

2. Għandha tintbagħat notifika bil-miktub dwar it-terminazzjoni tal-Ftehim lill-Parti l-oħra u t-terminazzjoni għandha tidħol fis-seħħ sitt xhur wara li tasal din in-notifika, sakemm il-Partijiet ma jaqblux bejniethom li jtawlu dan il-perjodu. Il-Partijiet għandhom jikkonsultaw bejniethom hekk kif tasal in-notifika tat-terminazzjoni sabiex isibu soluzzjoni amikevoli għal din is-sitwazzjoni fi żmien sitt xhur. Jekk tinstab soluzzjoni amikevoli għal din is-sitwazzjoni, il-Ftehim jerġa' jibda jiġi implimentat mingħajr dewmien u l-ħlas tal-kontribuzzjoni finanzjarja msemmija fl-Artikolu 6 jitnaqqas b'mod proporzjonat u *pro rata temporis*.

*Artikolu 15*

**Tħassir**

Il-Ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika tas-Senegal u l-Komunità Ekonomika Ewropea dwar is-sajd lil hinn mill-kosta tas-Senegal li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 1981 b'dan qed jitħassar.

*Artikolu 16*

**Dħul fis-seħħ**

Dan il-Ftehim qed jitfassal f'żewġ kopji bil-Bulgaru, biċ-Ċek, bid-Daniż, bl-Estonjan, bil-Finlandiż, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bil-Grieg, bl-Ingliż, bl-Ispanjol, bl-Isvediż, bil-Kroat, bil-Latvjan, bil-Litwan, bil-Malti, bl-Olandiż, bil-Pollakk, bil-Portugiż, bir-Rumen, bis-Slovakk, bis-Sloven, bit-Taljan u bl-Ungeriż, u kull wieħed minn dawn it-testi huwa awtentiku bl-istess mod.

Dan jidħol fis-seħħ fid-data meta l-Partijiet jinnotifikaw lil xulxin li lestew il-proċeduri meħtieġa għal dak il-għan.

*Artikolu 17*

**Applikazzjoni provviżorja**

L-iffirmar ta' dan il-Ftehim min-naħa tal-Partijiet iwassal għall-applikazzjoni provviżorja tiegħu qabel id-dħul fis-seħħ tiegħu.

*Għall-Unjoni Ewropea*

*Għar-Repubblika tas-Senegal*

# PROTOKOLL

## dwar l-Implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd sostenibbli Bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Senegal

*Artikolu 1*

**Kamp ta' applikazzjoni**

1. Qed jiġu stabbiliti l-opportunitajiet tas-sajd li ġejjin għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni:

— għall-ispeċijiet tal-ħut li jpassi ħafna (imniżżlin fl-Anness I tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tal-1982 dwar il-Liġi tal-Baħar), ħlief għall-ispeċijiet li huma protetti jew ipprojbiti mill-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (l-ICCAT):

(a) 28 bastiment tas-sajd għat-tonn bit-tartaruni mgħammra bi friża;

(b) 8 bastimenti tas-sajd bil-qasab u x-xlief;

— għall-ħut tal-qiegħ li jgħix f'baħar fond:

(c) 2 bastimenti tat-tkarkir.

Dan il-paragrafu għandu japplika suġġett għall-Artikoli 5 u 6 ta' dan il-Protokoll.

2. L-opportunitajiet tas-sajd deskritti fl-ewwel paragrafu għandhom x'jaqsmu biss maż-żoni tas-sajd tas-Senegal li l-koordinati ġeografiċi tagħhom huma mogħtija fl-Anness.

*Artikolu 2*

**Tul ta' żmien**

Dan il-Protokoll u l-Anness tiegħu għandhom japplikaw għal perjodu ta' ħames snin minn meta jidħol fis-seħħ il-Protokoll, jew minn meta dan jibda jiġi applikat b'mod provviżorju.

*Artikolu 3*

**Kontribuzzjoni finanzjarja**

1. Għall-perjodu msemmi fl-Artikolu 2, il-valur totali stmat tal-Protokoll huwa ta' EUR 13 930 000. Dan l-ammont huwa mqassam kif ġej:

1.1. EUR 8 690 000 bħala l-kontribuzzjoni finanzjarja msemmija fl-Artikolu 6 tal-Ftehim, li għandhom jiġu allokati kif ġej:

(1) ammont annwali ta' EUR 1 058 000 għall-ewwel sena, ta' EUR 988 000 għat-tieni, it-tielet u r-raba' sena u ta' EUR 918 000 għall-ħames sena bħala kumpens finanzjarju għall-aċċess għar-riżorsi, inkluż ammont ekwivalenti għal tunnellaġġ ta' referenza ta' 14 000 tunnellata fis-sena għall-ispeċijiet ta' ħut li jpassi ħafna;

(2) ammont speċifiku ta' EUR 750 000 fis-sena għal ħames snin bħala appoġġ għall-implimentazzjoni tal-politika settorjali tas-sajd tas-Senegal;

1.2. EUR 5 240 000 li jikkorrispondu għall-ammont stmat tal-imposti li s-sidien tal-bastimenti jridu jħallsu għall-awtorizzazzjonijiet tas-sajd maħruġin huwa u jiġi applikat l-Artikolu 4 tal-Ftehim u skont il-proċeduri previsti fil-punt 3 tal-Kapitolu II.

2. Il-paragrafu 1 għandu japplika suġġett għall-Artikoli 5, 6, 7 u 8 ta' dan il-Protokoll u għall-Artikoli 13 u 14 tal-Ftehim.

3. Is-Senegal għandu jiżgura l-monitoraġġ tal-attivitajiet tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni fiż-żoni tas-sajd tiegħu sabiex tkun żgurata ġestjoni xierqa tat-tunnellaġġ ta' referenza stabbilit fil-paragrafu 1.1(1) għall-ispeċijiet ta' ħut li jpassi ħafna u tal-qabdiet totali permissibbli għall-ispeċijiet ta' ħut tal-qiegħ imniżżlin fl-iskeda teknika korrispondenti mogħtija fl-Appendiċi tal-Anness ta' dan il-Protokoll, filwaqt li jqis il-qagħda tal-istokkijiet u kwalunkwe ammont żejjed disponibbli. Huwa u jwettaq dan il-monitoraġġ, is-Senegal għandu jgħarraf lill-awtoritajiet tal-Unjoni hekk kif il-livell ta' qabdiet

tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jkunu jinsabu fiż-żoni tas-sajd tiegħu jilħaq it-80 % tat-tunnellaġġ ta' referenza jew it-80 % tal-qabdiet totali permissibbli għall-ispeċijiet tal-ħut tal-qiegħ. Malli tirċievi din in-notifika, l-Unjoni għandha tgħarraf lill-Istati Membri tagħha biha.

4. Malli l-livell ta' qabdiet jilħaq it-80 % tat-tunnellaġġ ta' referenza jew it-80 % tal-qabdiet totali permissibbli stabbiliti għall-ispeċijiet tal-ħut tal-qiegħ, is-Senegal għandu jiżgura l-monitoraġġ ta' kull xahar tal-qabdiet tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni. Dan il-monitoraġġ għandu jseħħ kuljum ladarba tiġi implimentata s-sistema ta' rappurtar elettroniku msemmija fit-Taqsima 1 tal-Kapitolu IV tal-Anness ta' dan il-Protokoll. Is-Senegal għandu jgħarraf lill-awtoritajiet tal-Unjoni malli jintlaħaq il-livell tat-tunnellaġġ ta' referenza jew tal-qabdiet totali permissibbli msemmi hawn fuq. Malli tirċievi din in-notifika, l-Unjoni għandha tgħarraf lill-Istati Membri tagħha biha wkoll.

5. Jekk il-kwantità annwali tal-ispeċijiet ta' ħut li jpassi ħafna maqbudin mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni fl-ilmijiet tas-Senegal taqbeż il-livell annwali tat-tunnellaġġ ta' referenza msemmi fil-paragrafu 1.1(1), l-ammont totali tal-kontribuzzjoni finanzjarja annwali għandu jiżdied b'55 Euro għall-ewwel sena, b'50 Euro għat-tieni, it-tielet u r-raba' sena u b'45 Euro għall-ħames sena għal kull tunnellata addizzjonali maqbuda.

6. Il-qabdiet totali permissibbli għall-ispeċijiet tal-ħut tal-qiegħ imniżżlin fl-iskeda teknika korrispondenti mogħtija fl-Appendiċi tal-Anness ta' dan il-Protokoll jikkorrispondu għall-ammont massimu tal-qabdiet ta' dawn l-ispeċijiet awtorizzati. Jekk il-kwantità totali ta' qabdiet ta' dawn l-ispeċijiet taqbeż il-limitu permissibbli, l-imposta mniżżla fl-iskeda teknika li s-sidien tal-bastimenti biss iridu jħallsu għandha tiżdied b'50 % għall-qabdiet li jaqbżu l-limitu.

7. Madankollu, l-ammont totali annwali mħallas mill-Unjoni ma jistax ikun ogħla mid-doppju tal-ammont indikat fil-paragrafu 1.1(1). Meta l-kwantitajiet maqbudin mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni jaqbżu l-kwantitajiet li jikkorrispondu għad-doppju ta' dan l-ammont, l-ammont dovut għall-kwantità li taqbeż dan il-limitu għandu jitħallas is-sena ta' wara.

8. L-Unjoni għandha tħallas il-kontribuzzjoni finanzjarja msemmija fil-paragrafu 1.1(1) għall-aċċess tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għar-riżorsi tas-sajd tas-Senegal sa mhux aktar tard minn disgħin (90) jum mid-data tal-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll għall-ewwel sena u sa mhux aktar tard mid-data tal-anniversarju tal-iffirmar tal-Protokoll għas-snin ta' wara.

9. Il-kontribuzzjoni finanzjarja msemmija fil-paragrafu 1.1(1) għandha titħallas f'kont tat-Teżor Pubbliku tas-Senegal. Il-kontribuzzjoni finanzjarja msemmija fil-paragrafu 1.1(2) u maħsuba għall-appoġġ settorjali għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni tad-Direttorat tas-Sajd Marittimu f'kont tad-depożitu miftuħ fil-kotba tat-Teżor Pubbliku. L-awtoritajiet tas-Senegal għandhom jgħarrfu kull sena lill-Kummissjoni Ewropea bin-numri tal-kontijiet tal-bank rilevanti.

*Artikolu 4*

**Appoġġ settorjali**

1. Sa mhux aktar tard minn tliet (3) xhur wara li jidħol fis-seħħ dan il-Protokoll jew, fejn ikun applikabbli, wara li jibda japplika b'mod provviżorju, il-Kumitat Konġunt għandu jiddeċiedi fuq programm settorjali pluriennali kif ukoll fuq il-proċeduri ta' implimentazzjoni tiegħu, b'mod partikulari fuq dan li ġej:

(1) il-linji gwida annwali u pluriennali għall-użu tal-kontribuzzjoni finanzjarja msemmija fl-Artikolu 3(1.1)(2);

(2) il-miri annwali u pluriennali li għandhom jintlaħqu sabiex biż-żmien ikun hemm sajd sostenibbli u responsabbli, fil-waqt li jitqiesu l-prijoritajiet imsemmija mis-Senegal fil-politika nazzjonali tas-sajd tiegħu u f'politiki oħrajn marbutin mal-istabbiliment ta' sajd responsabbli u sostenibbli jew li għandhom impatt fuqu, speċjalment fir-rigward tal-appoġġ għas-sajd artiġjanali u tas-sorveljanza, tal-kontroll u tal-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux rappurtat u mhux regolat (is-sajd IUU), kif ukoll il-prijoritajiet marbutin mat-tisħiħ tal-kapaċitajiet xjentifiċi tas-Senegal fis-settur tas-sajd;

(3) il-kriterji u l-proċeduri li għandhom jintużaw biex jiġu evalwati r-riżultati miksubin fuq bażi annwali, fosthom, fejn ikun xieraq, l-indikaturi baġitarji u finanzjarji.

2. Il-Kumitat Konġunt għandu jidentifika l-għanijiet u għandu jagħmel valutazzjoni tal-impatt li l-proġetti mistennija jkollhom sabiex japprova l-allokazzjoni tal-ammonti tal-kontribuzzjoni finanzjarja għall-appoġġ settorjali min-naħa tas-Senegal.

3. Kull sena, is-Senegal għandu jibgħat rapport dwar il-progress li jkun sar fuq il-proġetti implimentati bil-finanzjament tal-appoġġ settorjali, li għandu jiġi eżaminat mill-Kumitat Konġunt, fil-forma ta' rapport annwali tar-riżultati miksubin. Is-Senegal għandu jagħmel ukoll rapport finali qabel ma jiskadi l-Protokoll.

4. Il-ħlas tal-kontribuzzjoni finanzjarja għall-appoġġ settorjali għandu jsir f'serje ta' ħlasijiet parzjali, abbażi ta' approċċ ibbażat fuq l-analiżi tar-riżultati tal-implimentazzjoni tal-appoġġ settorjali u tal-bżonnijiet identifikati matul il-programmazzjoni. L-Unjoni tista' tissospendi parti mill-ħlas tal-kontribuzzjoni finanzjarja speċifika prevista fl-Artikolu 3(1.1)(2) ta' dan il-Protokoll, jew tissospendih kollu kemm hu, fil-każijiet li ġejjin:

4.1. meta r-riżultati miksubin ma jkunux konformi mal-programmazzjoni wara li l-Kumitat Konġunt iwettaq evalwazzjoni;

4.2. f'każ li din il-kontribuzzjoni finanzjarja ma tintużax skont il-programmazzjoni maqbula.

Il-ħlas tal-kontribuzzjoni finanzjarja għandu jibda mill-ġdid wara konsultazzjoni bejn il-Partijiet u ftehim bejniethom, u/jew meta r-riżultati tal-implimentazzjoni finanzjarja msemmija fil-paragrafu 4 jiġġustifikawh. Madankollu, il-ħlas tal-kontribuzzjoni finanzjarja speċifika prevista fl-Artikolu 3(1.1)(2) ma jistax isir wara perjodu ta' sitt (6) xhur minn meta jiskadi dan il-Protokoll.

5. Il-Kumitat Konġunt għandu japprova kwalunkwe emenda proposta għall-programm settorjali pluriennali.

*Artikolu 5*

**Kooperazzjoni fil-qasam tax-xjenza**

1. Il-Partijiet jintrabtu li jippromwovu, fil-livell tar-reġjun tal-Afrika tal-Punent, il-kooperazzjoni b'rabta mas-sajd responsabbli. Il-Partijiet jintrabtu li jħarsu r-rakkomandazzjonijiet u r-riżoluzzjonijiet kollha tal-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (l-ICCAT) u li jqisu l-pariri xjentifiċi ta' organizzazzjonijiet reġjonali kompetenti oħrajn bħall-Kumitat tas-Sajd għall-Atlantiku Ċentrali tal-Lvant (CECAF).

2. Il-Partijiet jintrabtu li jlaqqgħu b'mod regolari u meta jkun hemm bżonn il-grupp ta' ħidma xjentifika konġunta sabiex jeżamina kull kwistjoni xjentifika li għandha x'taqsam mal-implimentazzjoni ta' dan il-Protokoll. Il-Kumitat Konġunt jistabbilixxi l-mandat, il-kompożizzjoni u l-funzjonament ta' dan il-grupp ta' ħidma xjentifika konġunta.

3. Abbażi tar-rakkomandazzjonijiet u r-riżoluzzjonijiet adottati mill-ICCAT u fid-dawl tal-aqwa parir xjentifiku disponibbli, bħal dak tas-CECAF u, fejn ikun xieraq, tar-riżultati tal-laqgħat tal-grupp ta' ħidma xjentifika konġunta, il-Kumitat Konġunt għandu jadotta miżuri biex tkun żgurata l-ġestjoni sostenibbli tal-ispeċijiet tal-ħut koperti minn dan il-Protokoll u li jikkonċernaw l-attivitajiet tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni.

*Artikolu 6*

**Reviżjoni tal-opportunitajiet tas-sajd**

1. Il-Kumitat Konġunt jista' jirrevedi l-opportunitajiet tas-sajd imsemmija fl-Artikolu 1, sakemm ir-rakkomandazzjonijiet u r-riżoluzzjonijiet adottati mill-ICCAT u l-opinjonijiet tas-CECAF jikkonfermaw li din ir-reviżjoni tiżgura l-ġestjoni sostenibbli tal-ispeċijiet tal-ħut imsemmija f'dan il-Protokoll u suġġetti għal validazzjoni mill-grupp ta' ħidma xjentifika.

2. F'dan il-każ, il-kontribuzzjoni finanzjarja msemmija fl-Artikolu 3(1.1)(1) għandha tiġi riveduta b'mod proporzjonat u *pro rata temporis*. Madankollu, l-ammont totali annwali tal-kontribuzzjoni finanzjarja mħallas mill-Unjoni ma jistax ikun ogħla mid-doppju tal-ammont imsemmi fl-Artikolu 3(1.1)(1).

*Artikolu 7*

**Opportunitajiet ġodda tas-sajd u sajd sperimentali**

1. F'każ li l-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni jkunu interessati f'attivitajiet tas-sajd li mhumiex previsti fl-Artikolu 1, il-Partijiet għandhom jikkonsultaw lil xulxin fi ħdan il-Kumitat Konġunt biex tinħareġ awtorizzazzjoni eventwali għal dawn l-attivitajiet il-ġodda. Fejn ikun xieraq, il-Kumitat Konġunt għandu jiddeċiedi dwar il-kundizzjonijiet li japplikaw għal dawn l-opportunitajiet il-ġodda tas-sajd u, jekk ikun hemm bżonn, jemenda dan il-Protokoll u l-Anness tiegħu.

2. L-awtorizzazzjoni għat-twettiq ta' attivitajiet ġodda tas-sajd għandha tinħareġ filwaqt li jitqiesu l-aqwa pariri xjentifiċi u, fejn ikun xieraq, abbażi tar-riżultati ta' kampanji xjentifiċi vvalidati mill-grupp ta' ħidma xjentifika konġunta.

3. Wara l-konsultazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1, il-Kumitat Konġunt jista' jawtorizza kampanji tas-sajd sperimentali fiż-żoni tas-sajd tas-Senegal sabiex jiġu ttestjati l-fattibbiltà teknika u l-vijabbiltà ekonomika tal-attivitajiet tas-sajd il-ġodda. Għal dan il-għan, u fuq talba tas-Senegal, il-Kumitat Konġunt għandu jistabbilixxi, każ b'każ, l-ispeċijiet, il-kundizzjonijiet u kwalunkwe parametru ieħor rilevanti. Il-Partijiet għandhom iwettqu s-sajd sperimentali skont il-kundizzjonijiet li jkun stabbilixxa l-grupp ta' ħidma xjentifika konġunt.

*Artikolu 8*

**Sospensjoni**

L-implimentazzjoni ta' dan il-Protokoll, inkluż il-ħlas tal-kontribuzzjoni finanzjarja, tista' tiġi sospiża b'mod unilaterali minn waħda mill-Partijiet fil-każijiet imniżżlin fl-Artikolu 13 tal-Ftehim u bil-kundizzjonijiet stabbiliti fih.

*Artikolu 9*

**Terminazzjoni**

Dan il-Protokoll jista' jintemm b'mod unilaterali minn waħda mill-Partijiet fil-każijiet imniżżlin fl-Artikolu 14 tal-Ftehim u bil-kundizzjonijiet stabbiliti fih.

*Artikolu 10*

**Kompjuterizzazzjoni tal-iskambji**

1. Is-Senegal u l-Unjoni intrabtu li jimplimentaw mingħajr dewmien is-sistemi kompjuterizzati meħtieġa għall-iskambju elettroniku tal-informazzjoni u d-dokumenti kollha marbutin mal-implimentazzjoni tal-Ftehim.

2. Il-verżjoni elettronika ta' kwalunkwe dokument f'kull każ għandha titqies li hija ekwivalenti għall-verżjoni stampata tiegħu.

3. Is-Senegal u l-Unjoni għandhom jgħarrfu minnufih lil xulxin b'kull ħsara fis-sistema kompjuterizzata. F'dan il-każ, l-informazzjoni u d-dokumenti marbutin mal-implimentazzjoni tal-Ftehim għandha teħdilhom posthom b'mod awtomatiku l-verżjoni stampata tagħhom.

*Artikolu 11*

**Kunfidenzjalità tad-dejta**

1. Is-Senegal u l-Unjoni jintrabtu li jittrattaw f'kull ħin id-dejta personali kollha dwar il-bastimenti tal-Unjoni u l-attivitajiet tas-sajd tagħhom miksuba fil-kuntest tal-Ftehim strettament skont il-prinċipji rispettivi tagħhom tal-kunfidenzjalità u tal-protezzjoni tad-dejta.

2. Il-Partijiet għandhom jiżguraw li d-dejta aggregata marbuta mal-attivitajiet tas-sajd fiż-żoni tas-sajd tas-Senegal biss titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku, skont id-dispożizzjonijiet korrispondenti tal-ICCAT u tal-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd l-oħrajn. Id-dejta li tista' titqies bħala kunfidenzjali għandha tintuża mill-awtoritajiet kompetenti biss għall-implimentazzjoni tal-Ftehim u għall-finijiet tal-ġestjoni tas-sajd, tal-kontroll u tas-sorveljanza.

*Artikolu 12*

**Applikazzjoni provviżorja**

Dan il-Protokoll u l-Anness u l-Appendiċi tiegħu għandhom japplikaw b'mod provviżorju minn meta ż-żewġ Partijiet jiffirmawh.

*Artikolu 13*

**Dħul fis-seħħ**

Dan il-Protokoll u l-Anness u l-Appendiċi tiegħu għandhom jidħlu fis-seħħ fid-data meta l-Partijiet jinnotifikaw lil xulxin li lestew il-proċeduri meħtieġa għal dak il-għan.

*Għall-Unjoni Ewropea*

*Għar-Repubblika tas-Senegal*

*ANNESS*

**IL-KUNDIZZJONIJIET LI JIRREGOLAW L-ATTIVITAJIET TAS-SAJD BIL-BASTIMENTI TAL-UNJONI EWROPEA FIŻ-ŻONA TAS-SAJD TAS-SENEGAL**

*KAPITOLU I*

**DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI**

1. **Ħatra tal-awtorità kompetenti**

Għall-finijiet ta' dan l-Anness u sakemm ma jkunx indikat mod ieħor, kull referenza għall-Unjoni Ewropea (l-UE) jew għar-Repubblika tas-Senegal (is-Senegal) bħala awtorità kompetenti għandha tfisser:

— għall-UE: il-Kummissjoni Ewropea, fejn ikun applikabbli permezz tad-delegazzjoni tal-UE fis-Senegal;

— għar-Repubblika tas-Senegal: il-Ministeru għas-Sajd u l-Affarijiet Marittimi.

2. Għall-finijiet tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Anness, it-terminu "awtorizzazzjoni tas-sajd" huwa ekwivalenti għat-terminu "liċenzja" kif iddefinit fil-liġijiet tas-Senegal.

3. **Żoni tas-sajd**

Iż-żoni tas-sajd tas-Senegal huma l-partijiet mill-ilmijiet tas-Senegal li fihom is-Senegal jawtorizza lill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni jwettqu attivitajiet tas-sajd skont l-Artikolu 5.1 tal-Ftehim.

3.1. Il-koordinati ġeografiċi taż-żoni tas-sajd tas-Senegal u tal-linji ta' bażi huma mogħtija fl-Appendiċi 4 tal-Anness ta' dan il-Protokoll.

3.2. Bl-istess mod, iż-żoni li fihom ma jistax isir sajd skont il-liġijiet nazzjonali fis-seħħ, bħall-parks nazzjonali, iż-żoni protetti tal-baħar u ż-żoni ta' trobbija tal-ħut, u ż-żoni li fihom ma jistax isir tbaħħir huma mogħtija fl-Appendiċi 4 tal-Anness ta' dan il-Protokoll.

3.3. Is-Senegal għandu jgħarraf lis-sidien tal-bastimenti bil-koordinati taż-żoni tas-sajd u taż-żoni pprojbiti meta joħorġilhom l-awtorizzazzjoni tas-sajd.

3.4. Is-Senegal għandu jgħarraf lill-Kummissjoni Ewropea bi kwalunkwe bidla f'dawn iż-żoni tal-inqas xahrejn qabel ma din tibda tapplika.

4. **Perjodu ta' waqfien mis-sajd għal raġunijiet bijoloġiċi**

Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li huma awtorizzati jwettqu l-attivitajiet tagħhom skont dan il-Protokoll għandhom iħarsu kwalunkwe perjodu ta' waqfien mis-sajd għal raġunijiet bijoloġiċi stabbilit mil-leġislazzjoni tas-Senegal.

5. **Ħatra ta' destinatarju**

Kull bastiment tas-sajd tal-Unjoni li jkun beħsiebu jħott il-ħut l-art jew jittrasbordah f'port tas-Senegal għandu jiġi rrappreżentat minn destinatarju li jkun residenti fis-Senegal.

6. **Ikklerjar tal-ħlasijiet tas-sidien tal-bastimenti**

Qabel ma jidħol fis-seħħ il-Protokoll, is-Senegal għandu jgħarraf lill-UE bid-dettalji tal-kont tat-Teżor pubbliku li fih għandhom jiġu ddepożitati l-ammonti finanzjarji li l-bastimenti tal-UE għandhom iħallsu skont il-Ftehim. Sidien il-bastimenti għandhom iħallsu l-ispejjeż marbutin ma' dawn it-trasferimenti bankarji.

7. **Kuntatti**

Id-dettalji ta' kuntatt tal-Ministeru għas-Sajd u l-Affarijiet Marittimi, kif ukoll dawk tad-Direttorat għall-Protezzjoni u għas-Sorveljanza tas-Sajd (DPSP) tas-Senegal huma mogħtija fl-Appendiċi 7.

*KAPITOLU II*

**AWTORIZZAZJONIJIET TAS-SAJD**

1. **Prerekwiżiti biex tinkiseb awtorizzazzjoni tas-sajd — il-bastimenti eliġibbli**

L-awtorizzazzjonijiet tas-sajd imsemmija fl-Artikolu 4 tal-Ftehim għandhom jinħarġu bil-kundizzjoni li l-bastiment ikun imniżżel fir-reġistru tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni u li jkunu ntlaħqu l-obbligi preċedenti kollha marbutin ma' sid il-bastiment, mal-kaptan jew mal-bastiment innifsu li jkunu ġejjin mill-attivitajiet tas-sajd tagħhom fis-Senegal skont il-Ftehim.

2. **Talba għal awtorizzazzjoni tas-sajd**

1. L-awtoritajiet kompetenti tal-UE għandhom iressqu, b'mod elettroniku, talba għal kull bastiment li jixtieq jistad skont dan il-Ftehim, lill-Ministeru għas-Sajd u l-Affarijiet Marittimi, u jibagħtu kopja tagħha lid-Delegazzjoni tal-UE fis-Senegal, mill-inqas għoxrin (20) jum tax-xogħol qabel jibda l-perjodu ta' validità mitlub. L-awtoritajiet kompetenti tal-UE se jibagħtu t-talbiet oriġinali direttament lid-Direttorat tas-Sajd Marittimu (DPM) permezz tad-Delegazzjoni tal-UE.

2. It-talbiet għandhom jintbagħtu lid-Direttorat tas-Sajd Marittimu fuq formoli mfasslin skont il-mudell mogħti fl-Appendiċi 1.

3. Kull talba għal awtorizzazzjoni tas-sajd għandu jkollha magħha d-dokumenti li ġejjin:

— prova li tħallas l-avvanz b'rata fissa għall-perjodu tal-validità tagħha;

— ritratt riċenti bil-kulur tal-bastiment, meħud mill-ġenb.

4. Għat-tiġdid ta' awtorizzazzjoni tas-sajd skont il-Protokoll fis-seħħ għal bastiment li l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tiegħu ma jkunux inbidlu, it-talba għat-tiġdid għandu jkollha magħha biss il-prova tal-ħlas tal-imposta.

3. **Imposta b'rata fissa/avvanzi**

1. L-ammont tal-imposta għall-ispeċijiet tal-ħut tal-qiegħ huwa mniżżel fl-iskeda teknika mogħtija fl-Appendiċi 2. L-awtorizzazzjonijiet tas-sajd għandhom jinħarġu wara li l-avvanz indikat f'din l-iskeda teknika jkun tħallas lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.

2. L-imposta għall-bastimenti tas-sajd għat-tonn bit-tartaruni u għall-bastimenti tas-sajd bil-qasab u x-xlief, f'Euro għal kull tunnellata ta' ħut maqbuda fiż-żoni tas-sajd tas-Senegal, għandha tkun kif ġej:

EUR 55 għall-ewwel sena ta' applikazzjoni;

EUR 60 għat-tieni u t-tielet sena ta' applikazzjoni;

EUR 65 għar-raba' sena ta' applikazzjoni;

EUR 70 għall-ħames sena ta' applikazzjoni.

L-awtorizzazzjonijiet tas-sajd għandhom jinħarġu wara li jkunu tħallsu lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti l-imposti b'rata fissa li ġejjin:

— għall-bastimenti tas-sajd għat-tonn bit-tartaruni:

  — EUR 13 750 għal kull bastiment, li huma daqs l-imposti dovuti għal 250 tunnellata fis-sena għall-ewwel sena ta' applikazzjoni tal-Protokoll;

  — EUR 15 000 għal kull bastiment, li huma daqs l-imposti dovuti għal 250 tunnellata fis-sena għat-tieni u t-tielet sena ta' applikazzjoni tal-Protokoll;

  — EUR 16 250 għal kull bastiment, li huma daqs l-imposti dovuti għal 250 tunnellata fis-sena għar-raba' sena ta' applikazzjoni tal-Protokoll;

  — EUR 17 500 għal kull bastiment, li huma daqs l-imposti dovuti għal 250 tunnellata fis-sena għall-ħames sena ta' applikazzjoni tal-Protokoll;

— għall-bastimenti tas-sajd bil-qasab u x-xlief:

— EUR 8 250 għal kull bastiment, li huma daqs l-imposti dovuti għal 150 tunnellata fis-sena għall-ewwel sena ta' applikazzjoni tal-Protokoll;

— EUR 9 000 għal kull bastiment, li huma daqs l-imposti dovuti għal 150 tunnellata fis-sena għat-tieni u t-tielet sena ta' applikazzjoni tal-Protokoll;

— EUR 9 750 għal kull bastiment, li huma daqs l-imposti dovuti għal 150 tunnellata fis-sena għar-raba' sena ta' applikazzjoni tal-Protokoll;

— EUR 10 500 għal kull bastiment, li huma daqs l-imposti dovuti għal 150 tunnellata fis-sena għall-ħames sena ta' applikazzjoni tal-Protokoll.

3. L-ammont tal-imposta b'rata fissa jinkludi t-taxxi nazzjonali u lokali kollha minbarra t-taxxi tal-portijiet u l-ispejjeż għall-provvista tas-servizzi.

4. Meta l-perjodu ta' validità tal-awtorizzazzjoni tas-sajd ikun ta' inqas minn sena, b'mod partikulari minħabba perjodu ta' waqfien mis-sajd għal raġunijiet bijoloġiċi, l-ammont tal-imposta b'rata fissa għandu jiġi adattat b'mod proporzjonat għall-perjodu ta' validità mitlub.

4. **Ħruġ tal-awtorizzazzjoni tas-sajd u lista provviżorja tal-bastimenti awtorizzati li jistadu**

1. Ladarba jirċievi t-talbiet għall-awtorizzazzjoni tas-sajd skont il-punti 2.2 u 2.3, is-Senegal għandu jistabbilixxi, fi żmien ħamest ijiem, għal kull kategorija ta' bastimenti, il-lista provviżorja ta' bastimenti awtorizzati li jistadu.

2. Din il-lista għandha tintbagħat minnufih lill-awtorità nazzjonali responsabbli għall-kontroll tas-sajd u lill-UE.

3. L-UE għandha tgħaddi l-lista provviżorja lil sid il-bastiment jew lid-destinatarju. Jekk l-uffiċċji tal-UE jkunu magħluqin, is-Senegal jista' jibgħat il-lista provviżorja direttament lil sid il-bastiment jew lir-rappreżentant tiegħu u jibgħat kopja lill-UE.

4. Il-bastimenti għandhom ikunu awtorizzati jistadu hekk kif jitniżżlu fil-lista provviżorja. Dawn il-bastimenti għandhom dejjem iżommu kopja tal-lista provviżorja abbord sa ma tinħareġ l-awtorizzazzjoni tas-sajd tagħhom.

5. L-awtorizzazzjonijiet tas-sajd għall-bastimenti kollha għandhom jinħarġu lis-sidien tal-bastimenti jew lir-rappreżentanti tagħhom permezz tad-Delegazzjoni tal-UE fis-Senegal mid-Direttorat tas-Sajd Marittimu fi żmien għoxrin (20) jum tax-xogħol minn meta jaslu d-dokumenti kollha msemmija fil-punt 2.3.

6. Fl-istess ħin, sabiex ma jkunx hemm dewmien fil-possibbiltà tal-bastimenti li jistadu fiż-żona, għandha tintbagħat kopja tal-awtorizzazzjoni tas-sajd lis-sidien tal-bastimenti b'mezzi elettroniċi. Din il-kopja tista' tintuża għal perjodu massimu ta' 60 jum mid-data tal-ħruġ tal-awtorizzazzjoni tas-sajd. Matul dan il-perjodu, il-kopja se titqies bħala ekwivalenti għall-oriġinal.

7. L-awtorizzazzjoni tas-sajd għandha tinżamm abbord il-ħin kollu, mingħajr ħsara għall-punti 4 u 6 ta' din it-Taqsima.

5. **Trasferiment tal-awtorizzazzjoni tas-sajd**

1. L-awtorizzazzjoni tas-sajd għandha tinħareġ f'isem bastiment speċifiku u ma tistax tiġi ttrasferita.

2. Madankollu, fuq talba tal-UE u f'każ ta' prova ta' forza maġġuri, b'mod partikulari f'każ ta' telf ta' bastiment jew ta' nuqqas ta' użu fit-tul tiegħu minħabba ħsara teknika gravi, l-awtorizzazzjoni tas-sajd tiegħu għandha tinbidel b'awtorizzazzjoni tas-sajd ġdida maħruġa f'isem bastiment ieħor tal-istess kategorija bħal dik tal-bastiment li għandu jinbidel, mingħajr ma jkun hemm bżonn titħallas imposta ġdida.

3. F'dan il-każ, il-kalkolu tal-livell tal-qabdiet biex jiġi stabbilit kwalunkwe ħlas addizzjonali eventwali għandu jqis l-għadd tal-qabdiet totali taż-żewġ bastimenti.

4. Is-sid tal-bastiment li għandu jinbidel, jew ir-rappreżentant tiegħu, għandu jagħti lura l-awtorizzazzjoni mħassra tas-sajd lid-Direttorat tas-Sajd Marittimu permezz tad-Delegazzjoni tal-UE fis-Senegal.

5. Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-awtorizzazzjoni tas-sajd il-ġdida għandha tkun dik li fiha l-awtorizzazzjoni tas-sajd imħassra tkun ingħatat lura lid-Direttorat tas-Sajd Marittimu. Id-Delegazzjoni tal-UE għandha tiġi mgħarrfa bit-trasferiment tal-awtorizzazzjoni tas-sajd.

6. **Perjodu ta' validità tal-liċenzja**

1. L-awtorizzazzjonijiet tas-sajd għall-bastimenti tas-sajd għat-tonn bit-tartaruni u għall-bastimenti tas-sajd bil-qasab u x-xlief jinħarġu għal perjodu ta' sena. L-awtorizzazzjonijiet tas-sajd għall-bastimenti tat-tkarkir għas-sajd għall-ħut tal-qiegħ li jgħix f'baħar fond għandhom jinħarġu għal perjodu ta' tliet xhur.

2. L-awtorizzazzjonijiet tas-sajd għandhom ikunu jistgħu jiġġeddu.

3. Sabiex jiġi stabbilit meta jibda l-perjodu ta' validità tal-awtorizzazzjoni tas-sajd:

— "perjodu ta' sena" għandha tfisser, matul l-ewwel sena ta' applikazzjoni tal-Protokoll, il-perjodu bejn id-data tad-dħul fis-seħħ tiegħu u l-31 ta' Diċembru tal-istess sena; fis-snin ta' wara, kull sena kalendarja sħiħa; u fl-aħħar sena ta' applikazzjoni tal-Protokoll, il-perjodu bejn l-1 ta' Jannar u d-data meta jiskadi l-Protokoll;

— "perjodu ta' tliet xhur" għandha tfisser, meta jidħol fis-seħħ il-Protokoll, il-perjodu bejn id-data tad-dħul fis-seħħ tiegħu u d-data meta jibda l-perjodu ta' tliet xhur ta' wara, li dejjem jibda fl-1 ta' Jannar, fl-1 ta' April, fl-1 ta' Lulju u fl-1 ta' Ottubru; wara, kull perjodu sħiħ ta' tliet xhur; u fi tmiem l-applikazzjoni tal-Protokoll, il-perjodu bejn tmiem l-aħħar perjodu sħiħ ta' tliet xhur u d-data meta jiskadi l-Protokoll.

7. **Bastimenti ta' appoġġ**

1. Fuq talba tal-UE, is-Senegal għandu jawtorizza l-bastimenti tas-sajd tal-UE li jkollhom awtorizzazzjoni tas-sajd sabiex jiġu megħjuna minn bastimenti ta' appoġġ.

2. It-tali appoġġ la jista jinkludi l-provvista tal-fjuwil u lanqas it-trasbord tal-qabdiet.

3. Il-bastimenti ta' appoġġ għandhom itajru l-bandiera ta' Stat Membru tal-UE, u ma jistgħux ikunu mgħammra għas-sajd.

4. Il-bastimenti ta' appoġġ għandhom ikunu suġġetti għall-istess proċedura għat-trażmissjoni tat-talbiet għal awtorizzazzjoni tas-sajd imsemmija fil-Kapitolu II, safejn din tkun tapplika għalihom.

5. Is-Senegal għandu jistabbilixxi l-lista tal-bastimenti ta' appoġġ awtorizzati u jibgħatha minnufih lill-awtorità nazzjonali responsabbli għall-kontroll tas-sajd u lill-UE.

## *KAPITOLU III*

## MIŻURI TEKNIĊI

Il-miżuri tekniċi li japplikaw għall-bastimenti tat-tkarkir għas-sajd għall-ħut tal-qiegħ li jgħix f'baħar fond li jkollhom awtorizzazzjoni għas-sajd, marbutin maż-żona, mal-irkaptu tas-sajd u mal-qabdiet inċidentali, huma ddefiniti fl-iskeda teknika mogħtija fl-Appendiċi 2.

Il-bastimenti tas-sajd għat-tonn għandhom iħarsu r-rakkomandazzjonijiet u r-riżoluzzjonijiet kollha adottati mill-ICCAT.

## *KAPITOLU IV*

## KONTROLL, MONITORAĠĠ U SORVELJANZA

### TAQSIMA 1

### Skema tar-rappurtar tal-qabdiet

1. **Ġurnal ta' abbord tas-sajd**

1. Il-kaptan ta' bastiment tal-Unjoni li jkun qed jistad skont il-Ftehim għandu jżomm ġurnal ta' abbord tas-sajd, li l-mudell tiegħu għal kull kategorija tas-sajd jinsab fl-Appendiċi 3a u 3b ta' dan l-Anness.

2. Il-ġurnal ta' abbord tas-sajd għandu jimtela mill-kaptan għal kull jum li fih il-bastiment ikun fiż-żona tas-sajd tas-Senegal.

3. Fil-ġurnal ta' abbord tas-sajd, il-kaptan għandu jikteb kuljum il-kwantità ta' kull speċi, identifikata bil-kodiċi alfa 3 tal-FAO tagħha, maqbuda u miżmuma abbord, mogħtija f'kilogrammi ta' piż ħaj jew, fejn ikun meħtieġ, fl-għadd ta' ħut individwali. Għal kull speċi ewlenija, il-kaptan għandu jagħmel nota wkoll meta ma jinqabad xejn minnha.

4. Jekk ikun il-każ, fil-ġurnal ta' abbord tas-sajd, il-kaptan għandu jikteb ukoll kuljum il-kwantitajiet ta' kull speċi mormija lura l-baħar, mogħtija f'kilogrammi ta' piż ħaj jew, fejn ikun meħtieġ, fl-għadd ta' ħut individwali.

5. Il-ġurnal ta' abbord tas-sajd għandu jimtela b'mod li jkun jista' jinqara, b'ittri kapitali, u għandu jiġi ffirmat mill-kaptan.

6. Il-kaptan għandu jkun responsabbli għall-preċiżjoni tad-dejta rreġistrata fil-ġurnal ta' abbord tas-sajd.

2. **Rappurtar tal-qabdiet**

1. Il-kaptan għandu jirrapporta l-qabdiet tal-bastiment billi jibgħat lis-Senegal il-ġurnali ta' abbord tas-sajd tiegħu għall-perjodu li fih kien preżenti fiż-żoni tas-sajd tas-Senegal.

2. Sa meta tiddaħħal is-sistema elettronika ta' rappurtar tad-dejta dwar is-sajd imsemmija fil-punt 4 ta' din it-Taqsima, il-ġurnali ta' abbord tas-sajd għandhom jintbagħtu b'wieħed mill-modi li ġejjin:

i. meta bastiment tas-sajd ikun għaddej minn port tas-Senegal, il-kopja oriġinali ta' kull ġurnal ta' abbord tas-sajd għandha tingħata lir-rappreżentant lokali tas-Senegal, li għandu jikkonferma bil-miktub li rċieva dan id-dokument;

ii. meta bastiment tas-sajd ikun ħiereġ miż-żoni tas-sajd tas-Senegal mingħajr ma jgħaddi l-ewwel minn port tas-Senegal, il-kopja oriġinali ta' kull ġurnal ta' abbord tas-sajd għandha tintbagħat:

(a) bil-posta elettronika, fil-forma ta' dokument skennjat, fl-indirizz tal-posta elettronika mogħti mis-Senegal. Is-Senegal għandu jikkonferma minnufih li rċieva dan id-dokument permezz ta' tweġiba mibgħuta bil-posta elettronika;

jew, f'każijiet eċċezzjonali:

(b) permezz ta' feks, lin-numru mogħti mis-Senegal; jew

(c) permezz ta' ittra mibgħuta bil-posta lis-Senegal fi żmien 14-il jum mill-wasla fil-port, u f'kull każ fi żmien 45 jum mill-ħruġ miż-żona tas-Senegal.

3. Il-kaptan għandu jibgħat kopja tal-ġurnali kollha ta' abbord tas-sajd lill-UE. Fil-każ tal-bastimenti tas-sajd għat-tonn, il-kaptan għandu jibgħat ukoll kopja tal-ġurnali kollha ta' abbord tas-sajd lil wieħed mill-istituti xjentifiċi li ġejjin:

(i) l-IRD (l-"Institut de recherche pour le développement");

(ii) l-IEO (l-"Instituto Español de Oceanografía"); jew

(iii) l-INIAP (l-"Instituto Nacional de Investigação Agrária edas Pescas"); kif ukoll liċ-ċentru li ġej:

(iv) il-CRODT ("Centre de Recherche Océanographique de Dakar Thiaroye").

4. Ir-ritorn tal-bastiment fiż-żona tas-sajd tas-Senegal fil-perjodu ta' validità tal-awtorizzazzjoni tas-sajd tiegħu għandu jwassal għal rappurtar ġdid tal-qabdiet.

5. F'każ li ma jitħarsux id-dispożizzjonijiet dwar ir-rappurtar tal-qabdiet, is-Senegal jista' jissospendi l-awtorizzazzjoni tas-sajd tal-bastiment ikkonċernat sakemm jinkiseb ir-rapport dwar il-qabdiet li jkun nieqes u jista' jippenalizza lil sid il-bastiment skont id-dispożizzjonijiet previsti għal dan il-għan fil-leġislazzjoni nazzjonali fis-seħħ. Jekk ir-reat jiġi ripetut, is-Senegal jista' jirrifjuta li jġedded l-awtorizzazzjoni tas-sajd.

6. Is-Senegal għandu jgħarraf lill-UE minnufih b'kull sanzjoni li tiġi applikata f'dan il-kuntest.

3. **Rappurtar kull tliet xhur tal-qabdiet fil-każ tal-bastimenti tat-tkarkir**

Sa meta tiddaħħal is-sistema elettronika ta' rappurtar tad-dejta dwar is-sajd imsemmija fil-punt 4 ta' din it-Taqsima, il-Kummissjoni Ewropea għandha tgħarraf lid-Direttorat tas-Sajd Marittimu qabel tmiem it-tielet xahar ta' kull perjodu ta' tliet xhur, bil-kwantitajiet maqbudin mill-bastimenti tat-tkarkir fil-perjodu ta' tliet xhur ta' qabel, billi tuża l-mudell mogħti fl-Appendiċi 3c ta' dan l-Anness.

4. **Tranżizzjoni għal sistema elettronika ta' rappurtar tad-dejta dwar is-sajd (ERS)**

Iż-żewġ Partijiet jaqblu li jiżguraw it-tranżizzjoni għal sistema elettronika ta' rappurtar tad-dejta dwar is-sajd abbażi tal-karatteristiċi tekniċi ddefiniti fl-Appendiċi 6. Il-Partijiet jaqblu li jiddefinixxu l-proċeduri komuni sabiex din it-tranżizzjoni tkun tista' ssehh malajr kemm jista' jkun. Is-Senegal għandu jgħarraf lill-UE hekk kif jintlaħqu l-kundizzjonijiet għal din it-tranżizzjoni. Ġie maqbul perjodu ta' xahrejn mid-data meta tintbagħat din l-informazzjoni sabiex matulu ssir kompletament operattiva.

5. **Kalkolu tal-imposti għall-bastimenti tas-sajd għat-tonn**

1. *Dikjarazzjoni annwali*

1.1. Għandha tintbagħat dikjarazzjoni annwali tal-qabdiet ibbażata fuq il-ġurnali ta' abbord tas-sajd u fuq l-informazzjoni mogħtija mill-kaptan lill-istituti xjentifiċi msemmija hawn fuq għall-validazzjoni.

1.2. Ladarba tiġi vvalidata, din id-dikjarazzjoni tintbagħat lid-Direttorat tas-Sajd Marittimu, lid-Direttorat għall-Protezzjoni u għas-Sorveljanza tas-Sajd u lis-CRODT għall-verifika.

1.3. Is-Senegal jgħarraf malajr lill-UE bir-riżultat ta' din il-verifika.

1.4. L-UE se tikkuntattja lill-istituti xjentifiċi tagħha jekk ikun hemm bżonn ta' aktar kjarifiki, u mbagħad tgħaddi dawn il-kjarifiki lis-Senegal. Dawn in-notifiki għandhom isiru b'mezzi elettroniċi.

1.5. Jekk ikun hemm bżonn, jiltaqa' wkoll il-grupp ta' ħidma xjentifika konġunt.

1.6. Jistgħu jinbdew aktar diskussjonijiet dwar il-proċess ta' verifika jekk ikun hemm bżonn u, f'każ ta' bżonn, tista' ssir laqgħa wkoll li fiha jieħdu sehem l-istituti xjentifiċi kollha.

2. *Kalkolu finali*

2.1. Abbażi tar-rappurtar tal-qabdiet tiegħu kkonfermat miċ-ċentru u mill-istituti xjentifiċi msemmija hawn fuq, għal kull bastiment tas-sajd għat-tonn, l-UE għandha tistabbilixxi kalkolu finali tal-imposti li jridu jitħallsu mill-bastiment għall-istaġun annwali tiegħu għas-sena kalendarja ta' qabel.

2.2. L-UE għandha tibgħat dan il-kalkolu finali lis-Senegal u lil sid il-bastiment qabel il-15 ta' Lulju tas-sena ta' wara s-sena li fiha jkunu saru l-qabdiet.

2.3. Meta l-kalkolu finali jkun ikbar mill-imposta b'rata fissa prevista mħallsa biex tinkiseb l-awtorizzazzjoni tas-sajd, sid il-bastiment għandu jħallas il-bilanċ pendenti lis-Senegal qabel it-30 ta' Awwissu tas-sena li tkun għaddejja. Meta l-kalkolu finali jkun inqas mill-imposta b'rata fissa mistennija, l-ammont li jifdal ma jistax jiġi kklejmjat mill-ġdid minn sid il-bastiment.

TAQSIMA 2

**Dħul fl-ilmijiet tas-Senegal u ħruġ minnhom**

1. Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li joperaw fl-ilmijiet tas-Senegal fil-kuntest ta' dan il-Protokoll għandhom jgħarrfu lill-awtoritajiet kompetenti tas-Senegal, tal-inqas sitt (6) sigħat bil-quddiem, li huma jkun beħsiebhom jidħlu fl-ilmijiet tas-Senegal jew joħorġu minnhom.

2. Meta jkunu qed jinnotifikaw id-dħul tagħhom fl-ilmijiet tas-Senegal jew il-ħruġ tagħhom minnhom, il-bastimenti għandhom jibagħtu wkoll il-pożizzjoni tagħhom, kif ukoll il-qabdiet li diġà jkollhom maqbudin u miżmumin abbord, identifikati bil-kodiċi alfa 3 tal-FAO tagħhom, mogħtija f'kilogrammi ta' piż ħaj jew, fejn ikun meħtieġ, fl-għadd ta' ħut individwali, mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet tat-Taqsima 2 tal-Appendiċi 6. Din l-informazzjoni għandha tintbagħat permezz tal-posta elettronika jew permezz ta' feks fl-indirizzi mogħtija fl-Appendiċi 7.

3. Bastiment li jinqabad jistad mingħajr ma jkun avża lill-awtorità kompetenti tas-Senegal għandu jitqies bħala bastiment mingħajr awtorizzazzjoni tas-sajd u għalhekk ikunu esposti għas-sanzjonijiet previsti fil-liġi nazzjonali.

4. L-indirizz tal-posta elettronika, in-numru tal-feks u tat-telefown, u l-koordinati tar-radju tal-awtoritajiet kompetenti tas-Senegal għandhom jinhemżu mal-awtorizzazzjoni tas-sajd.

TAQSIMA 3

**Trasbord u ħatt l-art**

1. Il-bastimenti tas-sajd bil-qasab u x-xlief għandhom iħottu l-art il-ħut li jkunu qabdu fiż-żoni tas-sajd tas-Senegal fil-port ta' Dakar u jistgħu jbigħuhom lill-intrapriżi lokali bi prezzijiet tas-suq internazzjonali ddefiniti abbażi ta' negozjati bejn l-operaturi.

2. Kull bastiment tas-sajd tal-Unjoni li jopera fl-ilmijiet tas-Senegal fil-kuntest ta' dan il-Protokoll li jagħmel operazzjoni ta' trasbord fl-ilmijiet tas-Senegal għandu jagħmel dan fil-port ta' Dakar, bl-awtorizzazzjoni tal-awtorità kompetenti tas-Senegal.

3. Is-sidien ta' dawn il-bastimenti li jħottu l-ħut l-art jew jittrasbordawh, jew ir-rappreżentanti tagħhom, għandhom jibagħtu lill-awtoritajiet kompetenti tas-Senegal tal-inqas 72 siegħa bil-quddiem, it-tagħrif li ġej:

3.1. isem il-bastimenti tas-sajd li se jħottu l-ħut l-art jew jittrasbordawh;

3.2. isem il-bastimenti tal-merkanzija jew isem il-port tal-ħatt l-art;

3.3. it-tunnellaġġ, għal kull speċi, li jkun se jiġi ttrasbordat jew li jkun se jinħatt l-art;

3.4. il-jum tat-trasbord jew tal-ħatt l-art;

3.5. id-destinazzjoni tal-qabdiet li jkunu se jiġu ttrasbordati jew li jkunu se jinħattu l-art.

4. It-trasbord u l-ħatt l-art jitqiesu bħala ħruġ mill-ilmijiet tas-Senegal. Il-bastimenti għandhom jagħtu lill-awtoritajiet kompetenti tas-Senegal ir-rapporti dwar il-qabdiet tagħhom u javżawhom jekk humiex beħsiebhom ikomplu jistadu fl-ilmijiet tas-Senegal, jew jekk humiex beħsiebhom joħorġu minnhom.

5. Kwalunkwe operazzjoni ta' trasbord jew ta' ħatt l-art ta' qabdiet li mhix imsemmija fil-punti t'hawn fuq hija pprojbita fl-ilmijiet tas-Senegal. Kwalunkwe persuna li tikser din id-dispożizzjoni jistgħu jsirulha s-sanzjonijiet previsti fir-regolamenti tas-Senegal li jkunu fis-seħħ.

TAQSIMA 4

**Sistema ta' monitoraġġ bis-satellita (VMS)**

1. **Messaġġi dwar il-pożizzjoni tal-bastimenti — is-sistema tal-VMS**

   1. Il-bastimenti tal-UE li jkollhom awtorizzazzjoni tas-sajd għandhom ikunu mgħammra b'sistema ta' monitoraġġ bis-satellita (Sistema ta' Monitoraġġ tal-Bastimenti — VMS) li tippermetti l-komunikazzjoni awtomatika u kontinwa tal-pożizzjoni tagħhom, kull sagħtejn, liċ-ċentru għall-kontroll tas-sajd (iċ-Ċentru għall-Monitoraġġ tas-Sajd — iċ-ĊMS) tal-Istat tal-bandiera tagħhom.

   2. Kull messaġġ dwar il-pożizzjoni:

      i. għandu jinkludi:

         (a) l-identifikazzjoni tal-bastiment;

         (b) il-pożizzjoni ġeografika l-iżjed riċenti tal-bastiment (il-lonġitudni, il-latitudni), b'marġni ta' żball tal-pożizzjoni ta' inqas minn 500 metru, u b'intervall ta' fiduċja ta' 99 %;

         (c) id-data u l-ħin li fihom tkun ġiet irreġistrata l-pożizzjoni;

         (d) il-veloċità tal-bastiment u d-direzzjoni li fiha jkun qed jivvjaġġa;

      ii. għandu jiġi kkonfigurat skont il-format mogħti fl-Appendiċi 5 ta' dan l-Anness.

   3. L-ewwel pożizzjoni rreġistrata wara d-dħul fiż-żona tas-Senegal għandha tiġi identifikata bil-kodiċi "ENT". Il-pożizzjonijiet kollha ta' wara għandhom jiġu identifikati bil-kodiċi "POS", ħlief għall-ewwel pożizzjoni rreġistrata wara l-ħruġ miż-żona tas-Senegal, li għandha tiġi identifikata bil-kodiċi "EXI".

   4. Iċ-ĊMS tal-Istat tal-bandiera għandu jiżgura l-ipproċessar awtomatiku u, jekk ikun meħtieġ, it-trażmissjoni elettronika tal-messaġġi dwar il-pożizzjoni. Il-messaġġi dwar il-pożizzjoni għandhom jiġu rreġistrati b'mod sigur u għandhom jinżammu għal perjodu ta' tliet snin.

2. **Trażmissjoni min-naħa tal-bastiment f'każ ta' ħsara fis-sistema tal-VMS**

   1. Il-kaptan għandu jiżgura f'kull ħin li s-sistema tal-VMS tal-bastiment tiegħu tkun qed taħdem bis-sħiħ u li l-messaġġi dwar il-pożizzjoni jkunu qed jiġu trażmessi b'mod korrett liċ-ĊMS tal-Istat tal-bandiera.

   2. F'każ ta' ħsara fis-sistema tal-VMS tal-bastiment, din is-sistema għandha tissewwa jew tinbidel fi żmien xahar. Wara dak il-perjodu, il-bastiment ma jibqax awtorizzat jistad fiż-żoni tas-sajd tas-Senegal.

   3. Il-bastimenti li jkunu qegħdin jistadu fiż-żoni tas-sajd tas-Senegal b'sistema tal-VMS difettuża għandhom jibagħtu l-messaġġi dwar il-pożizzjoni tagħhom permezz ta' ittra elettronika, bir-radju jew permezz ta' feks liċ-ĊMS tal-Istat tal-bandiera, mill-inqas kull erba' sigħat, u għandhom jipprovdu l-informazzjoni obbligatorja kollha mniżżla fil-punt 1.2(i) ta' din it-Taqsima.

3. **Komunikazzjoni sigura tal-messaġġi dwar il-pożizzjoni lis-Senegal**

   1. Iċ-ĊMS tal-Istat tal-bandiera għandu jibgħat awtomatikament il-messaġġi dwar il-pożizzjoni tal-bastimenti kkonċernati liċ-ĊMS tas-Senegal. Iċ-ĊMS tal-Istat tal-bandiera u ċ-ĊMS tas-Senegal għandhom jiskambjaw l-indirizzi elettroniċi ta' kuntatt tagħhom u għandhom jgħarrfu minnufih lil xulxin b'kull tibdil f'dawn l-indirizzi.

2. It-trażmissjoni tal-messaġġi dwar il-pożizzjoni bejn iċ-ĊMS tal-Istat tal-bandiera u ċ-ĊMS tas-Senegal għandha ssir b'mod elettroniku bl-użu ta' sistema sigura tal-komunikazzjoni.

3. Iċ-ĊMS tas-Senegal għandu jgħarraf liċ-ĊMS tal-Istat tal-bandiera u lill-UE minnufih b'kull interruzzjoni fil-wasla tal-messaġġi konsekuttivi dwar il-pożizzjoni ta' bastiment li jkollu awtorizzazzjoni tas-sajd, meta l-bastiment ikkonċernat ma jkunx innotifika l-ħruġ tiegħu miż-żoni tas-sajd tas-Senegal.

4. **Funzjonament ħażin tas-sistema ta' komunikazzjoni**

1. Is-Senegal għandu jiżgura li t-tagħmir elettroniku tiegħu jkun kompatibbli ma' dak taċ-ĊMS tal-Istat tal-bandiera u għandu jgħarraf lill-UE minnufih b'kull nuqqas ta' funzjonament fil-komunikazzjoni u l-wasla tal-messaġġi dwar il-pożizzjoni bil-għan li tinstab soluzzjoni teknika mill-aktar fis possibbli.

2. Il-Kumitat Konġunt għandu jipprova jsolvi kwalunkwe tilwim li jista' jirriżulta minn dan.

3. Il-kaptan għandu jitqies responsabbli għal kull manipulazzjoni ppruvata tas-sistema tal-VMS tal-bastiment li jkollha l-għan li tfixkel l-operat tagħha jew li tiffalsifika l-messaġġi tagħha dwar il-pożizzjoni tal-bastiment. Kull ksur għandu jkun suġġett għall-pieni previsti mil-leġiżlazzjoni tas-Senegal li tkun fis-seħħ.

5. **Bidla fil-frekwenza tal-messaġġi dwar il-pożizzjoni**

1. Abbażi ta' evidenza dokumentata li tipprova ksur, is-Senegal jista' jistaqsi liċ-ĊMS tal-Istat tal-bandiera, filwaqt li jibgħat kopja wkoll lill-UE, biex iqassar l-intervall biex il-bastiment jibgħat il-messaġġi dwar il-pożizzjoni tiegħu għal kull siegħa għall-perjodu stabbilit tal-investigazzjoni.

2. Is-Senegal għandu jibgħat din l-evidenza dokumentata liċ-ĊMS tal-Istat tal-bandiera u lill-UE.

3. Iċ-ĊMS tal-Istat tal-bandiera għandu jibgħat minnufih il-messaġġi dwar il-pożizzjoni lis-Senegal skont il-frekwenza mnaqqsa.

4. Fi tmiem il-perjodu stabbilit tal-investigazzjoni, is-Senegal għandu jgħarraf liċ-ĊMS tal-Istat tal-bandiera u lill-UE b'kull monitoraġġ li jista' jkun meħtieġ.

6. **Validità tal-messaġġ tal-VMS f'każ ta' tilwim**

Id-dejta dwar il-pożizzjoni mogħtija mis-sistema tal-VMS biss għandha titqies bħala awtentika f'każ ta' nuqqas ta' qbil bejn il-Partijiet.

TAQSIMA 5

**Osservaturi**

1. **Osservazzjoni tal-attivitajiet tas-sajd**

1.1. Il-bastimenti li jkollhom awtorizzazzjoni tas-sajd għandhom ikunu suġġetti għal skema ta' osservazzjoni tal-attivitajiet tas-sajd tagħhom imwettqin fil-kuntest ta' dan il-Ftehim.

1.2. Fil-każ tal-bastimenti tas-sajd għat-tonn, l-iskema ta' osservazzjoni għandha tkun konformi mad-dispożizzjonijiet previsti fir-rakkomandazzjonijiet adottati mill-ICCAT (il-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku).

2. **Bastimenti u osservaturi magħżulin**

2.1. Meta joħroġ l-awtorizzazzjonijiet tas-sajd, is-Senegal għandu jgħarraf lill-UE u lil sid il-bastiment, jew lid-destinatarju tiegħu, bil-bastimenti li fuqhom ikun irid jittella' abbord osservatur, kif ukoll bil-ħin li matulu l-osservatur ikun se jkun abbord kull bastiment.

2.2. Is-Senegal għandu jgħarraf lill-UE u lil sid il-bastiment li fuqu jkun irid jittella' abbord osservatur, jew lid-destinatarju tiegħu, b'isem l-osservatur magħżul għal dak il-bastiment sa mhux aktar tard minn 15-il jum qabel id-data prevista għall-imbark. Is-Senegal għandu jgħarraf minnufih lill-UE u lil sid il-bastiment, jew lid-destinatarju tiegħu, bi kwalunkwe bidla fil-bastimenti u fl-osservaturi magħżulin.

2.3. Is-Senegal għandu jagħmel ħiltu sabiex ma jagħżilx osservaturi għall-bastimenti li diġà jkollhom osservatur abbord jew li diġà jkunu obbligati formalment li jtellgħu abbord osservatur waqt l-istaġun tas-sajd ikkonċernat fil-kuntest tal-attivitajiet tagħhom f'żoni oħrajn tas-sajd minbarra dawk tas-Senegal.

2.4. Għall-bastimenti tat-tkarkir għas-sajd għall-ħut tal-qiegħ li jgħix f'baħar fond, iż-żmien tal-osservatur abbord ma jistax jaqbeż xahrejn. L-osservaturi m'għandhomx iqattgħu iżjed ħin abbord il-bastiment milli għandhom bżonn biex iwettqu dmirijiethom.

3. **Kontribuzzjoni finanzjarja b'rata fissa**

3.1. Meta jibagħtu l-ħlas tal-imposta annwali, is-sidien tal-bastimenti tas-sajd għat-tonn bit-tartaruni mgħammra bi friża u tal-bastimenti tas-sajd bil-qasab u x-xlief għandhom jibagħtu wkoll somma fissa ta' EUR 400 għal kull bastiment lid-Direttorat għall-Protezzjoni u għas-Sorveljanza tas-Sajd għall-funzjonament tajjeb tal-programm tal-osservaturi.

3.2. Meta jibagħtu l-ħlas tal-imposta ta' kull tliet xhur, sidien il-bastimenti tat-tkarkir għandhom jibagħtu wkoll somma fissa ta' EUR 100 għal kull bastiment lid-Direttorat għall-Protezzjoni u għas-Sorveljanza tas-Sajd għall-funzjonament tajjeb tal-programm tal-osservaturi.

4. **Paga tal-osservatur**

Is-Senegal għandu jħallas il-paga u l-kontribuzzjonijiet soċjali tal-osservatur.

5. **Kundizzjonijiet tal-imbark**

5.1. Il-kundizzjonijiet tal-imbark tal-osservatur, b'mod partikulari t-tul ta' żmien tiegħu abbord, għandhom jiġu ddefiniti bi ftehim reċiproku bejn sid il-bastiment jew id-destinatarju tiegħu u s-Senegal.

5.2. Meta jkun abbord, l-osservatur għandu jiġi ttrattat bħala uffiċjal. Madankollu, l-ilqugħ tal-osservatur abbord għandu jqis l-istruttura teknika tal-bastiment.

5.3. Sid il-bastiment għandu jħallas l-ispejjeż tal-akkomodazzjoni u tal-ikel għall-osservatur abbord il-bastiment.

5.4. Il-kaptan għandu jieħu l-miżuri kollha li jaqgħu fir-responsabbiltà tiegħu sabiex jiżgura s-sigurtà fiżika u l-benesseri ġenerali tal-osservatur.

5.5. L-osservatur għandu jingħata l-faċilitajiet kollha meħtieġa sabiex iwettaq dmirijietu. Huwa għandu jkollu aċċess għall-mezzi ta' komunikazzjoni, għad-dokumenti marbutin mal-attivitajiet tas-sajd tal-bastiment, b'mod partikulari l-ġurnal ta' abbord tas-sajd u l-ġurnal tan-navigazzjoni, kif ukoll għall-partijiet tal-bastiment marbutin b'mod dirett ma' dmirijietu.

6. **Obbligi tal-osservatur**

6.1. Waqt li jkun abbord l-osservatur għandu:

6.2. jieħu l-miżuri x-xierqa kollha sabiex ma jinterrompix jew ifixkel l-operazzjonijiet tas-sajd;

6.3. jirrispetta l-proprjetà u t-tagħmir li jkun hemm abbord;

6.4. jirrispetta n-natura kunfidenzjali ta' kull dokument tal-bastiment.

7. **Imbark u żbark tal-osservatur**

7.1. L-osservatur għandu jimbarka f'port magħżul minn sid il-bastiment.

7.2. Sid il-bastiment jew ir-rappreżentant tiegħu għandu jinnotifika lis-Senegal, b'perjodu ta' notifika ta' għaxart ijiem qabel l-imbark, dwar id-data, il-ħin u l-port tal-imbark tal-osservatur. Jekk l-osservatur jimbarka f'pajjiż barrani, sid il-bastiment għandu jħallas l-ispejjeż tal-ivvjaġġar tiegħu lejn il-port tal-imbark.

7.3. Jekk l-osservatur ma jasalx għall-imbark fi żmien 12-il siegħa mid-data u l-ħin previsti, sid il-bastiment għandu jinħeles awtomatikament mill-obbligu tiegħu li jippermetti lill-osservatur jimbarka. Huwa għandu jkun ħieles li jħalli l-port u li jibda l-operazzjonijiet tas-sajd tiegħu.

7.4. Meta l-osservatur ma jiżbarkax f'port tas-Senegal, sid il-bastiment għandu jiżgura r-ritorn tal-osservatur lura lejn is-Senegal mill-aktar fis possibbli, u għandu jagħmel dan bi spejjeż tiegħu.

8. **Kompiti tal-osservatur**

L-osservatur għandu jwettaq il-kompiti li ġejjin:

8.1. josserva l-attivitajiet tas-sajd tal-bastiment;

8.2. jivverifika l-pożizzjoni tal-bastiment waqt l-attivitajiet tas-sajd tiegħu;

8.3. jieħu kampjuni bijoloġiċi bħala parti minn programm xjentifiku;

8.4. jieħu nota tal-irkaptu tas-sajd użat;

8.5. jivverifika d-dejta dwar il-qabdiet li jkunu saru fiż-żoni tas-sajd tas-Senegal u li jkunu rrappurtati fil-ġurnal ta' abbord tas-sajd;

8.6. jivverifika l-perċentwali tal-qabdiet inċidentali u jagħti stima tal-qabdiet mormija lura l-baħar;

8.7. jikkomunika l-osservazzjonijiet tiegħu bir-radju, b'feks jew bil-posta elettronika mill-inqas darba fil-ġimgħa waqt li l-bastiment ikun qed jistad fiż-żoni tas-sajd tas-Senegal, inkluż il-kwantità ta' qabdiet ewlenin u inċidentali abbord.

9. **Rapport tal-osservatur**

9.1. Qabel ma jħalli l-bastiment, l-osservatur għandu jissottometti rapport tal-osservazzjonijiet tiegħu lill-kaptan tal-bastiment. Il-kaptan tal-bastiment għandu d-dritt jagħmel kummenti fir-rapport tal-osservatur. Ir-rapport għandu jiġi ffirmat mill-osservatur u mill-kaptan. Il-kaptan għandu jirċievi kopja tar-rapport tal-osservatur.

9.2. L-osservatur għandu jibgħat ir-rapport tiegħu lis-Senegal, li għandu jibgħat kopja tiegħu lill-UE fi żmien tmint ijiem mill-iżbark tal-osservatur.

TAQSIMA 6

**Spezzjoni fuq il-baħar u fil-port**

1. **Spezzjoni fuq il-baħar**

1.1. L-ispezzjoni fuq il-baħar, fiż-żoni tas-sajd tas-Senegal, tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jkollhom awtorizzazzjoni tas-sajd għandha ssir minn bastimenti u spetturi tas-Senegal li jkunu identifikati b'mod ċar bħala bastimenti u spetturi maħturin sabiex iwettqu verifiki tas-sajd.

1.2. Qabel ma jitilgħu abbord, l-ispetturi tas-Senegal għandhom iwissu lill-bastiment tal-UE bid-deċiżjoni tagħhom li jwettqu spezzjoni. L-ispezzjoni għandha ssir minn mhux iktar minn żewġ spetturi, li jridu jipprovdu prova tal-identità u l-pożizzjoni uffiċjali tagħhom bħala spetturi qabel ma jwettqu l-ispezzjoni.

1.3. L-ispetturi tas-Senegal għandhom jibqgħu abbord il-bastiment tas-sajd tal-Unjoni għall-ħin meħtieġ sabiex iwettqu l-kompiti marbutin mal-ispezzjoni biss. Huma għandhom iwettqu l-ispezzjoni b'mod li jnaqqas kemm jista' jkun l-impatt tagħha fuq il-bastiment u fuq l-attività tas-sajd u l-merkanzija tiegħu.

1.4. Is-Senegal jista' jawtorizza lill-UE tieħu sehem fl-ispezzjoni fuq il-baħar bħala osservatur.

1.5. Il-kaptan tal-bastiment tas-sajd tal-Unjoni għandu jiffaċilita l-imbark tal-ispetturi tas-Senegal u għandu jiffaċilitalhom xogħolhom.

1.6. Fi tmiem kull spezzjoni, l-ispetturi tas-Senegal għandhom ifasslu rapport tal-ispezzjoni. Il-kaptan tal-bastiment tas-sajd tal-Unjoni għandu d-dritt jagħmel kummenti fir-rapport tal-ispezzjoni. Ir-rapport tal-ispezzjoni għandu jiġi ffirmat mill-ispettur li jkun qed ifasslu u mill-kaptan tal-bastiment tas-sajd tal-Unjoni.

1.7. L-ispetturi tas-Senegal għandhom jagħtu kopja tar-rapport tal-ispezzjoni lill-kaptan tal-bastiment tas-sajd tal-Unjoni qabel ma jħallu l-bastiment. Is-Senegal għandu jibgħat kopja tar-rapport tal-ispezzjoni lill-UE fi żmien tmint ijiem mill-ispezzjoni.

2. **Spezzjoni fil-port**

2.1. L-ispezzjoni fil-port ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jħottu l-art jew jittrasbordaw, fl-ilmijiet ta' port tas-Senegal, qabdiet li huma jkunu għamlu fiż-żona tas-Senegal, għandha ssir minn spetturi awtorizzati.

2.2. L-ispezzjoni għandha ssir minn mhux iktar minn żewġ spetturi, li jridu jipprovdu prova tal-identità u l-pożizzjoni uffiċjali tagħhom bħala spetturi qabel ma jwettqu l-ispezzjoni. L-ispetturi tas-Senegal għandhom jibqgħu abbord il-bastiment tas-sajd tal-Unjoni għall-ħin meħtieġ sabiex iwettqu l-kompiti marbutin mal-ispezzjoni biss u għandhom iwettqu l-ispezzjoni b'mod li jnaqqas kemm jista' jkun l-impatt tagħha fuq il-bastiment, fuq il-ħatt l-art jew l-operazzjoni tat-trasbord u fuq il-merkanzija.

2.3. Is-Senegal jista' jawtorizza lill-UE tieħu sehem fl-ispezzjoni fil-port bħala osservatur.

2.4. Il-kaptan tal-bastiment tas-sajd tal-Unjoni għandu jiffaċilita xogħol l-ispetturi tas-Senegal.

2.5. Fi tmiem kull spezzjoni, l-ispettur tas-Senegal għandu jfassal rapport tal-ispezzjoni. Il-kaptan tal-bastiment tas-sajd tal-Unjoni għandu d-dritt jagħmel kummenti fir-rapport tal-ispezzjoni. Ir-rapport tal-ispezzjoni għandu jiġi ffirmat mill-ispettur li jkun qed ifasslu u mill-kaptan tal-bastiment tas-sajd tal-Unjoni.

2.6. Malli tintemm l-ispezzjoni, l-ispettur tas-Senegal għandu jagħti kopja tar-rapport tal-ispezzjoni lill-kaptan tal-bastiment tas-sajd tal-Unjoni. Is-Senegal għandu jibgħat kopja tar-rapport tal-ispezzjoni lill-UE fi żmien tmint ijiem mill-ispezzjoni.

TAQSIMA 7

**Ksur tar-regoli**

1. **Trattament tal-ksur**

1.1. Kull ksur imwettaq minn bastiment tas-sajd tal-Unjoni li jkollu awtorizzazzjoni tas-sajd skont dan l-Anness għandu jissemma f'rapport tal-ispezzjoni. Dan ir-rapport għandu jintbagħat lill-UE u lill-Istat tal-bandiera mill-aktar fis possibbli.

1.2. L-iffirmar tar-rapport tal-ispezzjoni min-naħa tal-kaptan għandha tkun mingħajr ħsara għad-dritt ta' sid il-bastiment li jiddefendi ruħu mill-akkuża tal-ksur.

2. **Detenzjoni tal-bastiment — Laqgħa ta' informazzjoni**

2.1. Meta l-leġislazzjoni tas-Senegal li tkun fis-seħħ dwar il-ksur tippermetti dan, kull bastiment tas-sajd tal-Unjoni li jkun wettaq ksur jista' jiġi mġiegħel iwaqqaf l-attività tas-sajd tiegħu u jirritorna lejn il-port ta' Dakar, f'każ li jkun qed ibaħħar.

2.2. Is-Senegal għandu jinnotifika lill-UE fi żmien 24 siegħa b'kull detenzjoni ta' bastiment tas-sajd tal-Unjoni li jkollu awtorizzazzjoni tas-sajd. Din in-notifika għandu jkollha magħha evidenza dokumentata tal-ksur allegat.

2.3. Qabel ma jieħu kwalunkwe miżura kontra l-bastiment, il-kaptan, l-ekwipaġġ jew il-merkanzija, ħlief għal miżuri mmirati għall-ħarsien tal-evidenza, is-Senegal għandu jorganizza, fuq talba tal-UE, fi żmien jum wieħed tax-xogħol min-notifika tad-detenzjoni tal-bastiment, laqgħa ta' informazzjoni sabiex jiġu ċċarati l-fatti li wasslu għad-detenzjoni tal-bastiment u sabiex jiġi spjegat x'azzjoni oħra tista' tittieħed. Rappreżentant tal-Istat tal-bandiera tal-bastiment jista' jattendi din il-laqgħa ta' informazzjoni.

3. **Pieni għall-ksur — Proċedura ta' kompromess**

3.1. Is-Senegal għandu jistabbilixxi l-piena għall-ksur allegat skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali tiegħu fis-seħħ.

3.2. Meta s-soluzzjoni għall-ksur tkun tinvolvi proċeduri legali, qabel jingħata bidu għalihom, u sakemm il-ksur ma jkunx jinvolvi att kriminali, għandha tinbeda proċedura ta' kompromess bejn is-Senegal u l-UE sabiex jiġu stabbiliti t-termini tal-piena u l-livell tagħha. Il-proċedura ta' kompromess għandha tintemm sa mhux aktar tard minn tlett ijiem min-notifika tad-detenzjoni tal-bastiment.

3.3. Rappreżentanti tal-Istat tal-bandiera tal-bastiment u tal-UE jistgħu jieħdu sehem f'din il-proċedura ta' kompromess.

4. **Proċeduri legali — Garanzija bankarja**

4.1. Jekk il-proċedura ta' kompromess tfalli u l-ksur jitressaq quddiem il-qorti kompetenti, sid il-bastiment li jkun wettaq il-ksur għandu jiddepożita garanzija bankarja f'bank magħżul mis-Senegal, li l-ammont tagħha, kif stabbilit mis-Senegal, ikun ikopri l-ispejjeż marbutin mad-detenzjoni tal-bastiment, il-multa stmata u kwalunkwe kumpens li jista' jkun hemm 'il quddiem. Il-garanzija bankarja ma tistax tiġi rkuprata qabel ma jkunu ġew konklużi l-proċeduri legali.

4.2. Il-garanzija bankarja għandha tiġi rrilaxxata u tingħata lura lil sid il-bastiment mingħajr dewmien wara li tinqata' s-sentenza:

(a) kollha kemm hi, jekk ma tkun ġiet imposta l-ebda piena;

(b) skont l-ammont tal-bilanċ li jkun għad fadal, jekk il-piena tkun multa li tkun iżjed baxxa mill-ammont tal-garanzija bankarja.

4.3. Is-Senegal għandu jgħarraf lill-UE bir-riżultat tal-proċeduri legali fi żmien tmint ijiem minn meta tingħata s-sentenza.

5. **Rilaxx tal-bastiment u tal-ekwipaġġ**

Il-bastiment u l-ekwipaġġ tiegħu għandhom jiġu awtorizzati jħallu l-port ladarba l-multa tkun tħallset fi proċedura ta' kompromess, jew ladarba l-garanzija bankarja tkun ġiet iddepożitata.

TAQSIMA 8

**Sorveljanza parteċipattiva marbuta mal-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux rappurtat u mhux regolat (is-sajd IUU)**

1. **Għan**

Bil-għan li tissaħħaħ is-sorveljanza tas-sajd fl-ibħra miftuħa u li tissaħħaħ il-ġlieda kontra s-sajd IUU, il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għandhom javżaw bil-preżenza ta' kull bastiment fiż-żoni tas-sajd tas-Senegal li ma jkunx fil-lista tal-bastimenti barranin awtorizzati jistadu fis-Senegal mogħtija mis-Senegal.

2. **Proċedura**

2.1. Jekk il-kaptan ta' bastiment tas-sajd tal-UE josserva bastiment tas-sajd iwettaq attivitajiet li jistgħu jkunu attivitajiet tas-sajd IUU, huwa jista' jiġbor l-akbar ammont ta' informazzjoni possibbli dwar din l-osservazzjoni.

2.2. Ir-rapporti ta' osservazzjoni għandhom jintbagħtu minnufih u fl-istess ħin lill-awtoritajiet tas-Senegal u lill-awtorità kompetenti tal-Istat tal-bandiera tal-bastiment li jkun wettaq l-osservazzjoni, li min-naħa tagħha għandha tibgħathom lill-Kummissjoni Ewropea jew lill-organizzazzjoni li din tkun għażlet.

2.3. Il-Kummissjoni Ewropea mbagħad għandha tibgħat din l-informazzjoni lis-Senegal.

3. **Reċiproċità**

Is-Senegal għandu jibgħat lill-Unjoni Ewropea, mill-aktar fis possibbli, kull rapport ta' osservazzjoni li jkollu fil-pussess tiegħu dwar bastimenti tas-sajd li jkunu qed iwettqu attivitajiet li jistgħu jkunu attivitajiet tas-sajd IUU fiż-żoni tas-sajd tas-Senegal.

*KAPITOLU V*

**IMBARK TAL-BAĦRIN**

1. Sidien il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jkunu qed joperaw fil-kuntest ta' dan il-Protokoll għandhom jimpjegaw ċittadini mill-pajjiżi AKP bil-kundizzjonijiet u l-limiti li ġejjin:

— għall-flotta tal-bastimenti tas-sajd għat-tonn bit-tartaruni, mill-inqas 20 % tal-baħrin li jittellgħu abbord matul l-istaġun tas-sajd għat-tonn fiż-żona tas-sajd tas-Senegal għandhom ikunu ġejjin mis-Senegal jew possibbilment minn pajjiż AKP;

— għall-flotta tal-bastimenti tas-sajd bil-qasab u x-xlief, mill-inqas 20 % tal-baħrin li jittellgħu abbord matul l-istaġun tas-sajd fiż-żona tas-sajd tas-Senegal għandhom ikunu ġejjin mis-Senegal jew possibbilment minn pajjiż AKP;

— għall-flotta tal-bastimenti tat-tkarkir għas-sajd għall-ħut tal-qiegħ li jgħix f'baħar fond, mill-inqas 20 % tal-baħrin li jittellgħu abbord matul l-istaġun tas-sajd fiż-żona tas-sajd tas-Senegal għandhom ikunu ġejjin mis-Senegal jew possibbilment minn pajjiż AKP.

2. Is-sidien tal-bastimenti għandhom jagħmlu ħilithom biex itellgħu abbord baħrin li jkunu ġejjin mis-Senegal.

3. Id-Dikjarazzjoni tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (l-ILO) dwar il-prinċipji u d-drittijiet fundamentali fuq il-post tax-xogħol għandha tapplika kollha kemm hi għall-baħrin li jittellgħu abbord il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni. Dan għandu x'jaqsam l-iktar mal-libertà tal-assoċjazzjoni, mar-rikonoxximent effettiv tad-dritt tal-ħaddiema għan-negozjar kollettiv u mat-tneħħija tad-diskriminazzjoni marbuta mal-impjiegi u max-xogħol.

4. Il-kuntratti tax-xogħol tal-baħrin li jkunu ġejjin mis-Senegal u mill-pajjiżi AKP, li kopja tagħhom għandha tintbagħat lill-firmatarji tagħhom u lill-Aġenzija nazzjonali tal-Affarijiet Marittimi, għandhom jiġu stabbiliti bejn ir-rappreżentant (i) tas-sidien tal-bastimenti u l-baħrin u/jew it-trejdjunjins tagħhom jew ir-rappreżentanti tagħhom. Dawn il-kuntratti għandhom jiżguraw, għall-baħrin, il-kopertura fis-sistema tas-sigurtà soċjali applikabbli għalihom, skont il-leġiżlazzjoni applikabbli, inkluża l-assigurazzjoni fuq il-ħajja u l-assigurazzjoni fuq il-mard u l-inċidenti.

5. Il-pagi tal-baħrin mill-pajjiżi AKP għandhom jitħallsu mis-sidien tal-bastimenti. Dawn il-pagi għandhom jiġu stabbiliti bi ftehim reċiproku bejn sidien il-bastimenti jew ir-rappreżentanti tagħhom u l-baħrin u/jew it-trejdjunjins tagħhom jew ir-rappreżentanti tagħhom. Madankollu, il-kundizzjonijiet ta' ħlas tal-baħrin m'għandhomx ikunu agħar minn dawk tal-ekwipaġġi tal-pajjiżi rispettivi tagħhom u, fi kwalunkwe każ, m'għandhomx ikunu agħar minn dawk stabbiliti fl-istandards tal-ILO.

6. Kull baħri impjegat mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għandu jirrapporta lill-kaptan maħtur tal-bastiment lejlet id-data proposta għall-imbark tiegħu. Jekk il-baħri ma jitfaċċax fid-data u l-ħin previsti għall-imbark, sid il-bastiment għandu jinħeles b'mod awtomatiku mill-obbligu tiegħu li jtella' lil dan il-baħri abbord.

*Appendiċijiet*

1 — Talba għal awtorizzazzjoni tas-sajd

2 — Skeda teknika

3 — Mudelli tal-ġurnal ta' abbord tas-sajd u tar-rappurtar tal-qabdiet

4 — Koordinati ġeografiċi taż-żoni tas-sajd

5 — Komunikazzjoni tal-messaġġi tal-VMS lis-Senegal — format tad-dejta tal-VMS — rapport dwar il-pożizzjoni

6 — Linji gwida għall-implimentazzjoni tas-sistema elettronika ta' rappurtar tad-dejta dwar l-attivitajiet tas-sajd (is-sistema ERS)

7 — Dettalji ta' kuntatt tas-Senegal

*Appendiċi 1*

**FTEHIM DWAR IS-SAJD BEJN L-UNJONI EWROPEA U S-SENEGAL TALBA GĦAL AWTORIZZAZZJONI TAS-SAJD**

I — L-APPLIKANT

1. Isem sid il-bastiment: ........................................ Nazzjonalità: ........................................
2. Indirizz ta' sid il-bastiment: ........................................
3. Isem l-assoċjazzjoni jew ir-rappreżentant ta' sid il-bastiment: ........................................
4. Indirizz tal-assoċjazzjoni jew tar-rappreżentant ta' sid il-bastiment: ........................................
5. Numru tat-telefown: .................... Numru tal-feks: .................... Indirizz tal-posta elettronika: ....................
6. Isem il-kaptan: .................... Nazzjonalità: .................... Indirizz tal-posta elettronika: ....................

II — IL-BASTIMENT U L-IDENTIFIKAZZJONI TIEGĦU

1. Isem il-bastiment: ........................................
2. Stat tal-bandiera: ........................................
3. Numru tar-reġistrazzjoni estern: ........................................
4. Port tar-reġistrazzjoni: .................... MMSI: .................... Numru tal-OMI: ....................
5. Id-data li fiha nkisbet il-bandiera attwali: ........../........../.......... Il-bandiera ta' qabel (jekk kien hemm): ....................
6. Sena u post tal-kostruzzjoni: ........../........../.......... fi .................... Sinjal tas-sejħa bir-radju: ....................
7. Frekwenza tas-sejħa bir-radju: .................... Numru tat-telefown bis-satellita: ....................
8. Tip ta' buq: tal-azzar ☐ tal-injam ☐ tal-poliester ☐ ta' materjal ieħor ☐ ....................

III — KARATTERISTIĊI TEKNIĊI TAL-BASTIMENT U TAT-TAGĦMIR

1. It-tul totali: .................... Il-wisa': .................... Il-fundar tal-baħar: ....................
2. Tunnellaġġ gross (mogħti f'TG): .................... Tunnellaġġ nett: ....................
3. Qawwa tal-magna ewlenija f'KW: .................... Ditta: .................... Tip: ....................
4. Tip ta' bastiment: ☐ Bastiment tas-sajd għat-tonn bit-tartaruni ☐ Bastiment tas-sajd bil-qasab u x-xlief ☐ Bastiment tat-tkarkir għas-sajd għall-ħut tal-qiegħ li jgħix f'baħar fond
5. Irkaptu tas-sajd: ........................................
6. Żoni tas-sajd: ........................................
7. Speċijiet fil-mira: ........................................
8. Port magħżul għall-ħatt l-art: ........................................
9. Għadd totali ta' membri tal-ekwipaġġ abbord: ........................................
10. Metodu ta' konservazzjoni abbord: Żamma għall-frisk ☐ Żamma fil-friġġ ☐ Metodu mħallat ☐ Żamma fil-friża ☐
11. Kapaċità tal-friża kull 24 siegħa (f'tunnellati): .................... Kapaċità tal-istivi: .................... Għadd: ....................
12. Transponder tal-VMS:

    Manifattur: .................... Mudell: .................... Numru tas-serje: ....................

    Verżjoni tas-softwer: .................... Operatur tas-satellita: ....................

Jien, il-firmatarju t'hawn taħt, niċċertifika li t-tagħrif mogħti f'din it-talba huwa veru u ġenwin.

Magħmul fi .................... il- ....................

Firma tal-applikant ........................................

*Appendiċi 2*

**SKEDA TEKNIKA GĦALL-ISPEĊIJIET TAL-ĦUT LI JGĦIX F'BAĦAR FOND**

| |
|---|
| (1) Speċijiet fil-mira: |
| L-ispeċijiet fil-mira huma l-ispeċijiet tal-merluzz l-iswed imsejħin *Merluccius senegalensis* u *Merluccius polli* |
| (2) Żona tas-sajd: |
| Iż-żona tas-sajd awtorizzata hija ddefinita kif ġej [1]:<br>(a) fil-Punent tal-lonġitudni 016° 53′ 42″ W bejn il-fruntiera tas-Senegal mal-Mawritanja u l-latitudni 15° 40′ 00″ N;<br>(b) lil hinn minn 15-il mil nawtiku mil-linja ta' referenza ta' bejn il-latitudni 15° 40′ 00″ N u l-latitudni 15° 15′ 00″ N;<br>(c) lil hinn minn 12-il mil nawtiku mil-linja ta' referenza tal-latitudni 15° 15′ 00″ N sal-latitudni 15° 00′ 00″ N;<br>(d) lil hinn minn 8 mili nawtiċi mil-linji ta' referenza tal-latitudni 15° 00′ 00″ N sal-latitudni 14° 32′ 30″ N;<br>(e) fil-Punent tal-lonġitudni 017° 30′ 00″ W, fiż-żona ta' bejn il-latitudni 14° 32′ 30″ N u l-latitudni 14° 04′ 00″ N;<br>(f) fil-Punent tal-lonġitudni 017° 22′ 00″ W, fiż-żona ta' bejn il-latitudni 14° 04′ 00″ N u l-fruntiera tat-Tramuntana tas-Senegal mal-Gambja;<br>(g) fil-Punent tal-lonġitudni 017° 35′ 00″ W, fiż-żona ta' bejn il-fruntiera tan-Nofsinhar tas-Senegal mal-Gambja u l-latitudni 12° 33′ 00″ N;<br>(h) fin-Nofsinhar tal-ażimut 137° impenġi mill-punt P9 (li jinsab fi 12° 33′ 00″ N u 017° 35′ 00″ W) sal-intersezzjoni mal-ażimut 220° impenġi minn Cabo Roxo, sabiex jitqies il-ftehim ta' ġestjoni u kooperazzjoni bejn is-Senegal u l-Ginea Bissaw. |
| (3) Irkaptu awtorizzat: |
| Xbieki tat-tkarkir konvenzjonali tal-qiegħ jew xbieki tat-tkarkir għall-merluzz, b'daqs minimu tal-malji ta' 70 mm. L-użu ta' kwalunkwe mezz jew tagħmir ieħor li jimblokka l-malji tax-xbieki jew li jnaqqas l-azzjoni selettiva tagħhom huwa pprojbit. Madankollu, bil-għan li jiġi evitat li x-xbieki jitherrew jew jiċċarrtu, huwa permess li jitwaħħlu biss sottovesti ta' protezzjoni magħmulin mix-xibka jew minn materjal ieħor taħt il-parti ta' isfel tal-manka tax-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ. Dawn is-sottovesti għandhom jitwaħħlu biss mal-parti ta' quddiem u mal-ġnub tal-manka tax-xbieki tat-tkarkir. Għall-parti ta' fuq tax-xbieki tat-tkarkir, jista' jintuża apparat ta' protezzjoni biss jekk dan ikun magħmul minn biċċa waħda tax-xibka biss, magħmula mill-istess materjal tal-manka, li l-malji tagħha jkunu tal-anqas ta' 300 mm meta d-drapp ikun stirat. Mhux permess l-irduppjar tal-ħajt sempliċi jew immaljat tal-manka tax-xbieki tat-tkarkir. |
| (4) Qabdiet inċidentali [2]: |
| 7 % ta' ċefalopodi, 7 % ta' krustaċji u 15 % ta' speċijiet oħrajn ta' ħut tal-qiegħ li jgħix f'baħar fond.<br>Il-perċentwali tal-qabdiet inċidentali stabbiliti hawn fuq għandhom jiġu kkalkulati fi tmiem kull vjaġġ tas-sajd, skont il-piż totali tal-qabda, skont ir-regolamenti tas-Senegal.<br>Huma pprojbiti ż-żamma abbord, it-trasbord, il-ħatt l-art, il-ħażna u l-bejgħ tal-ħut qarmuċ tas-sottoklassi *Chondrichthyes* kollu jew parti minnu li huwa protett minn miżuri ta' protezzjoni meħudin fil-kuntest tal-pjan ta' azzjoni tal-Unjoni Ewropea għall-konservazzjoni u l-ġestjoni tal-klieb il-baħar, kif ukoll fil-qafas ta' organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd u ta' organizzazzjonijiet reġjonali tas-sajd kompetenti — b'mod partikulari tal-kelb il-baħar tal-qarnuna bajda oċeaniku (*Carcharhinus longimanus*), tat-tawru seta (*Carcharhinus falciformis*), tal-kelb il-baħar l-abjad (*Carcharodon carcharias*), tal-gabdoll (*Cetorhinus maximus*), tal-pixxiplamtu (*Lamna nasus*), tal-pixxivolpi t'għajnu kbira (*Alopias superciliosus*), tal-ixkatlu komuni (*Squatina squatina*), tal-manta ġganta (*Manta birostris*) u tal-ispeċijiet tal-familja tal-kurazza komuni (*Sphyrnidae*).<br>Meta bi żball jinqabdu speċijiet tal-ħut qarmuċ tas-sottoklassi *Chondrichthyes* li ma jistgħux jinżammu abbord, m'għandhiex issirilhom ħsara. Il-ħut minn dawn l-ispeċijiet maqbud għandu jintefa' lura l-baħar minnufih. |

| (5) Qabdiet totali permissibbli/Imposti: | |
|---|---|
| Ammont ta' qabdiet awtorizzat: | 2 000 tunnellata fis-sena |
| Imposta: | EUR 90 għal kull tunnellata |
| L-imposta għandha tiġi kkalkulata fi tmiem kull perjodu ta' tliet xhur li għalih il-bastiment ikun ingħata awtorizzazzjoni tas-sajd, filwaqt li jitqiesu l-qabdiet li jkunu saru matul dak il-perjodu.<br>Il-liċenzja tingħata biss jekk isir ħlas bil-quddiem ta' EUR 500 għal kull bastiment, li għandu jitnaqqas mill-ammont totali tal-imposta u li għandu jitħallas fil-bidu ta' kull perjodu ta' tliet xhur li għalih il-bastiment ikun ingħata awtorizzazzjoni tas-sajd. | |
| — Għadd ta' bastimenti awtorizzati li jistadu | 2 bastimenti |
| — Tip ta' bastimenti awtorizzati li jistadu | Bastimenti tat-tkarkir għas-sajd għall-ħut tal-qiegħ li jgħix f'baħar fond |
| — Imbark ta' baħrin li jkunu ġejjin mis-Senegal jew minn pajjiżi AKP oħrajn | 20 % tal-ekwipaġġ |
| — Perjodu annwali ta' waqfien mis-sajd għal raġunijiet bijoloġiċi | Mill-1 ta' Mejju sat-30 ta' Ġunju ([3]) |

([1]) Fejn ikun xieraq, iż-żona tas-sajd tista' tiġi ddefinita permezz ta' koordinati li jistabbilixxu l-konfini tal-poligonu li fih huwa permess is-sajd. L-awtoritajiet tas-Senegal għandhom jibagħtu dawn il-koordinati lill-Kummissjoni Ewropea qabel ma jidħol fis-seħħ dan il-Protokoll.
([2]) Din id-dispożizzjoni se tiġi analizzata mill-ġdid sena wara li tibda tiġi applikata.
([3]) Il-perjodu ta' waqfien mis-sajd għal raġunijiet bijoloġiċi, l-istess bħal miżuri tekniċi ta' konservazzjoni oħrajn, se jiġi evalwat sena wara li l-Protokoll jibda jiġi implimentat, u 'l quddiem jista' jiġi adattat, fuq rakkomandazzjoni tal-grupp ta' ħidma xjentifika konġunt, sabiex titqies il-qagħda tal-istokkijiet.

*Appendiċi 3a*

**Speċijiet tal-hut li jpassi hafna: ġurnal ta' abbord tas-sajd – mudell stabbilit mill-ICCAT**

| | |
|---|---|
| ☐ | Konz |
| ☐ | Lixka hajja |
| ☐ | Purse seine |
| ☐ | Xibka tat-tkarkir |
| ☐ | Irkaptu iehor |
| ☐ | |

| | | | Xahar | Jum | Sena | Port |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Isem il-bastiment: ........ | Tunnellaġġ gross: ........ | TLUQ tal-bastiment: | | | | |
| Stat tal-bandiera: ........ | Kapaċità – (f'TM): ........ | | | | | |
| Numru tar-reġistrazzjoni: ........ | Kaptan: ........ | | | | | |
| Sid il-bastiment: ........ | Ghadd ta' membri tal-ekwipaġġ: ........ | | | | | |
| Indirizz: ........ | Data tar-rapport: ........ | RITORN tal-bastiment: | | | | |
| | (Awtur tar-rapport): ........ | Ghadd ta' jiem fuq il-bahar: | | Ghadd ta' jiem ta' sajd: <br> Ghadd ta' rimjiet: | | Numru tas-sajda: |

| Data | | Żona | | Temperatura ta' wiċċ il-bahar (fi °C) Sforz tas-sajd | Ghadd ta' snanar użati | Capturas (Qabdiet) | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | Isco usado na pesca (Lixka użata) | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Xahar | Jum | Latitudni T/N | Lonġitudni L/P | | | Tonn *Thunnus thynnus jew maccoyi* | | Tonn isfar *Thunnus albacares* | | (Tonn obeż) *Thunnus Obesus* | | (Alonga) *Thunnus alalunga* | | (Pixxispad) *Xiphias gladius* | | (Marlin) (Marlin abjad) *Tetraptunus audax jew albidus* | | (Marlin iswed) *Makaira indica* | | (Sailfish) *Istiophorus albicane jew platypterus* | | Palamit *Katsuwonus pelamis* | | (Qabdiet imhalltin) | | Ammont totali ta' kuljum (il-piż f'kg biss) | | Kastardella | Klamari | Lixka hajja | (Lixka ohra) |
| | | | | | | Ghadd | Il-piż f'kg | Ghadd | kg | Ghadd | kg | Ghadd | Kg | Ghadd | kg | Ghadd | kg | Ghadd | kg | Ghadd | kg | Ghadd | kg | Ghadd | kg | Ghadd | kg | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| IL-KWANTITAJIET LI NHATTU L-ART (F'KG) | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |

Kummenti

1 — Użа paġna ghal kull xahar u ringiela ghal kull jum.

2 — "Jum" tfisser il-jum li fih jintrama l-konz.

3 — Iż-żona tas-sajd tirreferi ghall-pożizzjoni tal-bastiment. Aghti l-minuti sal-eqreb minuta shiha u indika l-grad tal-latitudni u tal-lonġitudni. Qis li tindika T/N (Tramuntana/Nofsinhar) u L/P (Lvant/Punent).

4 — L-ahhar ringiela (il-kwantitajiet li nhattu l-art) m'ghandhiex timtela qabel ma tintemm is-sajda. Ghandu jinghata l-piż reali fil-mument tal-hatt l-art.

5 — L-informazzjoni kollha moghtija hawnhekk se tibqa' strettament kunfidenzjali.

*Appendiċi 3b*

**Speċijiet tal-ħut li jgħix f'baħar fond: ġurnal ta' abbord tas-sajd – mudell stabbilit mill-UE (l-Anness VI tar-Regolament (UE) Nru 404/2011)** [1]

| | | | |
|---|---|---|---|
| Numru.................. | ĠURNAL TA' ABBORD TAS-SAJD TAL-UNJONI EWROPEA | | Jum Xahar Siegħa Sena, 20 ...... , |
| Isem il-bastiment(i) (1) Marki ta' identifikazzjoni esterni (2)<br>Sinjal internazzjonali tas-sejħa bir-radju (IRCS) (1) | Isem il-kaptan(i) (3)<br>.......................................... 1<br>Indirizz(i)<br>1 .......................................... 1 | | Tluq (4) [ ........................ ] [...............] minn [ .............]<br>Ritorn (5) [............. ] [............... ] lejn [............]<br>Ħatt l-art (6) [......... ][................ ] fi [................] |
| Irkaptu (8) Daqs tal-malji (9) Daqs (10)<br>1 ............... 1 1 ............... 1 1 ............... 1 | F'każ ta' trasbord (7) Jum 1 .................... 1<br>Xahar 1 ................ 1 1 ................ 1 | Isem u sinjal tas-sejħa bir-radju (jekk ikun hemm) ........................<br>Marki ta' identifikazzjoni esterni .....................................................<br>Nazzjonalità tal-bastiment tas-sajd li jkun qed jirċievi l-ħut ......... | |
| | | | |

[1] L-Anness X tar-Regolament (UE) Nru 404/2011 jistabbilixxi l-istruzzjonijiet mogħtija lill-kaptani tal-bastimenti tas-sajd tal-UE biex iniżżlu l-informazzjoni meħtieġa fil-ġurnal ta' abbord tas-sajd.

| Data (11) | Għadd ta' operazzjonijiet tas-sajd (12) | Ħin ta' sajd (13) | Pożizzjoni (14) | | | Qabdiet miżmuma abbord, skont l-ispeċi, f'kilogrammi ta' piż ħaj jew fl-għadd ta' unitajiet (15) ([2]) | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Rettangolu statistiku | Żona tal-ICES/tan-NAFO/tas-CECAF/tal-GFCM | Żona tas-sajd ta' stati li mhumiex Stati Membri tal-UE | | | | | | | | | | | | Agħti l-piż tal-unità f'piż ħaj tal-ispeċi kkonċernata | Inizjali |
| | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | | | | | | |

| | Żona tal-ICES/tan-NAFO/tas-CECAF/tal-GFCM (22) | Żona tas-sajd ta' stati li mhumiex Stati Membri tal-UE (22) | | |
|---|---|---|---|---|
| | | | | Stima tal-ħut kollu mormi lura l-baħar (16) |
| | | | Dikjarazzjoni tal-ħatt l-art/tat-trasbord (*)/(18) f'kilogrammi jew fl-unità użata: daqs : ................................ kilogrammi | |
| Preżentazzjoni tal-ħut (17)<br>Kwantità (19)<br>Preżentazzjoni tal-ħut (17)<br>Kwantità (19)<br>Preżentazzjoni tal-ħut (17)<br>Kwantità (19)<br>Preżentazzjoni tal-ħut (17)<br>Kwantità (19) | | | | Firma<br>Kaptan/Aġent Π (20)<br>Isem l-aġent u l-indirizz tiegħu (fejn applikabbli) (21)<br>Isem l-aġent u l-indirizz tiegħu (fejn applikabbli) (21) |
| | | | | |
| | | | | |
| | | | | |
| | | | | |
| | | | | |

(*) Ħassar liema ma tapplikax skont il-bżonn.

*Appendiċi 3c*

**APPENDIĊI - IS-SENEGAL**

**SENA - PERJODU TA' TLIET XHUR** [ ]

**Dikjarazzjoni tal-qabdiet tal-bastimenti tas-sajd għall-ħut tal-qiegħ li jgħix f'baħar fond**

sem il-bastiment [ ] Stat tal-bandiera [ ] Żona (1) [ ]

**l-qabdiet, mogħtija f'kilogrammi**

| **Xahar** | (2) **(IL-KODIĊI TAL-FAO)** | Paġell | Pandora | Petriċi kbira | | | | | | Ħut ieħor (3) | Diversi tipi ta' ċefalopodi (3) | Diversi tipi ta' krustaċji (3) | Diversi tipi ta' frott tal-baħar bil-qoxra (3) | **Il-piż totali tal-qabdiet** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Jannar | | | | | | | | | | | | | | |
| Frar | | | | | | | | | | | | | | |
| Marzu | | | | | | | | | | | | | | |
| April | | | | | | | | | | | | | | |
| Mejju | | | | | | | | | | | | | | |
| Ġunju | | | | | | | | | | | | | | |
| Lulju | | | | | | | | | | | | | | |
| Awwissu | | | | | | | | | | | | | | |
| Settembru | | | | | | | | | | | | | | |
| Ottubru | | | | | | | | | | | | | | |
| Novembru | | | | | | | | | | | | | | |
| Diċembru | | | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | | |
| **Għadd totali** | | | | | | | | | | | | | | |

(1) Indika jekk hix iż-żona tas-"Senegal" jew "iż-żona komuni tas-Senegal u l-Ginea Bissaw".

(2) Uża l-kolonni skont l-ispeċi maqbuda (u semmi l-kodiċi tal-FAO tagħhom).

(3) Indika l-qabdiet aggregati jekk ma tkunx speċifikajt l-ispeċijiet.

*Appendiċi 4*

## KOORDINATI ĠEOGRAFIĊI

### Żoni tas-sajd u żoni li fihom ma jistax isir sajd fis-Senegal

Qabel ma jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim, is-Senegal għandu jinnotifika l-koordinati taż-żoni tas-sajd tiegħu u l-koordinati taż-żoni li fihom ma jistax isir tbaħħir u sajd.

*Appendiċi 5*

**KOMUNIKAZZJONI TAL-MESSAĠĠI TAL-VMS LIS-SENEGAL FORMAT TAD-DEJTA TAL-VMS — RAPPORT DWAR IL-POŻIZZJONI**

| Element tad-dejta | Kodiċi | Obbligatorju/ Fakultattiv | Kontenut |
|---|---|---|---|
| Bidu tar-reġistrazzjoni | SR | O | Dettall dwar is-sistema li jindika l-bidu tar-reġistrazzjoni |
| Destinatarju | AD | O | Dettall dwar il-messaġġ — Il-kodiċi alfa-3 tal-pajjiż destinatarju (ISO-3166) |
| Mingħand | FR | O | Dettall dwar il-messaġġ — Il-kodiċi alfa-3 tal-pajjiż li jkun qed jibgħat il-messaġġ (ISO-3166) |
| Stat tal-bandiera | FS | O | Detall dwar il-messaġġ — Il-kodiċi alfa-3 tal-Istat tal-bandiera (ISO-3166) |
| Tip ta' messaġġ | TM | O | Dettall dwar il-messaġġ — It-tip ta' messaġġ (ENT, POS, EXI) |
| Sinjal tas-sejħa bir-radju (IRCS) | RC | O | Dettall dwar il-bastiment — Is-sinjal internazzjonali tas-sejħa bir-radju tal-bastiment (IRCS) |
| Numru ta' referenza intern tal-parti kontraenti | IR | F | Dettall dwar il-bastiment — in-numru uniku tal-parti kontraenti, mogħti bħala l-kodiċi alfa-3 (ISO-3166) segwit min-numru. |
| Numru tar-reġistrazzjoni estern: | XR | O | Dettall dwar il-bastiment — in-numru mmarkat fuq il-ġenb tal-bastiment (ISO 8859.1) |
| Latitudni | LT | O | Dettall dwar il-pożizzjoni tal-bastiment — il-pożizzjoni fi gradi u fi gradi deċimali +/- GG.ggg (WGS84) |
| Lonġitudni | LG | O | Dettall dwar il-pożizzjoni tal-bastiment — il-pożizzjoni fi gradi u fi gradi deċimali +/- GGG.ggg (WGS84) |
| Rotta | CO | O | Ir-rotta tal-bastiment fuq skala ta' 360°grad |
| Veloċità | SP | O | Il-veloċità tal-bastiment f'wieħed minn kull għaxar mili nawtiċi |
| Data | DA | O | Dettall dwar il-pożizzjoni tal-bastiment — id-data tar-reġistrazzjoni tal-pożizzjoni f'UTC (SSSSXXJJ) |
| Ħin | TI | O | Dettall dwar il-pożizzjoni tal-bastiment — il-ħin tar-reġistrazzjoni tal-pożizzjoni f'UTC (SSMM) |
| Tmiem ir-reġistrazzjoni | ER | O | Dettall dwar is-sistema li jindika tmiem ir-reġistrazzjoni |

It-trażmissjoni tad-dejta hija strutturata kif ġej:

Il-karattri użati jridu jkunu konformi mal-istandard tal-ISO 8859.1;

Linja mmejla doppja (//) u l-kodiċi "SR" jindikaw il-bidu tal-messaġġ;

Kull element tad-dejta jiġi identifikat mill-kodiċi tiegħu u jingħażel mill-elementi l-oħra tad-dejta permezz ta' linja mmejla doppja (//);

Linja mmejla waħda (/) tissepara l-kodiċi minn mad-dejta;

Il-kodiċi "ER" segwit minn linja mmejla doppja (//) jindika tmiem il-messaġġ;

L-elementi tad-dejta fakultattivi għandhom jiddaħħlu bejn il-bidu u t-tmiem tal-messaġġ.

*Appendiċi 6*

**LINJI GWIDA GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAS-SISTEMA ELETTRONIKA TA' RAPPURTAR TAD-DEJTA DWAR L-ATTIVITAJIET TAS-SAJD (IS-SISTEMA ERS)**

1. **Dispożizzjonijiet ġenerali**

(1) Kull bastiment tas-sajd tal-Unjoni għandu jkun mgħammar b'sistema elettronika, minn hawn 'il quddiem imsejħa "s-sistema ERS", li tkun kapaċi tirreġistra u tibgħat dejta marbuta mal-attivitajiet tas-sajd tal-bastiment, minn hawn 'il quddiem imsejħa "dejta tal-ERS", kull meta l-bastiment ikun qed jopera fl-ilmijiet tas-Senegal.

(2) Bastiment tal-UE li ma jkunx mgħammar b'sistema ERS, jew li s-sistema ERS tiegħu ma tkunx qed taħdem, mhuwiex awtorizzat jidħol fl-ilmijiet tas-Senegal biex iwettaq attivitajiet tas-sajd fihom.

(3) Id-dejta tal-ERS tintbagħat skont il-proċeduri tal-Istat tal-bandiera tal-bastiment, jiġifieri l-ewwel tintbagħat liċ-Ċentru tal-Monitoraġġ tas-Sajd (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "ĊMS") tal-Istat tal-bandiera, li jiżgura li din titqiegħed b'mod awtomatiku għad-dispożizzjoni tad-Direttorat għall-Protezzjoni u għas-Sorveljanza tas-Sajd (DPSP) tas-Senegal.

(4) L-Istat tal-bandiera u s-Senegal għandhom jiżguraw li ċ-ĊMS tagħhom ikunu mgħammra bit-tagħmir tal-informatika u bis-softwer meħtieġa biex isseħħ it-trażmissjoni awtomatika tad-dejta tal-ERS fil-format XML u li dawn għandhom proċedura ta' salvagwardja li kapaċi tirreġistra u taħżen id-dejta tal-ERS f'forma li tista' tinqara minn kompjuter għal perjodu ta' mill-inqas tliet snin.

(5) It-trażmissjoni tad-dejta tal-ERS għandha sseħħ bl-użu tal-mezzi elettroniċi ta' komunikazzjoni mmaniġġjati mill-Kummissjoni Ewropea f'isem l-UE, identifikati bħala "DEH" ("Data Exchange Highway").

(6) L-Istat tal-bandiera u s-Senegal għandhom jagħżlu korrispondent tal-ERS kull wieħed li jkun il-punt ta' kuntatt.

(a) Il-korrispondenti tal-ERS għandhom jinħatru għal perjodu minimu ta' sitt xhur.

(b) Iċ-ĊMS tal-Istat tal-bandiera u ċ-ĊMS tas-Senegal għandhom jibagħtu lil xulxin id-dettalji ta' kuntatt tal-korrispondenti tal-ERS rispettivi tagħhom (l-ismijiet, l-indirizzi, in-numri tat-telefown, in-numri tal-feks u l-indirizzi tal-posta elettronika tagħhom) qabel ma l-fornitur jibda jipproduċi s-sistemi ERS.

(c) Għandha ssir notifika minnufih dwar kull emenda fid-dettalji ta' kuntatt tal-korrispondenti tal-ERS.

2. **Produzzjoni u trażmissjoni tad-dejta tal-ERS**

(1) Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għandhom:

(a) jibagħtu d-dejta tal-ERS kuljum għal kull jum li jqattgħu fl-ilmijiet tas-Senegal;

(b) jirreġistraw, għal kull operazzjoni tas-sajd, il-kwantitajiet ta' kull speċi maqbuda u miżmuma abbord bħala speċi fil-mira jew bħala qabda inċidentali, u dawk mormija lura l-baħar;

(c) jiddikjaraw ukoll, għal kull speċi identifikata fl-awtorizzazzjoni tas-sajd maħruġa mis-Senegal, meta ma jinqabad xejn minn dik l-ispeċi;

(d) jidentifikaw kull speċi bil-kodiċi alfa-3 tal-FAO tagħha;

(e) jagħtu l-kwantitajiet f'kilogrammi ta' piż ħaj, jew jekk ikun meħtieġ, fl-għadd ta' ħut individwali;

(f) jirreġistraw fid-dejta tal-ERS, għal kull speċi, il-kwantitajiet li ġew ittrasbordati u/jew li nħattu l-art;

(g) jirreġistraw fid-dejta tal-ERS, kull darba li jidħlu fl-ilmijiet tas-Senegal u kull darba li joħorġu minnhom (fil-messaġġ COE u fil-messaġġ COX rispettivament), messaġġ speċifiku li jkun fih, għal kull speċi identifikata fl-awtorizzazjoni tas-sajd maħruġa mis-Senegal, il-kwantitajiet li jkunu qed jinżammu abbord fil-mument ta' kull dħul/ħruġ;

(h) jibagħtu kuljum id-dejta tal-ERS liċ-ĊMS tal-Istat tal-bandiera, fil-format mogħti fil-punt (4) tal-paragrafu 1 t'hawn fuq, sa mhux aktar tard min-23:59 UTC.

(2) Il-kaptan huwa responsabbli għall-preċiżjoni tad-dejta tal-ERS irreġistrata u mibgħuta.

(3) Iċ-ĊMS tal-Istat tal-bandiera għandu jibgħat b'mod awtomatiku u mingħajr dewmien id-dejta tal-ERS liċ-ĊMS tas-Senegal.

(4) Iċ-ĊMS tas-Senegal għandu jikkonferma li tkun waslitlu d-dejta tal-ERS permezz ta' messaġġ ta' ritorn u għandu jittratta d-dejta kollha tal-ERS b'mod kunfidenzjali.

3. **Nuqqas fis-sistema ers abbord il-bastiment u/jew fit-trażmissjoni tad-dejta tal-ERS bejn il-bastiment u ċ-ĊMS tal-Istat tal-bandiera**

(1) L-Istat tal-bandiera għandu jgħarraf mingħajr dewmien lill-kaptan u/jew lil sid il-bastiment li jtajjar il-bandiera tiegħu, jew lir-rappreżentant tiegħu, b'kull nuqqas tekniku fis-sistema ERS installata abbord il-bastiment jew b'xi nuqqas fil-funzjonament tat-trażmissjoni tad-dejta tal-ERS bejn il-bastiment u ċ-ĊMS tal-Istat tal-bandiera.

(2) L-Istat tal-bandiera għandu jgħarraf lis-Senegal bin-nuqqas innutat u bil-miżuri korrettivi li jkunu ttieħdu.

(3) F'każ ta' ħsara fis-sistema ERS abbord il-bastiment, il-kaptan u/jew is-sid għandhom jiżguraw li l-ħsara tissewwa jew li s-sistema ERS tinbidel fi żmien għaxart ijiem. Jekk il-bastiment jidħol f'xi port matul dan il-perjodu ta' għaxart ijiem, huwa ma jkunx jista' jkompli bl-attivitajiet tas-sajd tiegħu fl-ilmijiet tas-Senegal sakemm is-sistema ERS tiegħu ma tkunx qed taħdem b'mod perfett, ħlief jekk is-Senegal jagħtih awtorizzazzjoni biex jagħmel dan.

(a) Bastiment tas-sajd ma jistax jitlaq minn port wara li jkollu nuqqas tekniku fis-sistema ERS tiegħu qabel ma s-sistema ERS tiegħu tkun qed taħdem mill-ġdid, b'mod li jissodisfa lill-Istat tal-bandiera tiegħu u lis-Senegal, jew

(b) sakemm ma jirċevix awtorizzazzjoni biex jagħmel dan mill-Istat tal-bandiera tiegħu. F'dan il-każ, l-Istat tal-bandiera għandu jgħarraf lis-Senegal bid-deċiżjoni tiegħu qabel ma l-bastiment jitlaq mill-port.

(4) Kull bastiment tal-UE li jopera fl-ilmijiet tas-Senegal b'sistema ERS difettuża għandu jibgħat kuljum u sa mhux aktar tard min-23:59 UTC, id-dejta kollha tal-ERS liċ-ĊMS tal-Istat tal-bandiera bi kwalunkwe mezz ieħor ta' komunikazzjoni elettronika disponibbli li jkun aċċessibbli għaċ-ĊMS tas-Senegal.

(5) Id-dejta tal-ERS li ma tkunx setgħet titqiegħed għad-dispożizzjoni tas-Senegal permezz tas-sistema ERS minħabba nuqqas fis-sistema għandha tintbagħat liċ-ĊMS tas-Senegal miċ-ĊMS tal-Istat tal-bandiera b'mezz ieħor elettroniku maqbul b'mod reċiproku. Din it-trażmissjoni alternattiva għandha titqies bħala prijoritarja, filwaqt li jiġi mifhum li jista' jkun li ma jkunux jistgħu jitħarsu l-iskadenzi li s-soltu japplikaw għat-trażmissjoni.

(6) Jekk iċ-ĊMS tas-Senegal ma jirċevix id-dejta tal-ERS mingħand bastiment għal tlett ijiem konsekuttivi, is-Senegal jista' joħroġ struzzjonijiet lill-bastiment biex imur immedjatament f'port magħżul mis-Senegal għall-investigazzjoni.

4. **Nuqqas min-naħa taċ-ĊMS — iċ-ĊMS tas-Senegal ma jkunx qed jirċievi d-dejta tal-ERS**

(1) Meta ĊMS ma jkunx qed jirċievi d-dejta tal-ERS, il-korrispondent tal-ERS tiegħu għandu jgħarraf minnufih lill-korrispondent tal-ERS taċ-ĊMS l-ieħor u, jekk ikun meħtieġ, għandu jikkollabora miegħu sabiex tiġi solvuta l-problema.

(2) Iċ-ĊMS tal-Istat tal-bandiera u ċ-ĊMS tas-Senegal għandhom jaqblu b'mod reċiproku qabel it-tnedija operattiva tal-ERS dwar il-mezzi ta' komunikazzjoni elettroniċi alternattivi li għandhom jintużaw għat-trażmissjoni tad-dejta tal-ERS f'każ li jkun hemm nuqqas min-naħa taċ-ĊMS, u għandhom jgħarrfu lil xulxin minnufih b'kull emenda fihom.

(3) Meta ċ-ĊMS tas-Senegal javża li ma jkunx irċieva d-dejta tal-ERS, iċ-ĊMS tal-Istat tal-bandiera għandu jidentifika l-kawżi tal-problema u għandu jieħu l-miżuri x-xierqa biex isolvi l-problema. Iċ-ĊMS tal-Istat tal-bandiera għandu jgħarraf liċ-ĊMS tas-Senegal u lill-UE bir-riżultati u bil-miżuri li jkunu ttieħdu fi żmien 24 siegħa minn meta jkun ġie nnutat in-nuqqas.

(4) Jekk ikun hemm bżonn ta' iktar minn 24 siegħa biex tissolva l-problema, iċ-ĊMS tal-Istat tal-bandiera għandu jibgħat minnufih id-dejta tal-ERS li tkun nieqsa liċ-ĊMS tas-Senegal billi juża wieħed mill-mezzi elettroniċi alternattivi msemmija fil-punt (5) tal-paragrafu 3.

(5) Is-Senegal għandu javża lis-servizzi ta' kontroll kompetenti tiegħu sabiex il-bastimenti tal-UE ma jitqisux miċ-ĊMS tas-Senegal bħala bastimenti li qed iwettqu ksur minħabba n-nuqqas ta' trażmissjoni tad-dejta tal-ERS minħabba nuqqas min-naħa ta' wieħed miċ-ĊMS.

5. **Manutenzjoni ta' ĊMS**

(1) ĊMS għandu jiġi mgħarraf bl-operazzjonijiet ippjanati ta' manutenzjoni taċ-ĊMS l-ieħor (programm ta' manutenzjoni) li jistgħu jaffettwaw l-iskambju tad-dejta tal-ERS, mill-inqas 72 siegħa qabel, b'indikazzjoni, jekk ikun possibbli, tad-data tal-manutenzjoni u tat-tul ta' żmien tagħha. Għall-operazzjonijiet ta' manutenzjoni li ma jkunux ippjanati, din l-informazzjoni għandha tintbagħat liċ-ĊMS l-ieħor mill-aktar fis possibbli.

(2) Matul l-operazzjoni ta' manutenzjoni, id-disponibbiltà tad-dejta tal-ERS tista' titpoġġa fi stat ta' stennija sakemm is-sistema terġa' ssir operattiva. Imbagħad, id-dejta tal-ERS ikkonċernata terġa' titpoġġa għad-dispożizzjoni immedjatament wara li tintemm l-operazzjoni ta' manutenzjoni.

(3) Jekk l-operazzjoni ta' manutenzjoni ddum iktar minn 24 siegħa, id-dejta tal-ERS għandha tintbagħat liċ-ĊMS l-ieħor b'wieħed mill-mezzi elettroniċi alternattivi msemmija fil-punt (5) tal-paragrafu 3.

(4) Is-Senegal għandu javża lis-servizzi ta' kontroll kompetenti tiegħu sabiex il-bastimenti tal-UE ma jitqisux li qed iwettqu ksur minħabba n-nuqqas ta' trażmissjoni tad-dejta tal-ERS minħabba operazzjoni ta' manutenzjoni ta' ĊMS.

*Appendiċi 7*

**ID-DETTALJI TA' KUNTATT TAS-SENEGAL**

1. Id-Direttorat tas-Sajd Marittimu (DPM)

   Indirizz: Place du Tirailleur, 1 rue Joris, BP 289 Dakar
   Indirizz tal-posta elettronika: infos@dpm.sn; cjpmanel@gmail.com
   Numru tat-telefown: + 221 338230137
   Numru tal-feks: + 221 338214758

2. Għat-talbiet għal awtorizzazzjoni tas-sajd

   Indirizz: Place du Tirailleur, 1 rue Joris, BP 289 Dakar
   Indirizz tal-posta elettronika: infos@dpm.sn; cjpmanel@gmail.com
   Numru tat-telefown: + 221 338230137
   Numru tal-feks: + 221 338214758

3. Id-Direttorat għall-Protezzjoni u għas-Sorveljanza tas-Sajd (DPSP) u n-Notifika ta' Dħul u Ħruġ

   Isem iċ-ĊMS (il-kodiċi tas-sejħa): Papa Sierra

   Dettalji tar-radju:

   VHF: F1 l-istazzjon 16; F2 l-istazzjon 71
   HF: F1 5.283 MHZ; F2 7.3495 MHZ

   Indirizz:

   Indirizz tal-posta elettronika: crrsdpsp@gmail.com

   Indirizz tal-posta elettronika (alternattiv): surpeche@hotmail.com

   Numru tat-telefown: + 221 338602465

   Numru tal-feks: + 221 338603119

4. Iċ-Ċentru ta' Riċerka Oċeanografika ta' Dakar Thiaroye (CRODT)

   Indirizz: Pôle de Recherches de Hann Sis au Laboratoire National d'Elevage et de Recherches vétérinaires (PRH/LNERV)
   BP 2241 Dakar
   Indirizz tal-posta elettronika: massal.fall@gmail.com
   Numru tat-telefown: + 221 773339289/776483936
   Numru tal-feks: + 221 338328265

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) Nru 1118/2014

**tat-8 ta' Ottubru 2014**

**dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd skont il-Protokoll ta' Implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Senegal**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 43(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) L-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Senegal innegozjaw Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim") u Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Protokoll"), li jagħtu opportunitajiet tas-sajd lill-bastimenti tal-UE fl-ilmijiet li jaqgħu fis-sovranità jew il-ġurisdizzjoni tar-Repubblika tas-Senegal f'dak li għandu x'jaqsam mas-sajd.

(2) Fit-8 ta' Ottubru 2014, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2014/733/UE dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Senegal u tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu ([1]).

(3) Għandu jiġi ddefinit il-metodu għall-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd fost l-Istati Membri kemm għall-perjodu tal-applikazzjoni provviżorja u kemm għall-perjodu kollu tal-Protokoll.

(4) Taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1006/2008 ([2]), jekk jirriżulta li l-għadd ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd jew l-ammont ta' opportunitajiet ta' sajd mogħtija lill-Unjoni taħt il-Protokoll ma jkunux ġew użati għalkollox, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri kkonċernati. In-nuqqas ta' tweġiba sal-iskadenza li għandha tiġi ffissata mill-Kunsill għandu jiġi kkunsidrat bħala konferma li l-bastimenti tal-Istat Membru kkonċernat mhux qed jagħmlu użu sħiħ mill-opportunitajiet tas-sajd tagħhom fil-perijodu stabbilit. Jinħtieġ li tiġi ffissata tali skadenza.

(5) Biex ikun żgurat it-twettiq tal-attivitajiet tas-sajd tal-bastimenti tal-Unjoni, il-Protokoll jipprevedi li jista' jiġi applikat b'mod provviżorju minn kull Parti mid-data tal-iffirmar tiegħu. Jinħtieġ għalhekk li dan ir-Regolament jibda japplika mid-data tal-iffirmar tal-Protokoll,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

1. L-opportunitajiet tas-sajd stabbiliti mill-Protokoll għandhom jitqassmu bejn l-Istati Membri kif ġej:

(a) il-bastimenti tas-sajd għat-tonn bit-tartaruni:

| | |
|---|---|
| Spanja | 16-il bastiment |
| Franza | 12-il bastiment |

---

([1]) Ara paġna 1 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

([2]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1006/2008 tad-29 ta' Settembru 2008 dwar l-awtorizzazzjonijiet għall-attivitajiet tas-sajd tal-bastimenti tas-sajd tal-Komunità barra mill-ilmijiet tal-Komunità u l-aċċess ta' bastimenti ta' pajjiżi terzi għall-ilmijiet tal-Komunità, li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93 u (KE) Nru 1627/94 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 3317/94 (ĠU L 286, 29.10.2008, p. 33).

(b) il-bastimenti tas-sajd bil-qasab u x-xlief:

| | |
|---|---|
| Spanja | 7 bastimenti |
| Franza | Bastiment wieħed |

(c) il-bastimenti tat-tkarkir:

| | |
|---|---|
| Spanja | 2 bastimenti |

2. Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1006/2008 għandu japplika mingħajr preġudizzju għall-Ftehim.

3. Jekk l-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjonijiet tas-sajd mill-Istati Membri msemmijin fil-paragrafu 1 ma jkoprux l-opportunitajiet kollha tas-sajd stabbiliti mill-Protokoll, il-Kummissjoni għandha tqis l-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjonijiet tas-sajd minn kwalunkwe Stat Membru ieħor skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1006/2008.

4. Id-data sa meta l-Istati Membri għandhom jikkonfermaw li mhumiex qed jużaw bis-sħiħ l-opportunitajiet tas-sajd li jkunu ngħatawlhom skont il-Ftehim, kif imsemmi fl-Artikolu 10(1) tar-Regolament (KE) Nru 1006/2008, għandha tkun għaxart ijiem tax-xogħol minn meta l-Kummissjoni tgħarrafhom li l-opportunitajiet tas-sajd mhumiex qed jintużaw kollha.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu jibda japplika mid-data tal-iffirmar tal-Protokoll.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, it-8 ta' Ottubru 2014.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. LUPI

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1119/2014

## tas-16 ta' Ottubru 2014

## li jemenda l-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-livelli massimi ta' residwi għall-klorur tal-benżalkonju u l-klorur tad-dideċildimetilammonju f'ċerti prodotti jew fuqhom

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 14(1)(a) u l-Artikolu 16(1)(a) tiegħu,

Billi:

(1) Sa issa, ma ġew stipulati l-ebda livelli massimi ta' residwi (maxiumum residue levels — MRLs) għall-klorur tal-benżalkonju (benzalkonium chloride — BAC) u għall-klorur tad-dideċildimetilammonju (didecyldimethylammonium chloride — DDAC) u dawk is-sustanzi ma ġewx inklużi fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.

(2) Il-BAC mhuwiex sustanza attiva approvata fi prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]). Id-DDAC ġie approvat bħala sustanza attiva fi prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti għall-użu fuq pjanti ornamentali, iżda l-awtorizzazzjonijiet kollha tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom id-DDAC ġew irrevokati wara l-irtirar tal-approvazzjoni ([3]). Iż-żewġ sustanzi jintużaw bħala bijoċidi għad-diżinfezzjoni. Dak l-użu jista' jwassal għal traċċi ta' residwi fl-ikel.

(3) Il-Kummissjoni rċeviet informazzjoni mill-Istati Membri u mill-operaturi kummerċjali li turi l-preżenza tal-BAC u d-DDAC f'ċerti prodotti jew fuqhom li jwassal għal residwi ogħla mill-MRL bażiku ta' 0,01 mg/kg stipulat fir-Regolament (KE) Nru 396/2005.

(4) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel, minn hawn 'il quddiem "l-Awtorità", fl-2012 u fl-2013, ġabret dejta ta' monitoraġġ biex tinvestiga l-preżenza ta' residwi tal-BAC u d-DDAC fl-ikel. Dik id-dejta ġiet iġġenerata mill-Istati Membri u l-operaturi tan-negozji tal-ikel u wriet li dawk is-sustanzi jkunu preżenti f'livelli li jvarjaw skont is-sors u l-prodott, iżda li l-livelli spiss jaqbżu l-livell bażiku tal-MRL ta' 0,01 mg/kg. Dawn is-sejbiet jipprovdu xhieda ta' preżenza inevitabbli ta' BAC u DDAC f'ċerti prodotti jew fuqhom.

(5) L-Awtorità pprovdiet rapport tekniku dwar l-evalwazzjoni statistika tad-dejta miġbura ([4]). Hija vvalutat jekk l-MRLs temporanji proposti mis-servizzi tal-Kummissjoni jipproteġux biżżejjed il-konsumaturi fir-rigward tal-possibbiltà tagħhom ta' esponiment għal residwi minħabba l-użu fi prodotti bijoċidali u tat opinjoni motivata dwar l-MRLs proposti ([5]). Dan ir-rapport u l-opinjoni għaddiethom lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri u għamlithom disponibbli għall-pubbliku.

(6) Fl-opinjoni motivata tagħha, l-Awtorità kkonkludiet li filwaqt li l-valutazzjoni tar-riskju hija affettwata minn grad għoli ta' inċertezzi minħabba l-informazzjoni limitata disponibbli, l-MRLs temporanji proposti huma mistennija li jipproteġu biżżejjed lill-konsumatur. L-Awtorità qieset il-valutazzjonijiet tas-saħħa mwettqin mill-Bundesinstitut

([1]) ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1.

([2]) Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 175/2013 tas-27 ta' Frar 2013 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 fir-rigward tal-irtirar tal-approvazzjoni tas-sustanza attiva klorur tad-dideċildimetilammonju (ĠU L 56, 28.2.2013, p. 4).

([4]) European Food Safety Authority; Evaluation of monitoring data on residues of didecyldimethylammonium chloride (DDAC) and benzalkonium chloride (BAC). EFSA supporting publication 2013:EN-483, 30 pp.

([5]) European Food Safety Authority; Reasoned opinion on the dietary risk assessment for proposed temporary maximum residue levels (MRLs) of didecyldimethylammonium chloride (DDAC) and benzalkonium chloride (BAC). EFSA Journal 2014;12(4):3675, 23 pp.

für Risikobewertung (BfR) [1] [2] Ġermaniż dwar il-BAC u d-DDAC. La l-esponiment tul il-ħajja għas-sustanzi permezz tal-konsum tal-prodotti kollha tal-ikel li jista' jkun fihom dawn is-sustanzi, u lanqas l-esponiment f'medda qasira ta' żmien minħabba konsum estrem tal-uċuħ tar-raba' relevanti ma wrew li kien hemm riskju li tinqabeż id-doża aċċettabbli ta' kuljum (acceptable daily intake — ADI) jew id-doża akuta ta' referenza (acute reference dose — ARfD). L-Awtorità pproponiet li tinbidel id-definizzjoni tar-residwu għal BAC.

(7) Huwa xieraq li jiġu stabbiliti MRLs temporanji għall-BAC u d-DDAC, abbażi tad-dejta disponibbli ta' monitoraġġ u tal-opinjoni motivata tal-Awtorità. Dawn l-MRLs temporanji għandhom jiġu riveduti fi żmien ħames snin, biex jiġu evalwati d-dejta u l-informazzjoni ġodda li jkunu saru disponibbli.

(8) Abbażi tal-opinjoni motivata tal-Awtorità u fid-dawl tal-fatturi relevanti għas-suġġett li qed jiġi kkunsidrat, l-emendi xierqa għall-MRLs jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 14(2) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.

(9) Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.

(10) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Ottubru 2014.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

---

(1) Bundesinstitut für Risikobewertung; Gesundheitliche Bewertung der Rückstände von Didecyldimethylammoniumchlorid (DDAC) in Lebensmitteln. L-opinjoni tal-BfR Nru 027/2012, tad-9 ta' Lulju 2012, kif emendata fil-21 ta' Jannar 2013, 16 pp.

(2) Bundesinstitut für Risikobewertung; Health assessment of benzalkonium chloride residues in food. L-opinjoni tal-BfR Nru 032/2012, tat-13 ta' Lulju 2012, 14 pp.

*ANNESS*

L-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 huwa emendat kif ġej:

Fil-Parti A, jiżdiedu l-kolonni li ġejjin għall-klorur tal-benżalkonju u l-klorur tad-dideċildimetilammonju:

**"Residwi ta' pestiċidi u livelli massimi ta' residwi (mg/kg)**

| Numru tal-kodiċi | Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs ([a]) | | | Klorur tal-benżalkonju (taħlita ta' kloruri tal-alkilbenżildimetilammonju b'tulijiet tal-ktajjen tal-alkili ta' $C_8$, $C_{10}$, $C_{12}$, $C_{14}$, $C_{16}$ u $C_{18}$) | Klorur tad-dideċildimetilammonju (taħlita ta' mlieħ tal-ammonju alkil-kwaternarju b'tulijiet tal-ktajjen tal-alkili ta' $C_8$, $C_{10}$ u $C_{12}$) |
|---|---|---|---|---|---|
| 0100000 | 1. | **FROTT FRISK JEW ĠEWŻ IFFRIŻAT** | | 0,1 (+) | 0,1 (+) |
| 0110000 | | (i) | **Frott taċ-ċitru** | | |
| 0110010 | | | Tronġ (Shaddocks, pomelo, sweeties, tanġelo (minbarra minneola), ugli u ibridi oħra) | | |
| 0110020 | | | Laringġ (Bergamott, larinġ tal-bakkaljaw, kinotto u ibridi oħra) | | |
| 0110030 | | | Lumi (Tronġ, lumi, Id Buddha (*Citrus medica* var. *sarcodactylis*)) | | |
| 0110040 | | | Xkomp | | |
| 0110050 | | | Mandolin (Klementina, ċitru tat-tanġier, minneola u ibridi oħra tangor (*Citrus reticulata* × *sinensis*)) | | |
| 0110990 | | | Oħrajn | | |
| 0120000 | | (ii) | **Ġewż tas-siġar** | | |
| 0120010 | | | Lewż | | |
| 0120020 | | | Ġewż tal-Brażil | | |
| 0120030 | | | Ġewż tal-anakardju | | |
| 0120040 | | | Qastan | | |
| 0120050 | | | Ġewż tal-Indi | | |
| 0120060 | | | Ġellewż (Filbert) | | |
| 0120070 | | | Macadamia | | |
| 0120080 | | | Ġewż Amerikan | | |
| 0120090 | | | Ġewż tal-arżnu | | |
| 0120100 | | | Pistaċċi | | |
| 0120110 | | | Ġewż | | |
| 0120990 | | | Oħrajn | | |
| 0130000 | | (iii) | **Frott taż-żerriegħa** | | |
| 0130010 | | | Tuffieħ (Tuffieħ selvaġġ) | | |
| 0130020 | | | Lanġas (Lanġas Orjentali) | | |
| 0130030 | | | Sfarġel | | |
| 0130040 | | | Naspli | | |

| Numru tal-kodiċi | | Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs (a) | Klorur tal-benżalkonju (taħlita ta' kloruri tal-alkilbenżildimetilammonju b'tulijiet tal-ktajjen tal-alkili ta' $C_8$, $C_{10}$, $C_{12}$, $C_{14}$, $C_{16}$ u $C_{18}$) | Klorur tad-diděcildimetilammonju (taħlita ta' mlieħ tal-ammonju alkil-kwaternarju b'tulijiet tal-ktajjen tal-alkili ta' $C_8$, $C_{10}$ u $C_{12}$) |
|---|---|---|---|---|
| 0130050 | | Naspla tal-Ġappun | | |
| 0130990 | | Oħrajn | | |
| 0140000 | (iv) | **Frott tal-għadma** | | |
| 0140010 | | Berquq | | |
| 0140020 | | Ċirasa (Ċirasa ħelwa, ċirasa qarsa) | | |
| 0140030 | | Ħawħ (Nuċiprisk u ibridi simili) | | |
| 0140040 | | Għanbaqar (Għanbaqra ħamra, għanbaqra ħadra, għanbaqra mirabella, pruna selvaġġa, tamal aħmar/tamal Ċiniż/żinżel Ċiniż (*Ziziphus zizyphus*)) | | |
| 0140990 | | Oħrajn | | |
| 0150000 | (v) | **Frott irqiq u frott żgħir** | | |
| 0151000 | | (a) *Għeneb tal-mejda u tal-inbid* | | |
| 0151010 | | Għeneb tal-mejda | | |
| 0151020 | | Għeneb tal-inbid | | |
| 0152000 | | (b) *Frawli* | | |
| 0153000 | | (c) *Frott tal-kannamiela* | | |
| 0153010 | | Tut | | |
| 0153020 | | Ċawsli iswed (Kukku Logan, Kukku Tay, Kukku Boysen, Kukku sħaba u ibridi ta' *Rubus* oħrajn) | | |
| 0153030 | | Lampun (Vinilampun, lampun Artiku/lampun, (*Rubus arcticus*), lampun tal-meraq (*Rubus arcticus* × *Rubus idaeus*)) | | |
| 0153990 | | Oħrajn | | |
| 0154000 | | (d) *Frott żgħir u frott irqiq ieħor* | | |
| 0154010 | | Riħan blu (Riħan kuħħal) | | |
| 0154020 | | Cranberries (riħan lingon/riħan kuħħal aħmar (*V. vitis-idaea*)) | | |
| 0154030 | | Passolina (ħamra, sewda u bajda) | | |
| 0154040 | | Gooseberries (Inkluż ibridi ma' speċijiet oħrajn ta' *Ribes*) | | |
| 0154050 | | Warda Skoċċiża | | |
| 0154060 | | Ċawsli (frawli *Arbutus*) | | |
| 0154070 | | Għanżalor (naspla Mediterranja) (kukku tal-kiwi (*Actinidia arguta*)) | | |
| 0154080 | | Sebuq (mirtill aronia iswed/kukku tat-tuffieħ, fraxxnu tal-muntanja, argużier, żagħrun, naspli tas-silġ, u kukku tas-siġar ieħor) | | |
| 0154990 | | Oħrajn | | |

| Numru tal-kodiċi | Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs ([a]) | Klorur tal-benżalkonju (taħlita ta' kloruri tal-alkilbenżildimetilammonju b'tulijiet tal-ktajjen tal-alkili ta' $C_8$, $C_{10}$, $C_{12}$, $C_{14}$, $C_{16}$ u $C_{18}$) | Klorur tad-diděcildimetilammonju (taħlita ta' mlieħ tal-ammonju alkil-kwaternarju b'tulijiet tal-ktajjen tal-alkili ta' $C_8$, $C_{10}$ u $C_{12}$) |
|---|---|---|---|
| 0160000 | (vi) **Frott mixxellanju** | | |
| 0161000 | (a) *Qoxra li tittiekel* | | |
| **0130990** | **Oħrajn** | |
| **0140000** | **(iv)** | **Frott tal-għadma** |
| **0140010** | **Berquq** | |
| **0140020** | **Ċirasa (Ċirasa ħelwa, ċirasa qarsa)** | |

| | |
|---|---|
| 0140030 | **Ħawħ (Nuċiprisk u ibridi simili)** |
| 0140040 | **Għanbaqar (Għanbaqra ħamra, għanbaqra ħadra, għanbaqra mirabella, pruna selvaġġa, tamal aħmar/tamal Ċiniż/żinżel Ċiniż (*Ziziphus zizyphus*))** |
| 0140990 | **Oħrajn** |
| 0150000 | **(v) Frott irqiq u frott żgħir** |
| 0151000 | **(a) Għeneb tal-mejda u tal-inbid** |
| 0151010 | **Għeneb tal-mejda** |
| 0151020 | **Għeneb tal-inbid** |
| 0152000 | **(b) Frawli** |
| 0153000 | **(c) Frott tal-kannamiela** |
| 0153010 | **Tut** |
| 0153020 | **Ċawsli iswed (Kukku Logan, Kukku Tay, Kukku Boysen, Kukku sħaba u ibridi ta' *Rubus* oħrajn)** |
| 0153030 | **Lampun (Vinilampun, lampun Artiku/lampun, (*Rubus arcticus*), lampun tal-meraq (*Rubus arcticus* × *Rubus idaeus*))** |
| 0153990 | **Oħrajn** |
| 0154000 | **(d) Frott żgħir u frott irqiq ieħor** |
| 0154010 | **Riħan blu (Riħan kuħħal)** |
| 0154020 | **Cranberries (riħan lingon/riħan kuħħal aħmar (*V. vitis-idaea*))** |
| 0154030 | **Passolina (ħamra, sewda u bajda)** |
| 0154040 | **Gooseberries (Inkluż ibridi ma' speċijiet oħrajn ta' *Ribes*)** |
| 0154050 | **Warda Skoċċiża** |
| 0154060 | **Ċawsli (frawli *Arbutus*)** |
| 0154070 | **Għanżalor (naspla Mediterranja) (kukku tal-kiwi (*Actinidia arguta*))** |
| 0154080 | **Sebuq (mirtill aronia iswed/kukku tat-tuffieħ, fraxxnu tal-muntanja, argużier, żagħrun, naspli tas-silġ, u kukku tas-siġar ieħor)** |
| 0154990 | **Oħrajn** |
| 0160000 | **(vi) Frott mixxellanju** |
| 0161000 | **(a) Qoxra li tittiekel** |
| 0161010 | **Tamal** |
| 0161020 | **Tin** |
| 0161030 | **Żebbuġ tal-mejda** |
| 0161040 | **Lariġ tal-qsari (Kumkwat marumi, kumkwat nagami, xkomp fortunella (*Citrus aurantifolia* × *Fortunella* spp.))** |
| 0161050 | **Karambola (Bilimbi)** |
| 0161060 | **Persimmon** |
| 0161070 | **Ġambul (għanbaqra ta' Ġava) (tuffieħa ta' Ġava/tuffieħa tal-ilma, tuffieħa warda, ċirasa tal-Brażil, ċirasa tas-Surinam/grumikama (*Eugenia uniflora*))** |
| 0161990 | **Oħrajn** |
| 0162000 | **(b) Qoxra li ma tittikilx, żgħir** |
| 0162010 | **Kiwi** |
| 0162020 | **Liċċi (Litchi) (Pulasan, rambutan/liċċi sufin, longan, mangosteen, langsat, salak)** |
| 0162030 | **Frotta tal-passjoni** |
| 0162040 | **Bajtar tax-xewk (frotta tal-kaktus)** |
| 0162050 | **Tuffieħa stilla** |
| 0162060 | **Persimmon Amerikana (Kaki ta' Virġinja) (Kaki sewda, kaki bajda, kaki ħadra, kanistell/kaki safra, kaki mammey)** |
| 0162990 | **Oħrajn** |
| 0163000 | **(c) Qoxra li ma tittikilx, kbar** |
| 0163010 | **Avokado** |
| 0163020 | **Banana (Banana nanija, pjantaġġni, bananito)** |
| 0163030 | **Mango** |

| | |
|---|---|
| **0163040** | **Papajja** |
| **0163050** | **Rummien** |
| **0163060** | **Ċerimojja (Anona ħamra, puma kannella, ilama (*Annona diversifolia*) u frott ieħor *Annonnaceae* ta' daqs medju)** |
| **0163070** | **Gwava (Pitaya ħamra/frott tad-dragun (*Hylocereus undatus*))** |
| **0163080** | **Ananas** |
| **0163090** | **Frott tas-siġra tal-ħobż (Jackfruit)** |
| **0163100** | **Durian** |
| **0163110** | **Soursop (guanabana)** |
| **0163990** | **Oħrajn** |
| **0200000** | **2. ĦXEJJEX FRISKI JEW IFFRIŻATI** |
| **0210000** | **(i) Ħxejjex tal-għeruq u tuberi** |
| **0211000** | **(a) Patata** |
| **0212000** | **(b) Ħxejjex tropikali tal-għeruq u tuberi** |
| **0212010** | **Kassava (Daxin, eddoe/taro tal-Ġappun, tannja)** |
| **0212020** | **Patata ħelwa** |
| **0212030** | **Jammijiet (Fażola tal-patata/fażola tal-jam, fażola tal-jam tal-Messiku)** |
| **0212040** | **Ararut** |
| **0212990** | **Oħrajn** |
| **0213000** | **(c) Ħxejjex oħra tal-għeruq u tuberi minbarra l-pitravi** |
| **0213010** | **Pitravi** |
| **0213020** | **Zunnarija** |
| **0213030** | **Ċelerjak** |
| **0213040** | **Għeruq mustarda (Għeruq tal-anġelika, għeruq tal-karfus tal-muntanji, għeruq tal-ġenzjana)** |
| **0213050** | **Artiċokks ta' Ġerusalem (Crosne)** |
| **0213060** | **Zunnarija bajda** |
| **0213070** | **Għeruq tat-tursin** |
| **0213080** | **Ravanell (Ravanell iswed, ravanell Ġappuniż, ravanell żgħir u varjetajiet simili, ċiperu (*Cyperus esculentus*))** |
| **0213090** | **Leħjet il-bodbod (leħjet il-bodbod sewda, sassefrika, leħjet il-bodbod Spanjola/Spanish oysterplant, lappa li tittiekel)** |
| **0213100** | **Swedes** |
| **0213110** | **Rapa** |
| **0213990** | **Oħrajn** |
| **0220000** | **(ii) Ħxejjex tal-basla** |
| **0220010** | **Tewm** |
| **0220020** | **Basal (Basal ieħor tal-basla, basal komuni)** |
| **0220030** | **Xalott** |
| **0220040** | **Basal tar-rebbiegħa u basal ta' Wales (Basal ieħor aħdar u varjetajiet simili)** |
| **0220990** | **Oħrajn** |
| **0230000** | **(iii) Ħxejjex tal-frott** |
| **0231000** | **(a) *Solanacea*** |
| **0231010** | **Tadam (Tadam ċiras, *Physalis* spp., goġi komuni, goġi taċ-Ċina (*Lycium barbarum* u *L. chinense*) tadam tas-siġra)** |
| **0231020** | **Bżar ħelu (Bżar felfel)** |
| **0231030** | **Brinġiel (Pepino, brinġiel Afrikan/brinġiel abjad (*S. macrocarpon*))** |

| | |
|---|---|
| **0231040** | **Okra (swaba tan-nisa)** |
| **0231990** | **Oħrajn** |
| **0232000** | **(b) Kukurbit — qoxra li tittiekel** |
| **0232010** | **Ħjar** |
| **0232020** | **Ħjar tal-pikles** |
| **0232030** | **Courgettes (Kukurbit tas-sajf, qara' (patisson), kalabaxx (*Lagenaria siceraria*), ċentinarja, karavella/bettiegħ morr, qara' serp, luffa angulata/teroi)** |
| **0232990** | **Oħrajn** |
| **0233000** | **(c) Kukurbit — qoxra li ma tittikilx** |
| **0233010** | **Bettieħ (Kiwano)** |
| **0233020** | **Qara' aħmar (Qara' tax-xitwa, qara' (varjetà tardiva))** |
| **0233030** | **Dulliegħ** |
| **0233990** | **Oħrajn** |
| **0234000** | **(d) Qamħ ħelu (Qamħirrum żgħir)** |
| **0239000** | **(e) Ħxejjex tal-frott ieħor** |
| **0240000** | **(iv) Ħxejjex tal-ġenus Brassica** |
| **0241000** | **(a) Brassica bil-fjuri** |
| **0241010** | **Brokkoli (Brokkoli tal-Kalabrija, brokkoli raab, brokkoli Ċiniż)** |
| **0241020** | **Pastard** |
| **0241990** | **Oħrajn** |
| **0242000** | **(b) Brassica bir-ras** |
| **0242010** | **Brussels sprouts** |
| **0242020** | **Kaboċċa (Kaboċċa bil-ponta, kaboċċa ħamra, kaboċċa Savoy, kaboċċa bajda)** |
| **0242990** | **Oħrajn** |
| **0243000** | **(c) Brassica bil-weraq** |
| **0243010** | **Kaboċċa Ċiniża (Mustarda Indjana jew Ċiniża, pak choi, kaboċċa Ċiniża ċatta/tai goo choi, choi sum, kaboċċa ta' Pekin/pe-tsai)** |
| **0243020** | **Kaboċċi tal-weraq twal (Borecole/kaboċċa mberfla, collards, kaboċċa Portugiża, kaboċċa medullosa)** |
| **0243990** | **Oħrajn** |
| **0244000** | **(d) Kolrabi** |
| **0250000** | **(v) Ħxejjex tal-weraq u ħxejjex aromatiċi friski** |
| **0251000** | **(a) Ħass u pjanti oħra tal-insalata inklużi l-*Brassicacea*** |
| **0251010** | **Valerjanella (valerjanella tal-Italja)** |
| **0251020** | **Ħass (Ħass, lollo rosso (ħass għat-tqattigħ), ħass iceberg, ħass romaine (cos))** |
| **0251030** | **Skalora (indivja tal-werqa wiesgħa) (Ċikwejra selvaġġa, ċikwejra ħamra, radiccho, indivja tal-werqa mberfla, Ċikwejra kaboċċata (*C. endivia* var. *crispum*/*C. intybus* var. *foliosum*), weraq taċ-ċikwejra selvaġġa)** |
| **0251040** | **Krexxuni (Nebbieta tal-fażola mung, nebbieta tax-xnien)** |
| **0251050** | **Krexxun tal-art** |
| **0251060** | **Aruka, Rukla (Aruka salvaġġa (*Diplotaxis* spp.))** |
| **0251070** | **Mustarda ħamra** |
| **0251080** | **Weraq u nebbieta tal-*Brassica* spp, inklużi l-weraq tal-ġidra (Miżuna, weraq tal-piżelli u tar-ravanell u speċijiet oħra li jinħasdu meta l-weraq ikun għadu żgħir, inkluż speċijiet tal-brassica (pjanti li jinħasdu sal-istadju fejn ikollhom l-ewwel 8 werqiet), weraq tal-kolrabi)** |
| **0251990** | **Oħrajn** |

| | |
|---|---|
| **0252000** | **(b) Spinaċi u oħrajn simili (weraq)** |
| **0252010** | **Spinaċi (Spinaċi ta' New Zealand, spinaċi amaranthus (pakkhom, tampara), weraq tat-tajer, bitterblad/bitawiri)** |
| **0252020** | **Burdlieq (Ħass/Insalata tal-minaturi, burdlieqa tal-ġonna, burdlieqa komuni, sorrel, ħaxixa tal-ħġieġ, agretti (*Salsola soda*))** |
| **0252030** | **Weraq tal-pitravi (selq) (Weraq tal-pitravi)** |
| **0252990** | **Oħrajn** |
| **0253000** | **(c) Weraq tad-dielja (weraq tal-għeneb) (Spinaċi dielja, weraq tal-banana, rimi tal-akaċja tixxeblek (*Acacia pennata*))** |
| **0254000** | **(d) Krexxuni tal-ilma (Kampanella/konvolvulu Ċiniż/konvolvulu tal-ilma/spinaċi tal-ilma/kangkung (*Ipomea aquatica*), felċi tal-ilma, mimoża tal-ilma)** |
| **0255000** | **(e) Indivja Belġjana** |
| **0256000** | **(f) Ħxejjex aromatiċi** |
| **0256010** | **Maxxita** |
| **0256020** | **Kurrat selvaġġ** |
| **0256030** | **Weraq tal-karfus (Weraq tal-bużbież, weraq tal-kosbor, weraq tax-xibt, weraq tal-karwija, weraq tal-karfus tal-muntanji, anġelika, Sorfolja tal-mirra u weraq oħrajn *Apiacea*, weraq tal-kosbor falz/jintnu/kosbor twil/ħaxixa tinten (*Eryngium foetidum*))** |
| **0256040** | **Tursin (Weraq tat-tursin tal-għerq kbir)** |
| **0256050** | **Salvja (savorja tax-xitwa, savorja tas-sajf, weraq *Borago officinalis*)** |
| **0256060** | **Klin** |
| **0256070** | **Sagħtar (Merqtux, origanu)** |
| **0256080** | **Ħabaq (Weraq balm, nagħniegħ, pepermint, tulsi, ħabaq ħelu, ħabaq muswaf, fjuri kommestibbli (qronfol Indjan u oħrajn), pennywort, werqa tal-betel salvaġġa, weraq tal-kari)** |
| **0256090** | **Weraq tar-rand (Ħaxixa lumija)** |
| **0256100** | **Stregun (Issopu)** |
| **0256990** | **Oħrajn** |
| **0260000** | **(vi) Ħxejjex legumi (friski)** |
| **0260010** | **Fażola (bil-miżwed) (Fażola ħadra/fażola Franċiża/fażola tinqasam, fażola ta' Spanja, fażola tat-tqattigħ, fażola twila Ċiniża, fażola guwar, fażola tas-sojja)** |
| **0260020** | **Fażola (mingħajr miżwed) (Ful, fażola twila, fażola jack, fażola bajda ta' Lima, piżelli tal-baqra)** |
| **0260030** | **Piżelli (bil-miżwed) (Mangetout/piżelli taz-zokkor/piżelli tas-silġ)** |
| **0260040** | **Piżelli (mingħajr miżwed) (Piżelli tal-ġonna, piżelli ħodor, ċiċri)** |
| **0260050** | **Għads** |
| **0260990** | **Oħrajn** |
| **0270000** | **(vii) Ħxejjex biz-zokk (friski)** |
| **0270010** | **Sfraġ** |
| **0270020** | **Kardun (Zkuk *borago officinalis*)** |
| **0270030** | **Karfus** |
| **0270040** | **Bużbież** |
| **0270050** | **Qaqoċċ (Fjura tal-banana)** |
| **0270060** | **Kurrat** |
| **0270070** | **Rabarbu** |
| **0270080** | **Rimi tal-pjanta tal-bambu** |
| **0270090** | **Qlub tal-palm** |
| **0270990** | **Oħrajn** |
| **0280000** | **(viii) Faqqiegħ** |
| **0280010** | **Fungi kkultivati (Faqqiegħ komuni, faqqiegħ forma ta' ġajdra, faqqiegħ shiitake, *fungus mycelium* (partijiet veġetattivi))** |
| **0280020** | **Fungi selvaġġi (Chanterelle, tartuf, morkell, fungi porċini)** |
| **0280990** | **Oħrajn** |
| **0290000** | **(ix) Alki tal-baħar** |

| | |
|---|---|
| **0300000** | **3. LEGUMI, IMNIXXFA** |
| **0300010** | **Fażola (Ful, fażola tan-navy, fażola twila, fażola jack, fażola bajda ta' Lima beans, fażola tal-għelieqi, piżelli tal-baqra)** |
| **0300020** | **Għads** |
| **0300030** | **Piżelli (Ċiċri, piżelli tal-għelieqi, ġulbiena sewda)** |
| **0300040** | **Lupini** |
| **0300990** | **Oħrajn** |
| **0400000** | **4. ŻRIERAGĦ ŻEJTNIJA U FROTT ŻEJTNI** |
| **0401000** | **(i) Żrieragħ żejtnija** |
| **0401010** | **Kittien** |
| **0401020** | **Karawett** |
| **0401030** | **Żerriegħa tal-pepprin** |
| **0401040** | **Żerriegħa tal-ġunġlien** |
| **0401050** | **Żerriegħa tal-ġirasol** |
| **0401060** | **Żerriegħa tal-lift (Żerriegħa tal-lift tal-għasafar, żerriegħa tal-lift tal-ġidra)** |
| **0401070** | **Fażola tas-sojja** |
| **0401080** | **Żerriegħa tal-mustarda** |
| **0401090** | **Żerriegħa tal-qoton** |
| **0401100** | **Żrieragħ tal-qara' ħamra (Żrieragħ oħrajn tal-*Cucurbitaceae*)** |
| **0401110** | **Għosfor** |
| **0401120** | **Fiddloqqom (Żrieragħ ta' lsien il-fart vjola/Fjura tal-Kanarji (*Echium planatgineum*), żrieragħ ta' lsien il-fart (*Buglossoides arvensis*))** |
| **0401130** | **Kamelina** |
| **0401140** | **Żerriegħa tal-qanneb** |
| **0401150** | **Fażola tar-riġnu** |
| **0401990** | **Oħrajn** |
| **0402000** | **(ii) Frott żejtni** |
| **0402010** | **Żebbuġ għall-produzzjoni taż-żejt** |
| **0402020** | **Ġewż tal-palm (żrieragħ tal-palm għaż-żejt)** |
| **0402030** | **Frott tal-palm** |
| **0402040** | **Kapok** |
| **0402990** | **Oħrajn** |
| **0500000** | **5. ĊEREALI** |
| **0500010** | **Xgħir** |
| **0500020** | **Qamħ Saraċin (*Amaranthus*, kinoa)** |
| **0500030** | **Qamħirrum** |
| **0500040** | **Millieġ (Millieġ denb il-volpi, teff, millieġ tas-swaba, millieġ tal-Indja)** |
| **0500050** | **Ħafur** |
| **0500060** | **Ross (Ross abjad/selvaġġ (*Zizania aquatica*))** |
| **0500070** | **Segala** |
| **0500080** | **Sorgu** |
| **0500080** | **Qamħ (Spelt, triticale)** |
| **0500990** | **Oħrajn (żrieragħ tal-ħaxix Kanarji (*Phalaris canariensis*))** |
| **0600000** | **6. TÈ, KAFÈ, INFUŻJONIJIET ERBALI U KAKAW** |
| **0610000** | **(i) Tè** |
| **0620000** | **(ii) Żrieragħ tal-kafè** |
| **0630000** | **(iii) Infużjonijiet erbali (imnixxfa)** |
| **0631000** | **(a) Fjuri** |
| **0631010** | **Fjuri tal-kamumilla** |

| | |
|---|---|
| **0631020** | **Fjuri tal-ħibiskus** |
| **0631030** | **Petali tal-ward** |
| **0631040** | **Fjuri tal-ġiżimin (Fjuri tas-sebuqa (*Sambucus nigra*))** |
| **0631050** | **Xkomp (linden)** |
| **0631990** | **Oħrajn** |
| **0632000** | **(b) Weraq** |
| **0632010** | **Weraq tal-frawli** |
| **0632020** | **Weraq tar-rooibos (Weraq tal-ġingo)** |
| **0632030** | **Maté** |
| **0632990** | **Oħrajn** |
| **0633000** | **(c) Għeruq** |
| **0633010** | **Għeruq tal-valerjana** |
| **0633020** | **Għeruq tal-ġinseng** |
| **0633990** | **Oħrajn** |
| **0639000** | **(d) Infużjonijiet erbali oħra** |
| **0640000** | **(iv) Żrieragħ tal-kakaw (iffermentati jew imnixxfin)** |
| **0650000** | **(v) Ħarruba (st johns bread)** |
| **0700000** | **7. ĦOPS (imnixxfa)** |
| **0800000** | **8. ĦWAWAR** |
| **0810000** | **(i) Żrieragħ** |
| **0810010** | **Ħlewwa** |
| **0810020** | **Karwija sewda** |
| **0810030** | **Żerriegħa tal-karfus (Żerriegħa tal-muntanji)** |
| **0810040** | **Żerriegħa tal-kosbor** |
| **0810050** | **Żerriegħa tal-kemmun** |
| **0810060** | **Żerriegħa tax-xibt** |
| **0810070** | **Żerriegħa tal-bużbież** |
| **0810080** | **Fienu** |
| **0810090** | **Noċemuskata** |
| **0810990** | **Oħrajn** |
| **0820000** | **(ii) Frott u frott irqiq** |
| **0820010** | **Bżar tal-Ġamajka** |
| **0820020** | **Bżar tas-Sichuan (bżar tal-ħlewwa, bżar tal-Ġappun)** |
| **0820030** | **Karwija** |
| **0820040** | **Kardamonu** |
| **0820050** | **Frott tal-ġnibru** |
| **0820060** | **Bżar iswed, aħdar u abjad (Bżar twil tal-Indi, bżar tal-Perù)** |
| **0820070** | **Mżiewed tal-vanilla** |
| **0820080** | **Tamar tal-Indja** |
| **0820990** | **Oħrajn** |
| **0830000** | **(iii) Qoxra tas-siġar** |
| **0830010** | **Kannella (Kassja)** |
| **0830990** | **Oħrajn** |
| **0840000** | **(iv) Għeruq jew riżomi** |
| **0840010** | **Għud is-sus** |
| **0840020** | **Ġinġer** |
| **0840030** | **Żagħfran tal-Indja (Kurkuma)** |

(+) Il-livell massimu ta' residwi applikabbli għall-għerq tal-mustarda (*Armoracia rusticana*) fil-grupp tal-ħwawar (kodiċi 0840040) huwa dak stabbilit għall-għerq tal-mustarda (*Armoracia rusticana*) fil-kategorija tal-Ħxejjex, fil-grupp tal-ħxejjex tal-għeruq u tuberi (kodiċi 0213040) filwaqt li jitqiesu l-bidliet li jkun hemm fil-livelli minħabba l-ipproċessar (tnixxif) skont l-Artikolu 20 (1) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.

**0840040 Għerq tal-mustarda**

(+) Dawn l-MRLs għandhom jiġu rieżaminati sal-31 ta' Diċembru 2019. Rivalutazzjoni tad-dejta tista' twassal għal modifika fl-MRLs.

**0840990 Oħrajn**

**0850000 (v) Blanzuni**

**0850010 Imsiemer tal-qronfol**

**0850020 Kappar**

**0850990 Oħrajn**

**0860000 (vi) Stigma tal-fjuri**

**0860010 Żagħfran**

**0860990 Oħrajn**

**0870000 (vii) Aril**

**0870010 Qoxra ta' barra tan-noċemuskata**

**0870990 Oħrajn**

**0900000 9. PJANTI TAZ-ZOKKOR**

**0900010 Pitravi taz-zokkor (għerq)**

**0900020 Kannamiela**

**0900030 Għeruq taċ-ċikwejra**

**0900990 Oħrajn**

**1000000 10. PRODOTTI LI JORIĠINAW MILL-ANNIMALI — ANNIMALI TERRESTRI**

**1010000 (i) Tessut**

**1011000 (a) Ħnieżer**

**1011010 Muskoli**

**1011020 Xaħam**

**1011030 Fwied**

**1011040 Kliewi**

**1011050 Ġewwieni li jittiekel**

**1011990 Oħrajn**

**1012000 (b) Bovini**

**1012010 Muskoli**

**1012020 Xaħam**

**1012030 Fwied**

**1012040 Kliewi**

**1012050 Ġewwieni li jittiekel**

**1012990 Oħrajn**

**1013000 (c) Nagħaġ**

**1013010 Muskoli**

**1013020 Xaħam**

**1013030 Fwied**

**1013040 Kliewi**

**1013050 Ġewwieni li jittiekel**

**1013990 Oħrajn**

**1014000 (d) Mogħoż**

**1014010 Muskoli**

**1014020 Xaħam**

**1014030 Fwied**

| | |
|---|---|
| **1014040** | **Kliewi** |
| **1014050** | **Ġewwieni li jittiekel** |
| **1014990** | **Oħrajn** |
| **1015000** | **(e) Żwiemel, ħmir, bgħula jew bgħula tar-rkib** |
| **1015010** | **Muskoli** |
| **1015020** | **Xaħam** |
| **1015030** | **Fwied** |
| **1015040** | **Kliewi** |
| **1015050** | **Ġewwieni li jittiekel** |
| **1015990** | **Oħrajn** |
| **1016000** | **(f) Tjur — tiġieġ, wiżż, papri, dundjani u farawni, ngħam, ħamiem** |
| **1016010** | **Muskoli** |
| **1016020** | **Xaħam** |
| **1016030** | **Fwied** |
| **1016040** | **Kliewi** |
| **1016050** | **Ġewwieni li jittiekel** |
| **1016990** | **Oħrajn** |
| **1017000** | **(g) Annimali oħra tal-farms (Fniek, kangarus, ċriev)** |
| **1017010** | **Muskoli** |
| **1017020** | **Xaħam** |
| **1017030** | **Fwied** |
| **1017040** | **Kliewi** |
| **1017050** | **Ġewwieni li jittiekel** |
| **1017990** | **Oħrajn** |
| **1020000** | **(ii) Ħalib** |
| **1020010** | **Frat** |
| **1020020** | **Nagħaġ** |
| **1020030** | **Mogħoż** |
| **1020040** | **Żwiemel** |
| **1020990** | **Oħrajn** |
| **1030000** | **(iii) Bajd tal-għasafar** |
| **1030010** | **Tiġieġ** |
| **1030020** | **Papri** |
| **1030030** | **Wiżż** |
| **1030040** | **Summien** |
| **1030990** | **Oħrajn** |
| **1040000** | **(iv) Għasel (Ħalib tan-naħal, trab tad-dakra, xehda bl-għasel (għasel tax-xehda))** |
| **1050000** | **(v) Anfibji u rettili (Saqajn taż-żrinġijiet, kukkudrilli)** |
| **1060000** | **(vi) Bebbux** |
| **1070000** | **(vii) Prodotti minn annimali terrestri oħra (Selvaġġina)”** |

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1120/2014

## tal-20 ta' Ottubru 2014

## li jistabbilixxi projbizzjoni tas-sajd għall-merlangu fiż-żoni VIIb, VIIc, VIId, VIIe, VIIf, VIIg, VIIh, VIIj u VIIk minn bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Spanja

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 36(2) tiegħu,

Billi:

(1) Il-kwoti għall-2014 huma stabbiliti bir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 43/2014 ([2]).

(2) Skont l-informazzjoni li waslet għand il-Kummissjoni, il-qabdiet li saru tal-istokk imsemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament, minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew irreġistrati fih, eżawrew il-kwota allokata lilhom għall-2014.

(3) Għalhekk, jeħtieġ li jiġu pprojbiti l-attivitajiet tas-sajd għal dak l-istokk,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Eżawriment tal-kwota**

Il-kwota tas-sajd allokata lill-Istat Membru msemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament għall-istokk imsemmi hemmhekk għall-2014 għandha titqies bħala eżawrita mid-data stipulata f'dak l-Anness.

*Artikolu 2*

**Projbizzjonijiet**

L-attivitajiet tas-sajd għall-istokk imsemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew irreġistrati fih, għandhom jiġu pprojbiti mid-data stipulata f'dak l-Anness. B'mod partikolari, għandu jkun ipprojbit li jinżamm abbord, jiġi rilokat, ittrasbordat, jew jinħatt l-art, ħut minn dak l-istokk li jaqbdu dawk il-bastimenti wara dik id-data.

*Artikolu 3*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Ottubru 2014.

*Għall-Kummissjoni,*

*F'isem il-President,*

Lowri EVANS

*Direttur Ġenerali għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd*

---

([1]) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 43/2014 tal-20 ta' Jannar 2014 li jiffissa għall-2014 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni (ĠU L 24, 28.1.2014, p. 1).

*ANNESS*

| | |
|---|---|
| Nru | 52/TQ43 |
| Stat Membru | Spanja |
| Stokk | WHG/7X7 A-C |
| Speċi | Merlangu (*Merlangius merlangus*) |
| Żona | VIIb, VIIc, VIId, VIIe, VIIf, VIIg, VIIh, VIIj u VIIk |
| Data tal-għeluq | 16.9.2014 |

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1121/2014**

**tal-20 ta' Ottubru 2014**

**li jistabbilixxi projbizzjoni tas-sajd għal-lingwata komuni fiż-żoni VIIIa u VIIIb minn bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Spanja**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 36(2) tiegħu,

Billi:

(1) Il-kwoti għall-2014 huma stabbiliti bir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 43/2014 ([2]).

(2) Skont l-informazzjoni li waslet għand il-Kummissjoni, il-qabdiet li saru tal-istokk imsemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament, minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew irreġistrati fih, eżawrew il-kwota allokata lilhom għall-2014.

(3) Għalhekk, jeħtieġ li jiġu pprojbiti l-attivitajiet tas-sajd għal dak l-istokk,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Eżawriment tal-kwota**

Il-kwota tas-sajd allokata lill-Istat Membru msemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament għall-istokk imsemmi hemmhekk għall-2014 għandha titqies li hi eżawrita mid-data stipulata f'dak l-Anness.

*Artikolu 2*

**Projbizzjonijiet**

L-attivitajiet tas-sajd għall-istokk imsemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew irreġistrati fih, għandhom jiġu pprojbiti mid-data stipulata f'dak l-Anness. B'mod partikolari, għandu jkun ipprojbit li jinżamm abbord, jiġi rilokat, ittrasbordat, jew jinħatt l-art, ħut minn dak l-istokk li jaqbdu dawk il-bastimenti wara dik id-data.

*Artikolu 3*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Ottubru 2014.

*Għall-Kummissjoni,*

*F'isem il-President,*

Lowri EVANS

*Direttur Ġenerali għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd*

([1]) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 43/2014 tal-20 ta' Jannar 2014 li jiffissa għall-2014 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni (ĠU L 24, 28.1.2014, p. 1).

*ANNESS*

| | |
|---|---|
| Nru | 53/TQ43 |
| Stat Membru | Spanja |
| Stokk | SOL/8AB. |
| Speċi | Lingwata komuni (*solea solea*) |
| Żona | Iż-żoni VIIIa u VIIIb |
| Data tal-għeluq | 16.9.2014 |

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1122/2014

## tal-20 ta' Ottubru 2014

## li jistabbilixxi projbizzjoni tas-sajd għall-marlin abjad fl-Oċean Atlantiku minn bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Spanja

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 36(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 43/2014 ([2]), jistabbilixxi l-kwoti għall-2014.

(2) Skont l-informazzjoni li waslet għand il-Kummissjoni, il-qabdiet li saru tal-istokk imsemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew irreġistrati fih, eżawrew il-kwota allokata lilhom għall-2014.

(3) Għalhekk, jeħtieġ li jiġu pprojbiti l-attivitajiet tas-sajd għal dak l-istokk,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Eżawriment tal-kwota**

Il-kwota tas-sajd għall-2014 allokata lill-Istat Membru msemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament għall-istokk imsemmi hemmhekk għandha titqies bħala eżawrita mid-data stipulata f'dak l-Anness.

*Artikolu 2*

**Projbizzjonijiet**

L-attivitajiet tas-sajd għall-istokk imsemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew irreġistrati fih għandhom jiġu pprojbiti mid-data stipulata f'dak l-Anness. B'mod partikolari, għandu jkun ipprojbit li jinżamm abbord, jiġi ttrażbordat, ittrasportat, jew jinħatt l-art, ħut minn dak l-istokk li jinqabad minn dawk il-bastimenti wara dik id-data.

*Artikolu 3*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Ottubru 2014.

*Għall-Kummissjoni,*

*F'isem il-President,*

Lowri EVANS

*Direttur Ġenerali għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd*

---

([1]) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 43/2014 tal-20 ta' Jannar 2014 li jiffissa għall-2014 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni (ĠU L 24, 28.1.2014, p. 1).

*ANNESS*

| | |
|---|---|
| Nru | 57/TQ43 |
| Stat Membru | Spanja |
| Stokk | WHM/ATLANT |
| Speċi | Marlin abjad (*Tetrapturus albidus*) |
| Żona | L-Oċean Atlantiku |
| Data tal-għeluq | 26.9.2014 |

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1123/2014**

**tat-22 ta' Ottubru 2014**

**li jemenda d-Direttiva 2008/38/KE li tistabbilixxi lista ta' użu intiż tal-materjali tal-għalf għall-annimali għal skopijiet partikolari nutrizzjonali**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 767/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' għalf, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 79/373/KEE, id-Direttiva tal-Kummissjoni 80/511/KEE, id-Direttivi tal-Kunsill 82/471/KEE, 83/228/KEE, 93/74/KEE, 93/113/KE u 96/25/KE u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/217/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 10(5) tiegħu.

Billi:

(1) Bi qbil mal-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 767/2009 l-Kummissjoni rċeviet applikazzjoni biex jiżdied l-iskop nutruzzjonali partikolari l-"istabilizzazzjoni tal-bilanċ tal-ilma u l-elettroliti biex tgħin id-diġestjoni fiżjoloġika" u biex jiġi supplimentat l-iskop nutrizzjonali partikolari s-"sostenn għall-funzjoni renali fil-każ ta' insuffiċjenza kronika renali" għall-klieb adulti bħala speċi fil-mira mal-lista ta' użi maħsubin għal skopijiet nutrizzjonali partikolari fil-Parti B tal-Anness I tad-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/38/KE ([2]).

(2) Barra minn hekk, bi qbil mal-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 767/2009, il-Kummissjoni rċeviet applikazzjonijiet biex jinbidlu l-kundizzjonijiet marbutin mal-iskopijiet nutrizzjonali partikolari s-"sostenn għall-funzjoni tal-qalb fil-każ ta' insuffiċjenza kardijaka" kronika għall-"klieb u l-qtates" u t-"tnaqqis ta' ram fil-fwied".

(3) Il-Kummissjoni qiegħdet l-applikazzjonijiet kollha, inklużi d-dossiers, għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri.

(4) Wara li vvaluta d-dossiers li kienu inklużi ma' dawk l-applikazzjonijiet, il-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali (il-Kumitat) ikkonferma li l-kompożizzjoni speċifika tal-għalf ikkonċernat jissodisfa l-iskopijiet nutrizzjonali partikolari maħsuba u li ma għandhiex effetti ħżiena fuq is-saħħa tal-annimali, fuq is-saħħa tal-bniedem, fuq l-ambjent jew fuq il-benessri tal-annimali. Għaldaqstant, l-applikazzjonijiet huma validi.

(5) Bħala riżultat tal-valutazzjoni tal-Kumitat, l-iskopijiet nutrizzjonali partikolari l-"istabilizzazzjoni tal-bilanċ tal-ilma u l-elettroliti biex tgħin id-diġestjoni fiżjoloġika" u s-"sostenn għall-funzjoni renali fil-każ ta' insuffiċjenza kronika renali" għall-klieb adulti għandhom jinżiedu mal-lista ta' użi maħsuba u l-kundizzjonijiet marbutin mal-iskopijiet nutrizzjonali partikolari s-"sostenn għall-funzjoni tal-qalb fil-każ ta' insuffiċjenza kronika" kardijaka u l-"għajnuna għall-funzjoni renali f'każ ta' insuffiċjenza renali kronika" għall-"klieb u l-qtates" u t-"tnaqqis ta' ramm fil-fwied" għandhom jinbidlu. Bħala riżultat tal-annotazzjoni l-ġdida l-"istabilizzazzjoni tal-bilanċ tal-ilma u l-elettroliti" biex tgħin id-diġestjoni fiżjoloġika, l-iskop nutrizzjonali partikolari l-"istabilizzazzjoni tal-bilanċ tal-ilma u l-elettroliti" ma għadux meħtieġ u għandu jitħassar.

(6) Biex tkun żgurata l-konformità mal-kontenut massimu ta' ċerti nutrijenti stabbiliti bħala "karatteristiċi nutrizzjonali essenzjali" ta' xi wħud mill-iskopijiet nutrizzjonali partikolari, għandu jiġi previst ir-rekwiżit li l-għalf dijetetiku rispettiv jitqiegħed fis-suq bħala għalf komplut. Din id-dispożizzjoni tiżgura wkoll l-użu sikur tal-għalf ikkonċernat.

(7) L-Anness I tad-Direttiva 2008/38/KE kif emendat mir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 5/2014 ([3]) stabbilixxa l-inkorporazzjoni tal-addittivi tal-għalf tal-grupp funzjonali "stabbilizzanti għall-batterji li jkun hemm fil-musrana" kif imsemmi fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) f'ċertu għalf għal skopijiet nutrizzjonali partikolari. Madankollu, l-addittivi tal-għalf li fil-preżent huma rreġistrati

([1]) ĠU L 229, 1.9.2009, p. 1.
([2]) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/38/KE tal-5 ta' Marzu 2008 li tistabbilixxi lista ta' użu intiż tal-materjali tal-għalf għall-annimali għal skopijiet partikolari nutrizzjonali (ĠU L 62, 6.3.2008, p. 9).
([3]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 5/2014 tas-6 ta' Jannar 2014 li jemenda d-Direttiva 2008/38/KE li tistabbilixxi lista ta' użu intiż tal-materjali tal-għalf għall-annimali għal skopijiet partikolari nutrizzjonali (ĠU L 2, 7.1.2014, p. 3).
([4]) Ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 fuq l-additivi għall-użu fl-għalf tal-annimali (ĠU L 268, 18.10.2003, p. 29).

fil-grupp "mikroorganiżmi" u li qegħdin fil-proċedura ta' awtorizzazzjoni mill-ġdid kif imsemmi fl-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, jistgħu bl-istess mod jiġu inkorporati fil-grupp tal-għalf għal skopijiet nutrizzjonali partikolari. Għaldaqstant, sakemm jiġu awtorizzati mill-ġdid, l-addittivi tal-għalf eżistenti tal-grupp "mikroorganiżmi" ukoll għandhom ikunu koperti mill-Anness I tad-Direttiva 2008/38/KE.

(8) Għalhekk, id-Direttiva 2008/38/KE għandha tiġi emendata skont dan.

(9) Billi ma hemmx raġunijiet ta' sikurezza biex jibdew japplikaw immedjatament il-modifiki għall-għalf li fil-preżent qed jitqiegħed fis-suq b'mod legali, jixraq li l-partijiet interessati jingħataw perjodu tranżitorju li fih jistgħu jħejju ruħhom biex jilħqu r-rekwiżiti l-ġodda.

(10) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament jikkonformaw mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali, u la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma opponewhom,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness I tad-Direttiva 2008/38/KE huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

L-għalf li huwa inkluż fl-Anness ta' dan ir-Regolemant u li kien ġie prodott u ttikkettat qabel it-12 ta' Mejju 2015 u li jikkonforma mad-Direttiva 2008/38/KE qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament jista' jibqa' jitqiegħed fis-suq u jintuża sakemm jispiċċaw l-istokkijiet eżistenti. Jekk dan l-għalf ikun maħsub għall-annimali ta' kumpanija, id-data msemmija fl-aħħar sentenza hija t-12 ta' Novembru 2016.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Ottubru 2014.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

*ANNESS*

Il-Parti B tal-Anness I tad-Direttiva 2008/38/KE hija emendata kif ġej:

(a) Ir-ringiela tal-iskop nutrizzjonali partikolari “sostenn tal-funzjoni tal-qalb fil-każ ta’ insuffiċjenza kardijaka kronika” hija sostitwita b’dan li ġej:

| Skop nutrizzjonali partikolari | Karatteristiċi nutrizzjonali essenzjali | Speċi jew kategorija ta’ annimal | Dikjarazzjonijiet ta’ fuq it-tikketti | It-tul ta’ żmien rakkomandat | Dispożizzjonijiet oħra |
|---|---|---|---|---|---|
| “Għajnuna għall-funzjonament tal-qalb f’każ ta’ insuffiċjenza kardijaka kronika | Il-livell tas-sodju huwa ristrett li jkun inqas minn 2,6 g/kg fl-ikel tal-annimali domestiċi komplut b’livell ta’ umdità ta’ 12 % | Klieb u qtates | — Manjeżju<br>— Potassju<br>— Sodju | Fil-bidu sa 6 xhur | — L-għalf għandu jitqiegħed fis-suq bħala għalf komplut.<br>— Fuq it-tikketta indika:<br>‘Huwa rakkomandat li tieħu l-parir ta’ veterinarju qabel ma tuża l-prodott u qabel ma ttawwal il-perjodu tal-użu tiegħu.’” |

(b) Ir-ringiela tal-iskop nutrizzjonali partikolari “sostenn tal-funzjoni renali fil-każ ta’ insuffiċjenza renali kronika” hija sostitwita b’dan li ġej:

| Skop nutrizzjonali partikolari | Karatteristiċi nutrizzjonali essenzjali | Speċi jew kategorija ta’ annimal | Dikjarazzjonijiet ta’ fuq it-tikketti | It-tul ta’ żmien rakkomandat | Dispożizzjonijiet oħra |
|---|---|---|---|---|---|
| “Għajnuna għall-funzjonament tal-kliewi f’każ ta’ insuffiċjenza renali kronika (*) | Proteini ta’ kwalità tajba u livelli tal-fosforu<br>ristretti għall-massimu ta’ 5 g/kg ta’ għalf tal-annimali domestiċi komplut b’livell ta’ umdità ta’ 12 % u<br>massimu ta’ proteina mhux raffinata ta’ 220 g/kg fl-ikel tal-annimali domestiċi komplut b’livell ta’ umdità ta’ 12 %<br>jew | Klieb | — Sors(i) ta’ proteina<br>— Kalċju<br>— Fosforu<br>— Potassju<br>— Sodju<br>— Il-kontenut tal-aċidi xaħmin essenzjali (jekk ikunu miżjudin) | Fil-bidu sa 6 xhur (**) | — L-għalf għandu jitqiegħed fis-suq bħala għalf komplut.<br>— Diġestibbiltà rakkomandata tal-proteini: minimu ta’ 85 %.<br>— Fuq it-tikketta indika:<br>‘Huwa rakkomandat li tieħu l-parir ta’ veterinarju qabel ma tuża l-prodott u qabel ma ttawwal il-perjodu tal-użu tiegħu.’<br>— Fl-istruzzjonijiet għall-użu indika:<br>‘L-annimali għandhom ikunu jistgħu jsibu l-ilma kull meta jriduh.’ |
| | Assorbiment tal-fosforu mnaqqas permezz taż-żieda ta’ Karbonat tal-lantanju ottaidrat | Klieb adulti | — Sors(i) ta’ proteina<br>— Kalċju<br>— Fosforu<br>— Potassju<br>— Sodju | Fil-bidu sa 6 xhur (**) | — Fuq it-tikketta indika: ‘Huwa rakkomandat li tieħu l-parir ta’ veterinarju qabel ma tuża l-prodott u qabel ma ttawwal il-perjodu tal-użu tiegħu.’<br>— Fl-istruzzjonijiet għall-użu indika:<br>‘L-annimali għandhom ikunu jistgħu jsibu l-ilma kull meta jriduh.’ |

| Skop nutrizzjonali partikolari | Karatteristiċi nutrizzjonali essenzjali | Speċi jew kategorija ta' annimal | Dikjarazzjonijiet ta' fuq it-tikketti | It-tul ta' żmien rakkomandat | Dispożizzjonijiet oħra |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | — Il-kontenut tal-aċidi xaħmin essenzjali (jekk ikunu miżjudin)<br>— Karbonat tal-lantanju ottaidrat | | |
| | Proteini ta' kwalità tajba u livelli tal-fosforu<br>ristretti għall-massimu ta' 6,2 g/kg ta' ikel tal-annimali domestiċi komplut b'livell ta' umdità ta' 12 % u<br>massimu ta' proteina mhux raffinata ta' 320 g/kg fl-ikel tal-annimali domestiċi komplut b'livell ta' umdità ta' 12 %<br>jew | Qtates | — Sors(i) ta' proteina<br>— Kalċju<br>— Fosforu<br>— Potassju<br>— Sodju<br>— Il-kontenut tal-aċidi xaħmin essenzjali (jekk ikunu miżjudin) | Fil-bidu sa 6 xhur (**) | — L-għalf għandu jitqiegħed fis-suq bħala għalf komplut.<br>— Id-diġestibbiltà rakkomandata tal-proteini: minimu ta' 85 %.<br>— Fuq it-tikketta indika:<br>'Huwa rakkomandat li tieħu l-parir ta' veterinarju qabel ma tuża l-prodott u qabel ma ttawwal il-perjodu tal-użu tiegħu.'<br>— Fl-istruzzjonijiet għall-użu indika:<br>'L-annimali għandhom ikunu jistgħu jsibu l-ilma kull meta jridu.' |
| | Assorbiment tal-fosforu mnaqqas permezz taż-żieda ta' Karbonat tal-lantanju ottaidrat | Qtates adulti | — Sors(i) ta' proteina<br>— Kalċju<br>— Fosforu<br>— Potassju<br>— Sodju<br>— Il-kontenut tal-aċidi xaħmin essenzjali (jekk ikunu miżjudin)<br>— Karbonat tal-lantanju ottaidrat | Fil-bidu sa 6 xhur (**) | — Fuq it-tikketta indika: 'Huwa rakkomandat li tieħu l-parir ta' veterinarju qabel ma tuża l-prodott u qabel ma ttawwal il-perjodu tal-użu tiegħu.'<br>— Fl-istruzzjonijiet għall-użu indika: 'L-annimali għandhom ikunu jistgħu jsibu l-ilma kull meta jriduh.'" |

(*) Fejn ikun rilevanti, il-manifattur jista' wkoll jirrakkomanda l-użu għall-insuffiċjenza renali temporanja.
(**) Jekk l-għalf ikun rakkomandat għall-insuffiċjenza renali temporanja, il-perjodu tal-użu rakkomandat għandu jkun ta' bejn ħmistax u erba' ġimgħat.

(c) Ir-ringiela tal-iskop nutrizzjonali partikolari "tnaqqis tar-ram fil-fwied" hija sostitwita b'dan li ġej:

| Skop nutrizzjonali partikolari | Karatteristiċi nutrizzjonali essenzjali | Speċi jew kategorija ta' annimal | Dikjarazzjonijiet ta' fuq it-tikketti | It-tul ta' żmien rakkomandat | Dispożizzjonijiet oħra |
|---|---|---|---|---|---|
| "Tnaqqis tar-ram fil-fwied | Livell ristrett tar-ramm: massimu ta' 8,8 mg/kg f'ikel tal-annimali komplut b'livell ta' umdità ta' 12 % | Klieb | Total tar-ram | Fil-bidu sa 6 xhur | — L-għalf għandu jitqiegħed fis-suq bħala għalf komplut.<br>— Fuq it-tikketta indika:<br>'Huwa rakkomandat li tieħu l-parir ta' veterinarju qabel ma tuża l-prodott u qabel ma ttawwal il-perjodu tal-użu tiegħu.'" |

(d) Ir-ringiela tal-iskop nutrizzjonali partikolari "tnaqqis tal-livelli tal-jodju fl-għalf f'każ ta' ipertirojdiżmu" sostitwita b'dan li ġej:

| Skop nutrizzjonali partikolari | Karatteristiċi nutrizzjonali essenzjali | Speċi jew kategorija ta' annimal | Dikjarazzjonijiet ta' fuq it-tikketti | It-tul ta' żmien rakkomandat | Dispożizzjonijiet oħra |
|---|---|---|---|---|---|
| "Tnaqqis tal-livelli tal-jodju fl-għalf f'każ ta' ipertirojdiżmu | Il-livell ristrett tal-jodju: massimu ta' 0,26 mg/kg f'ikel tal-annimali domestiċi komplut b'livell ta' umdità ta' 12 % | Qtates | Total tal-jodju | Fil-bidu sa 3 xhur | — L-għalf għandu jitqiegħed fis-suq bħala għalf komplut.<br>— Fuq it-tikketta indika:<br>'Huwa rakkomandat li tieħu l-parir ta' veterinarju qabel ma tuża l-prodott u qabel ma ttawwal il-perjodu tal-użu tiegħu.'" |

(e) Ir-ringiela tal-iskop nutrizzjonali partikolari "stabbilizzazzjoni tal-bilanċ tal-ilma u l-elettroliti" hija sostitwita b'dan li ġej:

| Skop nutrizzjonali partikolari | Karatteristiċi nutrizzjonali essenzjali | Speċi jew kategorija ta' annimal | Dikjarazzjonijiet ta' fuq it-tikketti | It-tul ta' żmien rakkomandat | Dispożizzjonijiet oħra |
|---|---|---|---|---|---|
| "Stabbilizzazzjoni tal-bilanċ tal-ilma u l-elettroliti biex tgħin id-diġestjoni fiżjoloġika | — B'mod predominanti elettroliti: sodju, potassju u kloruri<br>— Kapaċità ta' tmewwit (*): minimu ta' 60 mmol f'kull litru tax-xarba mħallta bil-lest għat-tagħlif<br>— Karboidrati diġeribbli ħafna | Għoġġiela, qżieqeż, ħrief, gidjien u mħar | — Sodju<br>— Potassju<br>— Kloruri<br>— Sors(i) ta' karboidrati<br>— Bikarbonati u/jew ċitrati (jekk ikunu miżjuda) | bejn ġurnata u 7 ijiem | — Il-medda rakkomandata tal-elettroliti f'kull litru ta' xarba lesta għat-tagħlif:<br>Sodju 1,7 g — 3,5 g<br>Potassju: 0,4 g — 2,0 g<br>Kloruri: 1 g — 2,8 g<br>— Fuq it-tikketta indika:<br>(1) 'Fil-każ ta' riskju ta' disturbi diġestivi, waqt perjodi ta' disturbi diġestivi, jew waqt il-konvalexxenza minn disturbi diġestivi (dijarea).'<br>(2) 'Huwa rakkomandat li tieħu l-parir ta' veterinarju qabel ma tuża l-prodott u qabel ma ttawwal il-perjodu tal-użu tiegħu.'<br>— Fl-istruzzjonijiet għall-użu indika:<br>(1) Id-doża rakkomandata tax-xarba lesta mħallta u ta' ħalib, jekk rilevanti.<br>(2) Fil-każ li l-bikarbonati u/jew iċ-ċitrati jaqbżu l-40 mmol f'kull litru tax-xarba lesta mħallta għat-tagħlif: 'Għandu jiġi evitat it-tagħlif bil-ħalib fl-istess ħin lill-annimali li jkollhom l-abomasum.'" |

(*) Kalkolu maħdum skont il-metodu Differenza tal-Joni Qawwijin (Strong Ion Difference) (il-Valur SID): L-SID huwa d-differenza bejn it-totali tal-konċentrazzjonijiet tal-katjoni qawwijin u l-anjoni qawwijin; [SID] = [mmol $Na^+$/l] + [mmol $K^+$/l] + [mmol $Ca^{++}$/l] + [mmol $Mg^{++}$/l] – [mmol $Cl^-$/l] – [mmol Anjoni Qawwijin Oħrajn/l].

(f) Ir-ringiela tal-iskop nutrizzjonali partikolari "restorazzjoni nutrizzjonali, konvalexxenza", tal-ispeċi jew kategorija ta' annimali "Klieb" hija sostitwita b'dan li ġej:

| Skop nutrizzjonali partikolari | Karatteristiċi nutrizzjonali essenzjali | Speċi jew kategorija ta' annimal | Dikjarazzjonijiet ta' fuq it-tikketti | It-tul ta' żmien rakkomandat | Dispożizzjonijiet oħra |
|---|---|---|---|---|---|
| | "L-għalf supplimentari jista' jkun fih konċentrazzjoni ta' *Enterococcus faecium* DSM 10663/NCIMB 10415 ogħla minn 100 darba daqs il-kontenut massimu fiss rilevanti fl-ikel komplut. | Klieb | *Enterococcus faecium* DSM 10663/NCIMB 10415 inkluż l-ammont miżjud | bejn 10 ijiem u 15 | — L-istruzzjonijiet għall-użu tal-għalf għandhom jiżguraw li jiġi rispettat il-kontenut massimu legali tal-istabilizzant tal-batterji tal-musrana//mikroorganiżmu għall-ikel komplut.<br>— Fuq it-tikketta indika: 'Huwa rakkomandat li tieħu l-parir ta' veterinarju qabel ma tuża l-prodott u qabel ma ttawwal il-perjodu tal-użu tiegħu.'" |

(g) Ir-ringiela tal-iskop nutrizzjonali partikolari "stabilizzazzjoni tad-diġestjoni fiżjoloġika", speċi jew kategorija ta' annimali: "Speċijiet ta' annimali li huwa awtorizzat għalihom l-istabilizzant tal-batterji tal-musrana" hija sostitwita b'dan li ġej:

| Skop nutrizzjonali partikolari | Karatteristiċi nutrizzjonali essenzjali | Speċi jew kategorija ta' annimal | Dikjarazzjonijiet ta' fuq it-tikketti | It-tul ta' żmien rakkomandat | Dispożizzjonijiet oħra |
|---|---|---|---|---|---|
| | "Addittivi tal-għalf tal-grupp funzjonali 'Stabilizzant tal-batterji tal-musrana' tal-kategorija 'addittivi żootekniċi' kif imsemmijin fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003 jew, sakemm tkun għaddejja l-proċedura tal-awtorizzazzjoni mill-ġdid imsemmija fl-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, addittivi tal-għalf tal-grupp 'mikroorganiżmi'.<br>L-għalf supplimentari jista' jkun fih konċentrazzjoni tal-addittivi tal-grupp funzjonali: 'stabilizzanti tal-batterji tal-musrana/mikroorganiżmi' aktar minn 100 darba daqs il-kontenut massimu fiss rilevanti fl-għalf komplut. | Speċijiet ta' annimali li għalihom huwa awtorizzat l-istabilizzant tal-batterji tal-musrana/ mikroorganiżmu | L-isem u l-ammont miżjud tal-istabilizzant tal-batterji tal-musrana/mikroorganiżmu | Sa 4 ġimgħat | — Fuq it-tikketta tal-għalf indika:<br>(1) 'Fil-każ ta' riskju ta' disturbi diġestivi, waqt perjodi ta' disturbi diġestivi, jew waqt il-konvalexxenza minn disturbi diġestivi.'<br>(2) Fejn japplika: 'L-għalf fih konċentrazzjoni ta' stabilizzant tal-batterji tal-musrana/mikroorganiżmu ta' aktar minn 100 darba l-kontenut massimu awtorizzat fl-għalf komplut.'<br>— L-istruzzjonijiet għall-użu tal-għalf għandhom jiżguraw li jiġi rispettat il-kontenut massimu legali tal-istabilizzant tal-batterji tal-musrana//mikroorganiżmu għall-ikel komplut." |

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1124/2014

## tat-22 ta' Ottubru 2014

## li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati ([2]) u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom il-Kummissjoni tiffissal-valuri standard għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.

(2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta' kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Ottubru 2014.

*Għall-Kummissjoni,*

*F'isem il-President,*

Jerzy PLEWA

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.

([2]) ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1.

*ANNESS*

**Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi tan-NM | Kodiċi tal-pajjiż terz (1) | Valur standard tal-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | AL | 56,9 |
| | MA | 97,6 |
| | MK | 63,6 |
| | XS | 78,2 |
| | ZZ | 74,1 |
| 0707 00 05 | AL | 54,3 |
| | MK | 50,7 |
| | TR | 164,7 |
| | ZZ | 89,9 |
| 0709 93 10 | TR | 145,6 |
| | ZZ | 145,6 |
| 0805 50 10 | AR | 78,7 |
| | CL | 106,8 |
| | TR | 107,1 |
| | UY | 86,1 |
| | ZA | 96,2 |
| | ZZ | 95,0 |
| 0806 10 10 | BR | 237,9 |
| | MD | 39,0 |
| | PE | 346,9 |
| | TR | 150,1 |
| | ZZ | 193,5 |
| 0808 10 80 | BA | 34,8 |
| | BR | 51,3 |
| | CL | 87,1 |
| | CN | 117,7 |
| | NZ | 143,4 |
| | US | 191,0 |
| | ZA | 111,1 |
| | ZZ | 105,2 |
| 0808 30 90 | TR | 116,3 |
| | ZZ | 116,3 |

(1) In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1106/2012 tas-27 ta' Novembru 2012 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 471/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar statistika Komunitarja relatata mal-kummerċ estern ma' pajjiżi li mhumiex membri, fir-rigward tal-aġġornament tan-nomenklatura tal-pajjiżi u t-territorji (ĠU L 328, 28.11.2012, p. 7). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' oriġini oħra".

# DIRETTIVI

## DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2014/99/UE

**tal-21 ta' Ottubru 2014**

**li għall-finijiet biex tiġi adattata mal-progress tekniku, temenda d-Direttiva 2009/126/KE dwar il-Fażi II tal-irkupru tal-fwar tal-petrol waqt ir-rifonniment bil-karburant tal-vetturi bil-mutur fl-istazzjonijiet ta' servizz**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2009/126/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar il-Fażi II tal-irkupru tal-fwar tal-petrol waqt ir-rifonniment bil-karburant tal-vetturi bil-mutur fl-istazzjonijiet ta' servizz ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 8 tagħha,

Billi:

(1) Meta jkun meħtieġ, id-Direttiva 2009/126/KE tipprovdi għall-adattament tekniku tal-Artikoli 4 u 5 tagħha mal-progress tekniku ħalli tiżgura konsistenza ma' kull standard rilevanti li jfassal il-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN).

(2) Fil-25 ta' Settembru 2013, is-CEN għamel disponibbli l-Istandards EN 16321-1:2013 u EN 16321-2:2013. L-Istandard EN 16321-1:2013 jispeċifika l-metodi tat-test għall-approvazzjoni tat-tip ta' sistemi tal-irkupru tal-fwar tal-petrol maħsuba biex jintużaw fl-istazzjonijiet tas-servizz. L-Istandard EN 16321-2:2013 jispeċifika l-metodi tal-ittestjar li għandhom jintużaw fl-istazzjonijiet tas-servizz sabiex jivverifikaw it-tħaddim ta' dawn is-sistemi tal-irkupru tal-fwar.

(3) Għalhekk hemm bżonn isir adattament tekniku tal-Artikoli 4 u 5 tad-Direttiva 2009/126/KE ħalli tkun żgurata l-konsistenza ma' dawk l-istandards.

(4) Il-miżuri previsti f'din id-Direttiva huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2009/126/KE,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

Id-Direttiva 2009/126/KE hija emendata kif ġej:

(1) Il-paragrafu 1 tal-Artikolu 4 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"1. B'effett mid-data meta s-sistemi tal-Fażi II tal-irkupru tal-fwar tal-petrol isiru obbligatorji skont l-Artikolu 3, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-effiċjenza tal-qbid tal-fwar tal-petrol ta' dawn is-sistemi tkun 85 % jew aktar bħalma jiċċertifika l-manifattur skont l-Istandard EN 16321-1:2013."

(2) Il-paragrafu 1 tal-Artikolu 5 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-effiċjenza tal-qbid tal-fwar tal-petrol waqt it-tħaddim tas-sistemi tal-Fażi II tal-irkupru tal-fwar tal-petrol tiġi ttestjata mill-inqas darba kull sena skont l-Istandard EN 16321-2:2013."

*Artikolu 2*

1. Sa mhux aktar tard mit-12 ta' Mejju 2016, l-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jgħaddu t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni minnufih.

([1]) ĠU L 285, 31.10.2009, p. 36.

L-Istati Membri għandhom ukoll japplikaw dawn id-dispożizzjonijiet mit-13 ta' Mejju 2016.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn din ir-referenza meta jiġu ppubblikati b'mod uffiċjali. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandha ssir din ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jgħaddu lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam li tkopri din id-Direttiva.

*Artikolu 3*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 4*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Ottubru 2014.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

### tad-9 ta' Ottubru 2014

### dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni stabbilit mill-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, fuq naħa waħda, u dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, fuq in-naħa l-oħra, rigward is-sostituzzjoni tal-Protokoll 4 ta' dak il-Ftehim, fir-rigward tad-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva, bi protokoll ġdid li, rigward ir-regoli ta' oriġini, jirreferi għall-Konvenzjoni reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-oriġini pan-Ewro-Mediterranji

(2014/734/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4) flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Protokoll 4 tal-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom fuq naħa, u dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, fuq in-naħa l-oħra ([1]), ("il-Ftehim"), jirrigwarda d-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva, ("Protokoll 4").

(2) Il-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-oriġini pan-Ewro-Mediterranji ([2]) ("il-Konvenzjoni") tistabbilixxi dispożizzjonijiet dwar l-oriġini ta' prodotti kkummerċjati skont il-ftehimiet rilevanti konklużi bejn il-partijiet kontraenti għall-Konvenzjoni. Dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja u l-parteċipanti l-oħra fil-proċess ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni fil-Balkani tal-Punent ġew mistiedna jingħaqdu mas-sistema pan-Ewropea tal-akkumulazzjoni djagonali ta' oriġini fl-aġenda ta' Tessaloniki, approvata mill-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2003. Huma ġew mistiedna jissieħbu mal-Konvenzjoni b'deċiżjoni tal-Konferenza Ministerjali Ewro-Mediterranja ta' Ottubru 2007.

(3) L-Unjoni kif ukoll dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja ffirmaw il-Konvenzjoni fil-15 ta' Ġunju 2011.

(4) L-Unjoni u dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja ddepożitaw l-istrumenti tagħhom ta' aċċettazzjoni għand id-depożitarju tal-Konvenzjoni fis-26 ta' Marzu 2012 u fl-14 ta' Ġunju 2012, rispettivament. Bħala konsegwenza, f'applikazzjoni tal-Artikolu 10(3) tal-Konvenzjoni, il-Konvenzjoni daħlet fis-seħħ fir-rigward tal-Unjoni u dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja fl-1 ta' Mejju 2012 u fl-1 ta' Awwissu 2012 rispettivament.

(5) L-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni jipprovdi li kull parti kontraenti għall-Konvenzjoni għandha tieħu miżuri xierqa biex tiżgura li l-Konvenzjoni tiġi applikata b'mod effettiv. Għal dak il-għan, il-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni stabbilit mill-Ftehim għandu jadotta deċiżjoni li tissostitwixxi l-Protokoll 4 bi protokoll ġdid li, fir-rigward tar-regoli tal-oriġini, jirreferi għall-Konvenzjoni.

(6) Il-pożizzjoni tal-Unjoni fi ħdan il-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni għandha għalhekk tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni mehmuża,

([1]) ĠU L 84, 20.3.2004, p. 13.
([2]) ĠU L 54, 26.2.2013, p. 4.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni stabbilit mill-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, fuq naħa waħda, u dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, fuq in-naħa l-oħra, rigward is-sostituzzjoni tal-Protokoll 4 ta' dak il-Ftehim, fir-rigward tad-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva, bi protokoll ġdid li, rigward ir-regoli ta' oriġini, jirreferi għall-Konvenzjoni reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-oriġini pan-Ewro-Mediterranji, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni mehmuża.

2. Jista' jintlaħaq qbil dwar xi tibdil żgħir fl-abbozz tad-deċiżjoni tal-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni mir-rappreżentanti tal-Unjoni fil-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, mingħajr deċiżjoni ulterjuri mill-Kunsill.

*Artikolu 2*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, id-9 ta' Ottubru 2014.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

A. ALFANO

ABBOZZ

## DEĊIŻJONI Nru … TAL-KUNSILL TA' STABILIZZAZZJONI U ASSOĊJAZZJONI TAL-UE-DIK LI KIENET IR-REPUBBLIKA JUGOSLAVA TAL-MAĊEDONJA

**ta'**

**li tissostitwixxi l-Protokoll 4 tal-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom fuq naħa, u dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, fuq in-naħa l-oħra, dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva**

IL-KUNSILL TA' STABBILIZZAZZJONI U ASSOĊJAZZJONI TAL-UE — DIK LI KIENET IR-REPUBBLIKA JUGOSLAVA TAL-MAĊEDONJA,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, fuq naħa waħda, u dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, fuq in-naħa l-oħra [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 40 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Protokoll 4 tal-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, fuq naħa waħda, u dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, fuq in-naħa l-oħra, dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva,

Billi:

(1) L-Artikolu 40 tal-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, fuq naħa waħda, u dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, fuq in-naħa l-oħra ("il-Ftehim") jirreferi għall-Protokoll 4 tal-Ftehim ("Protokoll 4") li jistabbilixxi r-regoli tal-oriġini u jipprovdi għal akkumulazzjoni ta' oriġini bejn l-Unjoni, dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, it-Turkija u kwalunkwe pajjiż jew territorju li jipparteċipa fil-proċess ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni tal-Unjoni.

(2) L-Artikolu 39 tal-Protokoll 4 jipprovdi li l-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni stipulat fl-Artikolu 108 tal-Ftehim jista' jiddeċiedi li jemenda d-dispożizzjonijiet tal-Protokoll 4.

(3) Il-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-oriġini pan-Ewro-Mediterranji [2], ("il-Konvenzjoni"), għandha l-għan li tissostitwixxi l-protokolli dwar ir-regoli tal-oriġini li jinsabu fis-seħħ bħalissa fost il-pajjiżi taż-żona Pan-Ewro-Mediterranja b'att legali wieħed. Dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja u l-parteċipanti l-oħra fil-proċess ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni fil-Balkani tal-Punent ġew mistiedna jingħaqdu mas-sistema pan-Ewropea tal-akkumulazzjoni djagonali ta' oriġini fl-aġenda ta' Tessaloniki, approvata mill-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2003. Huma ġew mistiedna jissieħbu mal-Konvenzjoni b'deċiżjoni tal-Konferenza Ministerjali Ewro-Mediterranja ta' Ottubru 2007.

(4) L-Unjoni kif ukoll dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja ffirmaw il-Konvenzjoni fil-15 ta' Ġunju 2011.

(5) L-Unjoni u dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja ddepożitaw l-istrumenti tagħhom ta' aċċettazzjoni għand id-depożitarju ta' din il-Konvenzjoni fis-26 ta' Marzu 2012 u l-14 ta' Ġunju 2012, rispettivament. Bħala konsegwenza, f'applikazzjoni tal-Artikolu 10(3) tal-Konvenzjoni, il-Konvenzjoni daħlet fis-seħħ fir-rigward tal-Unjoni Ewropea u dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja fl-1 ta' Mejju 2012 u fl-1 ta' Awwissu 2012, rispettivament.

(6) Fejn it-tranżizzjoni lejn il-Konvenzjoni ma tkunx simultanja għall-partijiet kontraenti għall-Konvenzjoni kollha fi ħdan iż-żona ta' akkumulazzjoni, ma għandhiex twassal għal sitwazzjoni anqas favorevoli minn qabel skont il-Protokoll 4.

(7) Il-Protokoll 4 għandu għalhekk jiġi sostitwit bi protokoll ġdid li jagħmel referenza għall-Konvenzjoni.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Protokoll 4 tal-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, fuq naħa waħda, u dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, fuq in-naħa l-oħra, rigward id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva, jiġi sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

[1] ĠU L 84, 20.3.2004, p. 13.
[2] ĠU L 54, 26.2.2013, p. 4.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Hija tapplika mill-….

Magħmul fi

*Għall-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni tal-UE — dik li kienet ir- Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja*

*Il-President*

*ANNESS*

**Protokoll 4**

**dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva**

*Artikolu 1*

**Regoli ta' oriġini applikabbli**

1. Għall-fini tal-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim, japplikaw l-Appendiċi I u d-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Appendiċi II tal-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-oriġini pan-Ewro-Mediterranji [1] ("il-Konvenzjoni").

2. Ir-referenzi kollha għall-"ftehim rilevanti" fl-Appendiċi I u fid-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Appendiċi II tal-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali ta' oriġini Pan-Ewro-Mediterranji jinftiehmu bħala li jirreferu għal dan il-Ftehim.

*Artikolu 2*

**Soluzzjoni tat-tilwim**

1. Fejn iqumu tilwimiet b'rabta mal-proċeduri ta' verifikazzjoni tal-Artikolu 32 tal-Appendiċi I tal-Konvenzjoni li ma jkunux jistgħu jissolvew bejn l-awtoritajiet doganali li jkunu qed jitolbu l-verifikazzjoni u l-awtoritajiet doganali li jkunu responsabbli milli jwettqu dik il-verifikazzjoni, dawn jitressqu quddiem il-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni.

2. Fil-każijiet kollha s-soluzzjoni tat-tilwim bejn l-importatur u l-awtoritajiet doganali tal-pajjiż tal-importazzjoni sseħħ skont il-leġiżlazzjoni ta' dak il-pajjiż.

*Artikolu 3*

**Emendi għall-Protokoll**

Il-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni jista' jiddeċiedi li jemenda d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll.

*Artikolu 4*

**Irtirar mill-Konvenzjoni**

1. Jekk l-Unjoni Ewropea jew dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja jagħtu avviż bil-miktub lid-depożitarju tal-Konvenzjoni dwar l-intenzjoni tagħhom li jirtiraw mill-Konvenzjoni skont l-Artikolu 9 tagħha, l-Unjoni Ewropea u dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja sejrin immedjatament jidħlu f'negozjati dwar ir-regoli tal-oriġini għall-iskop tal-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim.

2. Sad-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regoli ta' oriġini ġodda nnegozjati, ir-regoli tal-oriġini li jinsabu f'Appendiċi I u, fejn xieraq, id-dispożizzjonijiet rilevanti ta' Appendiċi II tal-Konvenzjoni, applikabbli fil-mument tal-irtirar, jibqgħu japplikaw għal dan il-Ftehim. Madankollu, mill-mument tal-irtirar, ir-regoli tal-oriġini li jinsabu fl-Appendiċi I u, fejn xieraq, id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Appendiċi II tal-Konvenzjoni jiġu interpretati fis-sens li jippermettu akkumulazzjoni bilaterali bejn l-Unjoni Ewropea u dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja biss.

*Artikolu 5*

**Dispożizzjonijiet ta' tranżizzjoni — akkumulazzjoni**

1. Minkejja l-Artikolu 3 tal-Appendiċi I tal-Konvenzjoni, ir-regoli dwar l-akkumulazzjoni previsti fl-Artikoli 3 u 4 ta' dan il-Protokoll, kif emendati permezz tal-Protokoll tal-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, fuq naħa waħda, u dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, fuq in-naħa l-oħra, sabiex iqisu l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija mal-Unjoni Ewropea [2], ikomplu japplikaw bejn l-Unjoni Ewropea u dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja sa meta l-Konvenzjoni tkun daħlet fis-seħħ fir-rigward tal-Partijiet Kontraenti kollha elenkati fl-Artikoli 3 u 4 ta' dan il-Protokoll.

[1] ĠU L 54, 26.2.2013, p. 4.
[2] ĠU L 99, 10.4.2008, p. 2.

2. Minkejja l-Artikoli 16(5) u 21(3) tal-Appendiċi I tal-Konvenzjoni, fejn l-akkumulazzjoni tinvolvi biss l-Istati tal-EFTA, il-Gżejjer Faeroe, l-Unjoni Ewroepa, it-Turkija u l-parteċipanti fil-Proċess ta' Stabilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni, il-prova tal-oriġini tista' tkun ċertifikat ta' moviment EUR.1 jew dikjarazzjoni tal-oriġini.

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tad-9 ta' Ottubru 2014

## dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni stabbilit permezz tal-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni tal-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom fuq naħa, u r-Repubblika tal-Montenegro, fuq in-naħa l-oħra, dwar is-sostituzzjoni tal-Protokoll 3 ta' dak il-Ftehim, dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u metodi ta' koperazzjoni amministrattiva, bi Protokoll ġdid li, rigward ir-regoli ta' oriġini, jirreferi għall-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-oriġini pan-Ewro-Mediterranji

(2014/735/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4) flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Protokoll 3 tal-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom fuq naħa, u r-Repubblika tal-Montenegro, fuq in-naħa l-oħra ([1]), ("il-Ftehim"), jikkonċerna d-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' koperazzjoni amministrattiva, ("Protokoll 3").

(2) Il-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-oriġini pan-Ewro-Mediterranji ([2]), ("il-Konvenzjoni") tistabilixxi dispożizzjonijiet dwar l-oriġini ta' prodotti kkummerċjati skont il-Ftehimiet rilevanti konklużi bejn il-Partijiet Kontraenti. Il-Montenegro u l-parteċipanti l-oħra tal-Proċess ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni fil-Balkani tal-Punent ġew mistiedna jingħaqdu mas-sistema pan-Ewropea ta' akkumulazzjoni djagonali ta' oriġini fl-aġenda ta' Tessaloniki, approvata mill-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2003. Huma ġew mistiedna jissieħbu mal-Konvenzjoni b'deċiżjoni tal-Konferenza Ministerjali Ewro-Mediterranja ta' Ottubru 2007.

(3) L-Unjoni u l-Montenegro ffirmaw il-Konvenzjoni fil-15 ta' Ġunju 2011.

(4) L-Unjoni u l-Montenegro ddepożitaw l-istrumenti tagħhom ta' aċċettazzjoni għand id-depożitarju tal-Konvenzjoni fis-26 ta' Marzu 2012 u t-2 ta' Lulju 2012, rispettivament. Bħala konsegwenza, f'applikazzjoni tal-Artikolu 10(3) tal-Konvenzjoni, il-Konvenzjoni daħlet fis-seħħ b'rabta mal-Unjoni u l-Montenegro fl-1 ta' Mejju 2012 u fl-1 ta' Settembru 2012 rispettivament.

(5) L-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni jipprovdi li kull Parti Kontraenti għandha tieħu miżuri xierqa biex tiżgura li l-Konvenzjoni tiġi applikata b'mod effettiv. Għal dan l-għan, il-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni stabbilit mill-Ftehim għandu jadotta deċiżjoni li tissostitwixxi l-Protokoll 3 bi protokoll ġdid li, rigward ir-regoli ta' oriġini, jirreferi għall-Konvenzjoni.

(6) Il-pożizzjoni tal-Unjoni fi ħdan il-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni għandha għalhekk tkun ibbażata fuq fl-abbozz tad-Deċiżjoni hawn mehmuż,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni stabbilit permezz tal-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom fuq naħa, u r-Repubblika tal-Montenegro, fuq in-naħa l-oħra, dwar is-sostituzzjoni tal-Protokoll 3 ta' dak il-Ftehim, dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u metodi ta' koperazzjoni amministrattiva, bi protokoll ġdid li, rigward ir-regoli ta' oriġini, jirreferi għall-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli ta' oriġini pan-Ewro-Mediterranji, għandha tiġi bbażata fuq abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni li jinsab mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

([1]) ĠU L 108, 29.4.2010, p. 3.
([2]) ĠU L 54, 26.2.2013, p. 4.

Jista' jintlaħaq qbil dwar xi tibdil żgħir fl-abbozz tad-deċiżjoni tal-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni mir-rappreżentanti tal-Unjoni fil-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, mingħajr deċiżjoni ulterjuri mill-Kunsill.

*Artikolu 2*

Id-deċiżjoni tal-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, id-9 ta' Ottubru 2014.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

A. ALFANO

ABBOZZ

## DEĊIŻJONI Nru … TA' STABILIZZAZZJONI U TA' ASSOĊJAZZJONI UE-MONTENEGRO

**ta'**

**li tissostitwixxi l-Protokoll 3 għall-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Montenegro, min-naħa l-oħra, dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u dwar il-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva**

IL-KUNSILL TA' STABBILIZZAZZJONI U ASSOĊJAZZJONI TAL-UE U L-MONTENEGRO,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Montenegro, min-naħa l-oħra, iffirmat fil-Lussemburgru fil-15 ta' Ottubru 2007 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 44 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Protokoll 3 tal-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Montenegro, min-naħa l-oħra, dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva,

Billi:

(1) L-Artikolu 44 tal-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Montenegro, min-naħa l-oħra ("il-Ftehim") jirreferi għall-Protokoll 3 dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u dwar il-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva ("Protokoll 3") li jistabbilixxi r-regoli tal-oriġini u jipprovdi għal kumulazzjoni ta' oriġini bejn l-Unjoni, il-Montenegro, it-Turkija u kwalunkwe pajjiż jew territorju li jipparteċipa fil-Proċess ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni tal-Unjoni.

(2) L-Artikolu 39 tal-Protokoll 3 jipprovdi li l-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni stabbilit fl-Artikolu 119 tal-Ftehim jista' jiddeċiedi li jemenda d-dispożizzjonijiet ta' dak il-Protokoll.

(3) Il-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-oriġini Pan-Ewro-Mediterranji ([2]), ("il-Konvenzjoni"), għandha l-għan li tissostitwixxi l-protokolli dwar ir-regoli tal-oriġini li jinsabu fis-seħħ bħalissa fost il-pajjiżi taż-żona Pan-Ewro-Mediterranja, b'att legali wieħed. Il-Montenegro u parteċipanti oħra tal-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni fil-Balkani tal-Punent ġew mistiedna jingħaqdu mas-sistema pan-Ewropea ta' akkumulazzjoni djagonali ta' oriġini fl-aġenda ta' Tessaloniki, approvata mill-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2003. Huma ġew mistiedna jissieħbu mal-Konvenzjoni b'deċiżjoni tal-Konferenza Ministerjali Ewro-Mediterranja ta' Ottubru 2007.

(4) L-Unjoni u l-Montenegro ffirmaw il-Konvenzjoni fil-15 ta' Ġunju 2011.

(5) L-Unjoni u l-Montenegro ddepożitaw l-istrumenti tagħhom ta' aċċettazzjoni għand id-depożitarju ta' din il-Konvenzjoni fis-26 ta' Marzu 2012 u fit-2 ta' Lulju 2012, rispettivament. B'konsegwenza ta' hekk, fl-applikazzjoni tal-Artikolu 10(3) tal-Konvenzjoni, il-Konvenzjoni daħlet fis-seħħ f'relazzjoni mal-Unjoni u l-Montenegro fl-1 ta' Mejju 2012 u fl-1 ta' Settembru 2012 rispettivament.

(6) Fejn it-tranżizzjoni lejn il-Konvenzjoni ma tkunx simultanja għall-Partijiet Kontraenti kollha fiż-żona ta' kumulazzjoni, m'għandhiex twassal għal sitwazzjoni anqas favorevoli minn qabel skont il-Protokoll 3.

(7) Il-Protokoll 3 għandu għalhekk jiġi sostitwit bi protokoll ġdid sabiex jagħmel referenza għall-Konvenzjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Protokoll 3 tal-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Montenegro, min-naħa l-oħra, rigward id-definizzjoni tal-kunċett ta' 'prodotti oriġinarji' u metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva, huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

([1]) ĠU L 108, 29.4.2010, p. 3.
([2]) ĠU L 54, 26.2.2013, p. 4.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Hija tapplika mill-1 ta' Settembru 2014.

Magħmul fi

*Għall-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni*

*Il-President*

*ANNESS*

**Protokoll 3**

**dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u dwar metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva**

*Artikolu 1*

## Regoli ta' oriġini applikabbli

Għall-fini tal-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim, Appendiċi I u d-dispożizzjonijiet rilevanti ta' Appendiċi II għall-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-oriġini pan-Ewro-Mediterranji ("il-Konvenzjoni") għandhom japplikaw. ([1])

Ir-referenzi kollha għal "ftehim rilevanti" f'Appendiċi I u fid-dispożizzjonijiet rilevanti ta' Appendiċi II għall-Konvenzjoni għandhom jiġu interpretati bħala li jfissru dan il-Ftehim.

*Artikolu 2*

## Soluzzjoni tat-Tilwim

Fejn iqumu tilwimiet b'rabta mal-proċeduri ta' verifikazzjoni tal-Artikolu 32 tal-Appendiċi I għall-Konvenzjoni li ma jkunux jistgħu jissolvew bejn l-awtoritajiet doganali li jkunu qed jitolbu l-verifikazzjoni u l-awtoritajiet doganali li jkunu responsabbli milli jwettqu din il-verifikazzjoni, jiġu sottomessi lill-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni.

Fil-każijiet kollha s-soluzzjonijiet tat-tilwim bejn l-importatur u l-awtoritajiet doganali tal-pajjiż tal-importazzjoni jsiru skont il-leġiżlazzjoni ta' dak il-pajjiż.

*Artikolu 3*

## Emendi għall-Protokoll

Il-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni jista' jiddeċiedi li jemenda d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll.

*Artikolu 4*

## Irtirar mill-Konvenzjoni

1. Jekk l-Unjoni Ewropea jew il-Montenegro jagħtu avviż bil-miktub lid-depożitarju tal-Konvenzjoni dwar l-intenzjoni tagħhom li jirtiraw mill-Konvenzjoni skont l-Artikolu 9 tagħha, l-Unjoni Ewropea u l-Montenegro għandhom jidħlu minnufih f'negozjati dwar ir-regoli tal-oriġini għall-iskop tal-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim.

2. Sad-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regoli ta' oriġini appena nnegozjati, ir-regoli tal-oriġini li jinsabu f'Appendiċi I u, fejn xieraq, id-dispożizzjonijiet rilevanti ta' Appendiċi II tal-Konvenzjoni, applikabbli fil-mument ta' rtirar, għandhom jibqgħu japplikaw għal dan il-Ftehim. Madankollu, mill-mument ta' rtirar, ir-regoli tal-oriġini li jinsabu f'Appendiċi I u, fejn xieraq, id-dispożizzjonijiet rilevanti ta' Appendiċi II tal-Konvenzjoni jiġu interpretati fis-sens li jippermettu kumulazzjoni bilaterali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Montenegro biss.

*Artikolu 5*

## Kumulazzjoni — tad-dispożizzjonijiet tranżitorji

1. Minkejja l-Artikolu 3 tal-Appendiċi I tal-Konvenzjoni, ir-regoli dwar il-kumulazzjoni previsti fl-Artikoli 3 u 4 tal-Protokoll 3 ta' dan il-Ftehim, kif adottati mill-Unjoni Ewropea u l-Montenegro dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ([2]), għandhom ikomplu japplikaw bejn il-Partijiet għal dan il-Ftehim sakemm il-Konvenzjoni ssir applikabbli għall-Partijiet Kontraenti kollha għall-Konvenzjoni elenkati f'dawk l-Artikoli.

2. Minkejja l-Artikoli 16(5) u 21(3) tal-Appendiċi I tal-Konvenzjoni, fejn il-kumulazzjoni tinvolvi biss l-Istati tal-EFTA, il-Gżejjer Faroe, l-Unjoni Ewropa, it-Turkija u l-parteċipanti fil-Proċess ta' Stabilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni, il-prova tal-oriġini tista' tkun ċertifikat ta' moviment EUR. 1 jew dikjarazzjoni tal-oriġini.

---

([1]) ĠU L 54, 26.2.2013, p. 4.
([2]) ĠU L 108, 29.4.2010, p. 3.

# DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

## tat-22 ta' Ottubru 2014

## li tikkoreġi l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/461/UE dwar deroga temporanja mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/755/UE, rigward ir-regoli ta' oriġini tal-gambli u gambli kbar, li huma ppreparati u ppreżervati, ġejjin mill-Groenlandja

(2014/736/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/755/UE tal-25 ta' Novembru 2013 dwar l-assoċjazzjoni tal-pajjiżi u t-territorji barranin mal-Unjoni Ewropea ("Deċiżjoni dwar l-Assoċjazzjoni Barranija") ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 16 tal-Anness VI tagħha,

Billi:

(1) Fil-verżjonijiet lingwistiċi kollha tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/461/UE ([2]), tħalliet barra parti min-Numru tal-Ordni indikat fit-tabella fl-Anness ta' dik id-Deċiżjoni għall-oġġetti koperti mid-deroga mid-Deċiżjoni 2013/755/UE. In-Numru tal-Ordni sħiħ għandu jkun 09.0691.

(2) L-operaturi tal-Unjoni ma jisgħux jirrikorru għall-benefiċċju tal-kwota tariffarja mingħajr ma jiddaħħal in-Numru tal-Ordni preċiż fil-Kaxxa 39 tad-Dokument Amminstrattiv Singolu msemmi fl-Artikolu 205(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 ([3]) flimkien mal-kodiċi tat-trattament korrispondenti fil-Kaxxa 36.

(3) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/461/UE daħlet fis-seħħ fil-15 ta' Lulju 2014 iżda ġiet applikata retroattivament mill-1 ta' Jannar 2014. Din id-Deċiżjoni għandha għalhekk tapplika retroattivament mill-1 ta' Jannar 2014.

(4) Sabiex jiġu evitati konsegwenzi ekonomiċi bla bżonn għall-operaturi, jeħtieġ li jkun żgurat id-dħul fis-seħħ imminenti sabiex l-operaturi tal-Unjoni jkunu jistgħu jirrikorru għall-benefiċċju tal-kwota tariffarja fl-iqsar żmien possibbli.

(5) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/461/UE għandha għalhekk tiġi emendata skont dan.

(6) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Fit-tabella fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/461/UE, in-Numru tal-Ordni "09.xxxx" huwa sostitwit bi "09.0691".

([1]) ĠU L 344, 19.12.2013, p. 1.

([2]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/461/UE tal-14 ta' Lulju 2014 dwar deroga temporanja mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/755/UE, rigward ir-regoli ta' oriġini tal-gambli u gambli kbar, li huma ppreparati u ppreżervati, ġejjin mill-Groenlandja (ĠU L 207, 15.7.2014, p. 20).

([3]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 Lulju 1993 li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju (ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1).

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Ghandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2014.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Ottubru 2014.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)

**L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea**
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT